# IL-VIŻJONI PROFETIKA

Knisja elfejn

sena XXXVIII nru. 157
lulju – settembru 2026

# Il-Viżjoni Profetika

## WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Prof. Joseph Agius OP
**L-Awtentiċità tal-Profetiżmu tat-Tradizzjoni Ġudeo-Kristjana** 3

Fr Dr Sinclair Bugeja
**Il-Profeta: Strument ta' Alla u pont mal-bnedmin** 29

Fr Dr Justin Schembri OP
**The Biblical Prophet: Humanity's Conscience or the King's Mouthpiece?** 37

Mons. Joseph Sultana
**Il-Profeta u l-kuxjenza tal-poplu** 55

Fr Raymond Gatt OP
**'Expositio super Isaiam ad litteram': Tumas t'Akwinu u l-Profeta Isaija** 67

Fr Prof. Martin Micallef
**Ġesù bħala profeta – anzi xi ħaġa aktar minn profeta** 77

Mons. Prof. Hector Scerri
**Il-vuċi profetika tal-Knisja llum** 89

E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP
**Il-Ħajja Reliġjuża: Profezija għall-Knisja** 101

Kontributuri 117

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni
Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Misraħ San Duminku
Rabat RBT 2521

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca
Stampat: Best Print, Qrendi. Tel. 21 680789
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

*Editorjal*

# Il-Viżjoni Profetika

Fr Raymond Gatt OP

Fl-Ittra Enċiklika li l-Papa Ljun XIV ħareġ fil-15 ta' Mejju 2026 bl-isem *Magnifica Umanitas*, huwa kiteb: *'Qed ngħixu fażi mgħaġġla ta' tranżizzjoni, "bidla epokali", li fiha – waqt li xi wħud jikkompetu bejniethom għall-futur tat-teknoloġiji ġodda u oħrajn huma impenjati fir-riflessjoni dwarhom – il-parti l-kbira tal-persuni jibqgħu jistennew, josservaw mill-bogħod u jittamaw li sempliċiment kollox imur għall-aħjar. Proprju għalhekk il-kuxjenza tagħna għandna nrossu fuqha mistoqsijiet deċiżivi, li ma nistgħux naħarbu aktar minnhom: fejn sejrin? Lejn liema destinazzjoni nixtiequ norjentaw ruħna? Liema direzzjoni għandna nagħżlu bħala komunità umana bħala popli?'* (par.6) Dan il-leħen profetiku tal-Papa qiegħed jiġbed l-attenzjoni tal-umanità biex tiddixxerni l-viżjoni tagħha għall-gejjieni, quddiem il-bidliet teknoloġiċi u l-effetti tagħhom li qed isseħħu fi żminijietna.

Il-profezija u l-viżjoni li din twassal lil dawk li lejhom tigi indirizzata hija don t'Alla li huwa jagħti lill-persuni biex iwasslu l-kelma tiegħu (Eż 7:1; Ġer 1:7; Is 6:8-9, 55:10-11; Eżek 2:3-4, 3:10-11; Għam 1:14-15). Dan nistgħu narawh b'mod kontinwu fil-letteratura profetika tat-Testment il-Qadim. Fil-fatt il-missjoni tal-profeta kienet li jitkellem f'isem Alla billi jwassal il-messaġġi divini tiegħu lill-poplu. Min-naħa tiegħu l-poplu kellu jiddixxerni u jindem mill-iżbalji tiegħu u jimxi 'l quddiem fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Il-profeti kienu l-ilħna li jiġbdu l-attenzjoni tal-kuxjenza fin-nuqqasijiet morali tal-poplu t'Alla bħalma kienet l-inġustizzja, l-idolatrija, ir-regħba, l-oppressjoni u l-korruzzjoni li kienu qed idgħajfu t-tessut tal-ħajja tal-poplu. Fl-istess ħin il-profeti kellhom jinkoraġġixxu lill-poplu biex jagħmel kuraġġ fi żminijiet diffiċli għax Alla kien se jibqa' preżenti miegħu (Hag 1:13).

Il-profezija tat-Testment il-Qadim tinġabar fil-persuna ta’ Ġesù Kristu *‘...li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u l-poplu kollu’* (Lq 24:19). Il-ħajja tiegħu kienet profezija kontinwa għad-dixxipli tiegħu: Kristu, l-Iben t’Alla l-ħaj, wera bl-għemil u bil-kliem x’inhi l-viżjoni tiegħu tas-saltna t’Alla. Kull Nisrani bil-magħmudija jsir profeta kif jikteb San Pawl: *‘...dak li jipprofetizza jkun jitkellem mal-bnedmin, biex jibni u jħeġġeġ u jqawwi l-qalb... min jipprofetizza jkun qiegħed jibni l-Knisja... ilkoll kemm intom irridkom tipprofetizzaw’* (I Kor 14:3-5). Għalhekk kull Nisrani mimli bl-Ispirtu s-Santu jrid iwassal il-messaġġ tas-salvazzjoni. Din hija l-missjoni ta’ kull membru tal-Knisja llum b’mod speċjali fis-soċjetà li tagħha huwa membru. In-Nisrani jrid ikun profeta billi jkun ta’ dawl fid-dlam, ta’ ħmira fl-għaġna, li jservi ta’ pont f’salib it-toroq, u jkun bniedem ta’ djalogu biex toħroġ il-verità.

Il-Papa Ljun XIV ikompli jdawwalna meta jikteb: *‘... hi ħidma tal-membri kollha tal-Poplu ta’ Alla li jsemmgħu, imqar jekk bl-aktar modi differenti, leħen li jqanqal, li jikkundanna, li jesponi ruħu mqar jekk hemm ir-riskju li nidhru “stupidi”. L-istrutturi ta’ inġustizzja għandna nagħrfuhom u neqirduhom bil-qawwa tat-tajjeb, bil-bidla fil-mentalitajiet, imma wkoll, bl-għajnuna tax-xjenzi u tat-teknoloġija, bl-iżvilupp ta’ politika effikaċi fit-trasformazzjoni tas-soċjetà. Irridu nfakkru dejjem li l-proposta tal-Vanġelu mhijiex biss dik ta’ relazzjoni individwali u intima mal-Mulej. Il-proposta hi usa’ minn hekk: Hi s-Saltna t’Alla (Lq 4:43); hawn qed nitkellem dwar l-imħabba lejn Alla li jsaltan fid-dinja. Skont kemm hu jsaltan fostna, il-ħajja soċjali ssir spazju ta’ fraternità, ta’ ġustizzja, ta’ paċi, ta’ dinjità għal kulħadd. Għalhekk, sew it-tħabbira u sew l-esperjenza Nisranija għandhom l-għan li jqanqlu konsegwenzi soċjali. Infittxu s-Saltna tiegħu”* (Dilexi Te, par. 97).

Nixtieq nirringrazzja lir-Rev. Prof. Martin Micallef li għenni biex noħroġ din il-ħarġa tar-rivista u lill-kontributuri kollha li permezz tal-artikli tagħhom se jgħinuna nifhmu iżjed l-importanza tal-viżjoni profetika għal ħajjitna.

# L-Awtenticità tal-Profetiżmu tat-Tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

Fr Prof. Joseph Agius OP

## 1. Introduzzjoni

Fil-bidu ta' kull reliġjon hemm individwu li ħass li kellu intuwizzjoni – *germinal idea* – esperjenza interna li dehrlu li ma kinetx ġiet minnu, eżaminaha u interpretaha fid-dawl tat-twemmin tiegħu u attribwixieha lil divinità li kien jemmen fiha. Konvint mill-oriġini divina tal-intuwizzjoni, xandarha lil ħaddieħor f'ġeneru letterarju li seta' jesperimi l-oriġini divina tal-intuwizzjoni. Il-ġeneru letterarju seta' kien pereżempju rakkont li d-divinità kellmitu, kultant akkumpanjat minn viżjoni jew ħolm. Min kien jemmen ir-rakkont mhux biss kien jemmen fil-validità u l-awtentiċità tal-intuwizzjoni imma kien jikkunsidra lil dak li xandarhielu bi bniedem kapaċi jikkomunika mad-divinità u jgħarraf ir-rieda tad-divinità lil ħaddiehor.

Hekk kienet tiġi ffurmata komunità reliġjuża; it-twemmin tagħha kien ikun ibbażat fuq dak li kien irrakkuntalhom dak li kellu l-intuwizzjoni oriġinali. Imma fl-istorja ta' dawk li emmnu, l-intuwizzjoni oriġinali spiss ġara li dehru oħrajn li dehrilhom li huma wkoll kellhom intuwizzjonijiet ġejjin mid-divinità u xandruhom biex jinterpretaw u jiżviluppaw l-intuwizzjoni oriġinali u t-twemmin ta' dawk li kienu aċċettawha. Mingħajr dawk li b'intuwizzjonijiet ġodda interpretaw u żviluppaw l-intuwizzjoni oriġinali, it-twemmin ta' dawk li emmnuha kien jistaġna u t-twemmin tagħhom jisfa f'periklu li jmut. Effettivament xi reliġjonijiet antiki sparixxew għalkollox, oħrajn staġnaw, u oħrajn baqgħu jeżistu sal-lum.

In-nies li kienu konvinti li kellhom intuwizzjonijiet t'oriġini divina u n-nies kienet tgħoddhom b'individwi kapaċi jitkellmu f'isem divinità nistgħu nsejħulhom profeti.

## 2. Il-profetiżmu fil-kulturi barra lil hinn mit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

Il-kelma *profeta* ġejja mill-Grieg *profetes*, nom iffurmat mill-partiċella *pro* u *fetes* derivat mill-verb *femi*. Il-verb *femi* jfisser *tkellem*. Il-partiċella *pro* jista' jkollha diversi konnotazzjonijiet, pereżempju konnotazzjoni temporali, konnotazzjoni lokali, jew konnotazzjoni ta' minflok. Jekk *pro* wieħed jifhimha b'konnotazzjoni temporali, *profetes* tindika lil xi ħadd li jitkellem *qabel*, *bil-quddiem,* fuq ħwejjeġ li għad irid jiġru. Jekk wieħed jifhimha b'konnotazzjoni lokali tindika lil xi ħadd li jitkellem fiżikament *quddiem* id-divinità f'ċentru tal-kult. Jekk wieħed jifhimha b'konnotazzjoni ta' *minflok profetes* tindika lil xi ħadd li jitkellem minflok id-divinità. Jekk wieħed jikkunsidra l-etimoloġija biss diffiċli jgħid għaliex fl-antik il-Griegi kienu jikkunsidraw xi nies bi profeti. Biex wieħed jiddeċiedi x'kienu jifhmu fl-antik il-Griegi bi profeta, aktar jaqbel li wieħed jikkunsidra kif kienu jużaw *profetes* u lil min kienu jsejħulu hekk.

Fil-kultura Griega il-profeta kien dejjem xi ħadd li għandu rapport ma' divinità. Kienu *personae religiosae.* It-testi antiki isemmu nies b'isimhom u jsejħulhom profeti ta' Żeus, ta' Tiresias, ta' Orfeus, ta' Glaucus, ta' Apollou ta' Bacchus. Il-ħidma ta' dawn il-profeti kienet dejjem tikkonsisti filli jitkellmu f'isem id-divinità u jinterpretaw ir-rieda tad-divinità lill-bniedem.[1] Fil-kultura Griega il-profeta ma kienx *foreteller*, imma *forthteller*. Il-metodu kif kien jikseb tagħrif dwar ir-rieda tad-divinità ivarja minn każ għall-ieħor, u mhux possibbli li hawnhekk wieħed jidħol f'dettalji.

Barra l-kultura Griega kien hemm kulturi reliġjużi oħra li kellhom il-profeti tagħhom. Il-Bibbja stess talludi għal dan. Issemmi, pereżempju, il-profeti ta' Bagħal. Għal-sekli sħaħ, ir-reliġjon ta' Iżrael ma kinetx reliġjon monoteistika – twemmin li jeżisti Alla wieħed biss – imma kienet reliġjon henoteistika – twemmin li kull ġens kellu alla jew allat tiegħu biex jieħdu ħsiebu. Bħalma Iżrael kellu Alla tiegħu jieħu ħsiebu u Iżrael kien mistenni jqim lilu biss, hekk ukoll il-ġnus l-oħra kellhom l-allat tagħhom jieħdu ħsiebhom u kienu jqimu lil dawn l-allat. U bħalma f'Iżrael kien hemm profeti li jitkellmu f'isem Alla ta' Iżrael, il-ġnus l-oħra kellhom profeti jitkellmu f'isem l-allat tagħhom.

Wieħed mill-allat importanti tal-Kagħanin kien Bagħal, id-divinità li minnu jiddependu r-ritorn regolari tal-istaġuni, u per konsegwenza il-fertilità tal-art u l-għajxien tan-nies u l-bhejjem. Il-Bagħaliżmu nfirex sewwa f'Iżrael – is-saltna ta' fuq – fis-sekli IX u VIII, u n-nies ta' Iżrael inġibdet lejn il-kult ta' din id-divinità.[2] Il-profeti ta' Bagħal kienu numerużi u ma jistax jonqos li n-nies li nġibdet lejn Bagħal kellha anki stima tal-profeti ta' Bagħal. Biex jitkellem fuq il-profeti ta' Bagħal, it-Testment il-Qadim juża t-terminu *nabi'*,[3] l-istess terminu li juża biex jitkellem fuq il-profeti ta' Alla ta' Iżrael. L-isfida li Elija kellu mal-profeti ta' Bagħal fuq il-Karmel[4] kellha l-iskop li tikkonvinċi n-nies ma jdurux fuq Bagħal u l-profeti tiegħu. Barra l-profeti ta' Bagħal minn testi antiki jidher li f'Kangħan kien hemm nies oħra b'karatteristiċi profetiċi. In-nies kienet tgħoddhom b'kapaċi jagħrfu ħwejjeġ moħbija minħabba r-rapport tagħhom mad-divinità.[5]

Kien hemm nies b'karatteristiċi profetiċi anki fil-Meżopotamja. Il-Bibbja stess issemmi lill-Profeta Balgħam.[6] Jingħad li kien joqgħod f'Petor fl-inħawi ta' Għammaw ħdejn l-Ewfrat.[7] Ma kienx ta' nisel Iżraelita u għalhekk ma kienx profeta ta' Alla ta' Iżrael, imma xorta waħda qal li kien imnebbaħ biex ixandar favur Iżrael. Dak li tissoponi l-Bibbja hu kkonfermat minn testi antiki mill-Meżopotamja – l-inħawi tal-Ewfrat – li jsemmu nies li jitkellmu f'isem divintà fuq ħwejjeġ mhux magħrufa mill-bqija tan-nies.

It-testi Akkademiċi mill-Meżopotamja jsemmu il-*baru*[8] li kien saċerdot – *persona religiosa* – kapaċi jara u jobsor ħwejjeġ moħbija. Kien jara u jobsor bl-użu ta' mezzi tekniċi.[9] Testi minn Mari tas-seklu XVII isemmu l-*apilum*, bniedem kapaċi jagħti tweġiba, u l-*muħħum* bniedem estatiku. Kien hemm minnhom irġiel u nisa, kellhom attività mad-divinità f'santwarju, fejn kienu jħosssu li kellhom messaġġ mingħand id-divinità, li mbagħad kienu jwassluh lid-destinarji tagħhom.[10]

Fl-Eġittu wkoll kien hemm individwi b'karatteristiċi profetiċi, *personae religiosae* li minħabba r-rapport tagħhom mad-divinità kienu meqjusin kapaċi jagħrfu ħwejjeġ moħbija. Manwal tas-seklu XIV jiddeskrivi kif dawn in-nies kienu jfissru l-ħolm.[11] Fi żmien l-Imperu Antik [sekli XXIX – XXIII] kien hemm ħafna taħwid fl-Eġittu. Reġa' kien hemm ordni meta fil-bidu tal-Imperu Medju [sekli XXI – XVIII]

ġiet inawgurata t-Tnax-il Dinastija minn Amen-em-het I. F'dawn iċ-ċirkustanzi s-saċerdot Neferrohu ħabbar it-tmiem tat-taħwid u l-inawgurazzjoni ta' ordni ġdid ta' għaqda fl-Egittu.[12] Plinju l-Kbir jirrakkonta kif xi ż żgħażagħ waqt il-kult ta' Apis – kienu *personae religiosae* – intilfu minn sensihom – kienu f'estasi – u bdew iħabbru ġrajjiet tal-ġejjieni.[13]

Fenomeni tal-istess tip nafu bihom anki f'kulturi oħra. Fost l-Għarab pre-Islamiċi kien hemm tip ta' individwu jsejħulu *kahin* li skont l-Għarab kien bniedem magħżul mill-ispirtu – il-*jinnee* – li kultant kien jitkellem mal-ispirtu u kultant kien jinħakem mill-ispirtu f'estasi. Il-ħidma tiegħu l-*kahin* kien jagħmilha waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-kult, u għalhekk jista' jitqies bħala *persona religiosa.* L-Għarab post-Islamiċi kellhom id-*dervix* li kien jgħix f'komunità dedikata għall-ħidma reliġjuża u kienet taħt it-tmexxija ta' xejk. Dawn f'okkażjonijiet kienu jaslu għall-estasi permezz ta' talb, kontemplazzjoni, ċaqliq tal-ġisem, twerżiq, u kienu jaslu biex iħabbru dak li jkunu saru jafu f'dan l-istat mingħand id-divinità.

Fl-inħawi tal-Artiku kien hemm ix-*xaman* li n-nies kienet tgħoddu b'medjatur bejn il-bniedem u l-ispirtu. Kien jikseb tagħrif mill-ispirtu fuq ħwejjeġ moħbija maħkum mill-ispirtu – fi stat ta' estasi – li għan-nies kien prova li dak li jħabbar ix-*xaman* kien ikun ġej mill-ispirtu.

It-Testment il-Ġdid ukoll jagħraf li l-ġnus barranin kellhom profeti. S. Pawl jirreferi għall-profeta tan-nies ta' Kreta.[14] Ir-riferiment hu probabbilment għall-Epimendes ta' Knossos li għex fis-seklu VI jew VII q.K. Meta wieħed janalizza dak li jingħad fuqu diffiċli li wieħed jiddistingwi x'inhu minnu u x'inhu vvintat, imma ċert li kien meqjus bħala bniedem b'doni divini u kien kapaċi jbassar.

### 3. Il-Profeti tat-Tradizzjoni Biblika

Bi tradizzjoni biblika nifhmu dak li jingħad kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fit-Testment il-Ġdid.

Nibdew bit-terminoloġija li juża t-Testment il-Qadim biex jitkellem fuq il-profeta. It-traduzzzjoni Griega tat-Testment il-Qadim[15] tuża *profetes* biex taqleb l-Ebrajk *nabi'*.[16] Dan it-terminu hu applikat lil kull min kellu l-kariżma profetika. Hu applikat lil dawk li lilhom huma attribwiti l-kotba profetiċi,[17] imma anki lil diversi nies oħra li

jitkellem fuqhom it-Testment il-Qadim.[18] L-etimoloġija ta' *nabi'* ma nafux x'inhi għax ma nafux liema lingwa ħolqot dan in-nom,[19] imma kullimkien jindika lil xi ħadd li kellu kuntatt ma' Alla u kien kapaċi jitkellem f'isem Alla.[20]

F'1 Sam 9,9 jingħad li dari in- *nabi'* kien jissejjaħ *ro'eh*, *wieħed li jara, li jobsor*. Effettivament Samwel hu msejjaħ *nabi'* u anki *ro'eh*.[21] Il-profeta kien jissejjaħ hekk għax b'intervent t'Alla kien kapaċi jara ħwejjeġ li kienu moħbija għall-bqija tan-nies.

Il-profeta kien ukoll magħruf b'*ħożeh*, *wieħed li jara*, *li jobsor*.[22] Hu possibbli li l-profeta kien jissejjaħ *ħożeħ* għax uħud kienu jirċievu r-rivelazzjoni permezz ta' viżjoni jew almenu għax kienu jagħżlu li jirrakkuntaw l-esperjenza tar-rivelazzjoni bil-ġeneru letterarju ta' viżjoni. Mhux dejjem hu faċli li wieħed jiddeciedi jekk ir-rakkont tal-viżjoni hux rakkont tal-esperjenza interna tal-profeta jew jekk hux il-ġeneru letterarju li profeta għażel biex jirrakkonta l-esperjenza tar-rivelazzjoni.

Diversi profeti huma msejħin *ix ha'elohim* [*il-bniedem t'Alla*][23] jew *'ix haruaħ* [*il-bniedem tal-ispirtu*, i.e t'Alla]. Dan minħabba r-rapport li l-profeta kellu ma' Alla. Jissejjaħ *bniedem tal-ispirtu* darba biss,[24] imma m'hemm l-ebda dubju li l-profeta kien bniedem tal-ispirtu, jiġifieri ispirat. Skont xi siltiet nies li nħakmu mill-ispirtu pprofetizzaw, ġabu ruħhom ta' profeti.[25]

Kultant il-profeta hu msejjaħ *'ebed Jaħweh/'elohim*, *qaddej ta' Jaħweh/Alla*.[26] Din l-espressjoni ma tintużax biex talludi biss għall-profeta, imma spiss anki nies oħra li kellhom rapport ma' Alla differenti minn dak li kellhom il-profeti,[27]

Aktar rari l-profeta kien jissejjaħ *mal'ak Jahweh*, *il-mibgħut ta' Jaħweh*,[28] *zofeh* u *xomer*,[29] *għassies*.[30]

Meta wieħed jara għal min jirreferi t-test bibliku meta juża din it-terminoloġija, isib li skont it-tradizzjoni biblika, il-moviment profetiku f'Iżrael jaf il-bidu tiegħu mill-bidu tal-istorja ta' Iżrael u kien hemm profeti tul l-istorja kollha ta' dan il-poplu sat-tieni seklu q.K. Skont it-tradizzjoni biblika, matul dawn is-sekli kien hemm profeti rġiel u profeti nisa, kien hemm profeti ta' Iżrael li r-rivelazzjonijiet tagħhom kienu ġejjin minn Alla u oħrajn li dak li kienu jgħidu – almenu f'xi

okkażjoni – kien ikun ġej minn moħħhom. Fit-tieni seklu q.K. kien hemm il-konvinzjoni li l-kariżma profetika kienet inqatgħet,[31] u l-Lhud bdew iħarsu 'l quddiem bit-tama li jerġa' jidher profeta,[32] anzi li jidher profeta speċjali b'missjoni messjanika. Dawn it-tamiet kienu bbażati fuq dak li skont Dt 18,15 kien wiegħed Mosè u fuq dak li jingħad f'Mal 3,1.

It-Testment il-Ġdid jirreferi spiss għall-profeti, kemm tal-imgħoddi kif ukoll dawk kontemporanji, ġeneralment b'riferiment għall-missjoni ta' Ġesù ta' Nazaret. Qabel xejn jispjega kif bil-missjoni tiegħu Ġesù temm il-wegħdiet tal-profeti tat-Testment il-Qadim – *Il-Liġi u l-Profeti* u espressjonijiet ekwivalenti – kif kienu jafuh huma.[33] Il-kotba tal-*Liġi* kellhom l-awtorità ta' Mosè, l-akbar profeta tat-Testment il-Qadim, u l-grupp ta' kotba msejjaħ *Il-Profeti* kellhom warajhom l-awtorità tal-aktar profeti importanti fit-Testment il-Qadim. Barra minn hekk biex jispjegaw kif Ġesù kien qiegħed itemm il-wegħdiet tat-Testment il-Qadim, jikkwotaw testi partikulari tal-profeti huma u jirrakkuntaw ġrajjiet partikolari tal-missjoni ta' Ġesù.[34] Kultant jirreferu biss impliċitament għal testi partikulari tal-*Liġi u l-Profeti.* It-Testment il-Ġdid isemmi wkoll espliċitament diversi profeti tat-Testment il-Qadim, mhux biss meta jikkwota testi tagħhom imma anki fejn ma jikkwotahomx.[35]

Imma t-Testment il-Ġdid isemmi wkoll il-profeti tal-komunità Nisranija. Ġesù ma ppreżentax ruħu direttament u espliċitament bħala profeta,[36] imma n-nies kienet tagħrfu bħala profeta,[37] u l-komunità Nisranija tal-ewwel żminijiet ippreżentatu bħala l-profeta b'missjoni messjanika mwiegħed minn Mosè.[38]

Ġwanni l-Battista kien profeta u n-nies għarfet il-missjoni profetika tiegħu,[39] imma għalkemm kellu missjoni messjanika, Ġwanni nnifsu ċaħad li hu kien il-profeta mwiegħed minn Mosè f'Dt 18,15.[40]

Skont Mt 23,34 Ġesù wiegħed li kien se jibgħat il-profeti tiegħu, u min jilqagħhom ta' profeti jkun ippremjat.[41] Wieħed għalhekk ma jistagħġibx li fil-komunitajiet Insara tal-ewwel żminijiet kien hemm profeti. Nhar Pentekoste fl-Appostli seħħet il-profezija ta' Ġoel[42] l-ispirtu tal-profezija Alla jibagħtu lil ħafna.[43] Għalhekk, flimkien mal-Appostli, il-profeti tal-komunità Nisranija huma l-pedament tal-Knisja – il-komunità Nisranija[44] – għax lilhom kien irrivelat il-misteru ta' Kristu.[45]

Kien hemm profeti f'diversi ċentri fejn kien hemm komunità Nisranija: il-Lhudija, Ġerusalemm, Ċesarija, Antjokja, Korintu, Efesu u Ruma.[46]

Bħalma fit-Testment il-Qadim kien hemm profeti biex iħabbru l-kelma t'Alla lill-komunità l-istess fil-komunità Nisranija fit-Testment il-Ġdid. Għal din il-missjoni anki fil-komunitajiet Insara kien hemm kemm irġiel kif ukoll nisa. Bħalma kien hemm uħud li lagħbuha ta' profeti fit-Testment il-Qadim, l-istess fil-komunitajiet Insara.[47] Kien hemm differenza f'dak li xandru il-profeti tat-Testment il-Qadim u dak li xandru l-profeti tal-komunitajiet Insara. Il-missjoni tal-profeti kellha l-iskop li tispjega s-sitwazzjoni tal-komunità skont ir-rieda ta' Alla – *sub ratione Dei* – u għalhekk il-profeti tat-Testment il-Qadim ħabbru l-kelma t'Alla li kienet tgħodd għal dak li kien għaddej minnu l-poplu t'Alla fit-Testment il-Qadim. Meta tkellmu fuq il ġejjieni, ma tkellmux fuq il-ġejjieni mbiegħed, ma ħabbrux ġrajjiet partikulari li kellhom iseħħu sekli sħaħ wara, imma tkellmu fuq il-ġejjieni prossimu. Il-profeti tat-Testment il-Ġdid ukoll spjegaw *sub ratione Dei* dak li kienu għaddejjin minnu l-ewwel komunitajiet Insara, u għalhekk dejjem tkellmu fuq il-misteru ta' Kristu u kif dan kien il-pjan irrevelat bil-mod il-mod fit-Testment il-Qadim.

## 4. Ir-Rivelazzjoni Profetika

Id-don tal-profezija hu don tal-profeta biss, *profetia non est extra prophetam.* Dan ifisser li l-intervent divin fuq il-profeta hu intervent fuq il-fakultajiet u s-sensi interni tal-profeta. Mhux intervent li jolqot prinċipalment is-sensi esterni. Li kien hekk l-intervent divin fid-don tal-profezija ma kienx jesperimentah biss il-profeta, imma anki dawk ta' madwaru. San Tumas jgħid li d-don tal profezija l-ewwel u qabel kollox jikkonsisti f'għarfien – *cognitio*, att intern – għax il-profeti jagħrfu – *cognoscunt* – dawk il-ħwejjeġ li huma 'l bogħod minn dak li jagħraf il-bniedem.[48] Mhux eskluż li l-intervent divin fuq il-fakultajiet u s-sensi interni jkun akkumpanjat minn *signa* esterna aċċessibbli wkoll għan-nies, biss il-profeta waħdu jagħraf is-sens reliġjuż ta' dawn is-*signa* għax l-intervent divin hu fuq il-fakultajiet u s-sensi interni tal-profeta biss. Ġeremija ra siġra tal-lewż u borma tagħli mxaqilba mit-tramuntana. Barra Ġeremija rawhom jew setgħu jarawhom anki

l-bqija tan-nies, biss Ġeremija biss fehem is-sens reliġjuż ta' dak li ra.[49] Dan ifisser li Ġeremija sar jaf bis-sens reliġjuż ta' dak li ra b'intervent fil-fakultajiet u sensi interni tiegħu.

Fl-iskrittura hemm diversi rakkonti li jwasslu għall-konklużjoni li l-intervent divin fuq il-profeta kien jikkonsisti f'esperjenza interna tal-profeta. Eliżew jgħid lil Geħażi li kien mar miegħu u rrakkuntalu ċ-ċirkustanzi kollha meta dan ħa r-rigal li ma kienx aċċetta l-profeta mingħand Nagħman. Eliżew ma' marx fiżikament ma' Geħażi, imma sar jaf x'ġara b'intervent divin [2 Slat 5,24-27]. Kienet esperjenza interna. Il-profeta Eliżew waħħal ħarstu f'Ħażajel, baqa' ċass, beda jistħi u nfexx jibki għax minkejja li kellu aħbarijiet tajba għal Ħażajel intebaħ b'intervent t'Alla li dan kien se jsir sultan ta' Damasku u jagħmel ħafna ħsara lil Iżrael [2 Slat 8,11-15]. Fil-laqgħa li Ħażajel kellu ma' Elizew ma ġara xejn esternament biex Eliżew jifhem x'kien se jiġri. Eżekjel ra id ittih ktieb forma ta' romblu li kien fih miktub tnehid u biki u ħsara, u kien imġiegħel jieklu. Eżekjel hekk għamel u jgħid li niżillu għasel [Eżek 2,8 – 3,3]. Li din kienet esperjenza fiżika ma tantx wieħed jifhem kif ir-romblu niżillu għasel. Eżekjel jirrakkonta kif ra xi ħadd qisu bniedem li medd bħal id, qabdu minn xagħru,[50] l-ispirtu refgħu bejn l-art u s-sema, u f'viżjoni ħadu fl-inħawi tat-Tempju ta' Ġerusalemm fejn il-profeta ra kull xorta ta' ħażen [Eżek 8]. Diffiċli li wieħed jimmaġina li Eżekjel ittieħed fiżikament bejn l-art u s-sema minn xagħru mill-Babilonja sa Ġerusalemm. Barra minn hekk il-ħażen li jitkellem fuqu l-profeta hu l-ħażen li kien jikkommetti l-poplu qabel l-eżilju, meta Eżekjel kien għadu saċerdot tat-Tempju ta' Ġerusalemm. Ir-rakkont mhux rakkont ta' esperjenza fiżika, imma jissoponi intuwizzjoni interna li kellu l-profeta wara li spiċċa eżiljat il-Babilonja.[51]

Isaija jiddeskrivi s-sejħa tiegħu f'Is 6. Jgħid li ra l-Mulej bilqiegħda fuq tron bid-djul tal-libsa tiegħu jimlew it-Tempju. 'Il fuq minnu kien hemm Serafini kull wieħed b'sitt ġwienaħ, u bl-għajjat tagħhom is-sisien tat-Tempju theżżu u mtela bid-duħħan. Wieħed mis-Serafini b'imqass ħa ġamra nar u biha ppurifika fomm il-profeta biex jista' jxandar il-kelma t'Alla. Dan ċert li hu rakkont ta' esperjenza interna tal-profeta. Ibda biex Alla hu spirtu u ħadd ma jagħrfu bis-sensi esterni tiegħu. Is-Serafini li jitkellem fuqhom it-test huma biss figuri letterarji, mhux ħlejjaq li

jeżistu u wieħed jista' jarahom b'għajnejh. Stramba wkoll li biex jaqbad il-ġamra, is-Serafin kellu bżonn ta' mqass biex ma jinħaraqx, imma meta mess bil-ġamra xuftejn il-profeta Iżaija ma nħaraqx.

Għal dan it-test wieħed jista' jirreferi għal S. Ġwann Damaxxenu li jgħid li meta l-Iskrittura tippreżenta 'l Alla taħt xbihat apparentament materjali li wieħed jista' jarahom, dawn jibqgħu immaterjali. Rawhom il-profeti u dawk li lilhom kienu rrivelati imma mhux bl-għajnejn tal-ġisem imma b'għajnejn intelletwali... Kienu xbihat jixbhu n-natura tagħna, forom materjali viżibbli għall-moħħ f'viżjoni mentali.[52] Gulielm ta' Auxerre isejħilha viżjoni spiritwali, jiġifieri Isaija għarafha "intellectu mentis".[53] Petrus Cantor, Stephen Langton, u Ugo a S. Caro isejħulha "visio imaginaria".[54]

Li intervent sopranaturali fuq indiviwu hu fundamentalment esperjenza interna għax jolqot il-fakultajiet u s-sensi interni tal-individwu hu magħruf anki barra mill-każ tal-profeti. Xi mistiċi jiddistingwu espliċitament bejn dak li jaraw bl-għajnejn tal-ġisem [esperjenzi fiżiċi] u dak li jaraw bl-għajnejn tar-ruħ jew bl-għajnejn interjuri [esperjenzi interni]. S. Briġida tgħid li fil-viżjonijiet tagħha hi privata mis-sensi esterni, imma ruħha tieħu l-ħajja biex tara u tisma'.[55] Julian of Norwich tgħid li tara f'ruħha u b'għajnejn spiritwali.[56] S. Marie Bernadette Soubirous tirrakkonta li rat Sinjura liebsa libsa bajda sabiħa b'faxxa kaħla ma' qaddha. Fuq kull riġel kellha warda lewn id-deheb, l-istess lewn tal-kuruna tar-rużarju li kellha. It-tnejn qalu r-rużarju flimkien, u minnufih id-dehra għebet. M. Barnadette kellha żewġ tfajliet sħabha magħha, u meta staqsiethom jekk rawx xi ħaġa qalulha li ma raw xejn, u rrakkuntat hi x'kienet rat.[57] Jekk sħab M. Berndette ma rawx dak li kienet rat M. Bernadette, dan għaliex id-dehra ma kinetx dehra taqa' taħt is-sensi esterni, imma dehra taqa' taħt is-sensi interni. Aktar qrib tagħna hemm it-tradizzjoni tad-dehra tal-Madonna tal-Għar. Skont it-tradizzjoni il-Madonna dehret lill-kaċċatur fl-għar f'ħolma – waqt li kien rieqed – wara li daħal jistrieħ hemm. Il-ħolma hi esperjenza interna.[58]

Il-profeti jiddeskrivu l-esperjenza tar-rivelazzjoni tagħhom f'termini ta' viżjoni u awdizzjoni. Il-viżjoni hi ġeneralment akkumpanjata minn awdizzjoni, imma kultant il-profeta jitkellem fuq awdizzjoni weħidha. Mhux impossibbli li xi rakkonti tal-viżjoni u l-awdizzjoni huma biss

ġeneru letterarju li jagħżel il-profeta biex jiddeskrivi l-esperjenza interna tar-rivelazzjoni. Imma meta wieħed jikkunsidra li l-fenomenu tal-viżjoni u l-awdizzjoni hu komuni, anki f'esperjenzi mhux reliġjużi, wieħed jikkonkludi li xi profeti kellhom viżjonijiet u awdizzjonijiet. Kien għalhekk li wħud kienu jissejħu *ro'eh* u *ħożeh*, viżjonarju. Biex wieħed jasal biex ikun viżjonarju jrid ikollu kwalitajiet psikiċi addattati għal dan. Wieħed jista' jikkunsidra l-istat psikiku ta' wħud mill-viżjonarji bħala stat ta' estasi.

Hawn kollox jiddependi minn kif wieħed jiddefinixxi l-estasi. J. Lindblom jiddistingwi l-estasi tal-mistiċi mill-estasi profetika. Fl-estasi mistika l-individwu jħossu assorbit minn qawwa superjuri, jitlef kull sens tal-personalità tiegħu, u jsir mezz f'idejn il-qawwa superjuri. Fl-estasi profetika jidher li waqt l-esperjenza tar-rivelazzjoni l-individwu jibqa' konxju mill-personalità tiegħu, juża l-fakultà konjoxxitiva tiegħu biex jikkonċentra intensament bil-ħila tiegħu kollha fuq idea jew sentiment jew fuq grupp ta' ideat jew sentimenti. F'dan it-tip ta' konċentrazzjoni l-individwu jitlef il-kontroll fuq is-sensi esterni li per konsegwenza jew ma jiffunzjonawx jew jiffunzjonaw bla kontrol. Din l-estasi mhix neċessarjament esperjenza reliġjuża, tista' tkun għalkollox naturali. Dan jiddependi mit-tip ta' idea jew ideat li wieħed jikkonċentra fuqhom; hi reliġjuża meta l-idea jew ideat li jikkonċentra fuqhom huma ta' natura reliġjuża. Meta l-individwu hu f'dan l-istat, dak li l-individwu għandu fis-subkonxju tiegħu joħrog fil-livell tal-konoxxenza tal-individwu f'forma ta' viżjonijiet u awdizzjonijiet.[59] Dan it-tip ta' estasi jista' jkollu diversi gradi ta' intensità skont kemm wieħed jirnexxilu jikkonċentra fl-użu tal-fakultà konjoxxitiva u d-dominju li jibqagħlu fuq il-fakultajiet l-oħra. Din l-estasi tista' tkun awtoindotta b'talb, kontemplazzjoni, daqq ta' strumenti mużikali, ċaqliq sfrenat, tbatijiet fiżiċi awtoinflitti,[60] twerżiq, konsum ta' ċerti sustanzi. Mhux assolutament neċessarju li wieħed jirrikorri għal dan kollu jew għal xi wieħed minnhom biex jasal għall-estasi ta' konċentrazzjoni.

Dan it-tip ta' estasi wieħed irid jammettih almenu għal xi profeti tal-ewwel żminijiet tas-Saltna ta' Iżrael. Sawl iltaqa' darbtejn ma' ċorma profeti li l-imġiba tagħhom kienet bla kontroll,[61] inħakem mill-ispirtu u ġab ruħu bla kontroll bħall-profeti li ltaqa' magħhom, tant li

anki dawk li rawh stagħġbu li saħansitra Sawl kien wieħed minn dawn il-profeti. Skont 2 Slat 3,15-20 Eliżew talab min idoqqlu l-arpa biex jikkonċentra, id il-Mulej niżlet fuqu – ħass li s-sensi esterni mxekklin mill-Mulej, daħal f'estasi – u sar jaf fejn s-Sultan ta' Ġuda seta' jsib l-ilma fid-deżert. Skont 2 Slat 8,11 quddiem Ħażajel, Eliżew f'daqqa waħda ċċassa – tilef il-kontrol fuq is-sensi esterni, daħal f'estasi – għaraf li Ħażajel kien se jagħmel ħafna ħsara lil Iżrael. Eżekjel spiss juża l-espressjoni li id il-Mulej ġiet fuqu,[62] ħass bħallikieku id il-Mulej kienet qed iżżommu, jiġifieri ma kellux kontroll fuq is-sensi esterni, u dan ifisser li f'xi okkażjonijiet kien jidħol f'estasi. Forsi Eżekjel irid jgħid l-istess ħaġa meta jgħid li l-ispirtu tal-Mulej niżel fuqu,[63] espressjoni li band'oħra tintuża f'kuntesti li jirrakkuntaw kif uħud ġabu ruħhom f'estasi.[64]

Biex wieħed jirċievi messaġġ f'viżjoni jew awdizzjoni madankollu mhux bilfors li wieħed irid ikun f'kundizzjoni ta' estasi. Fi stat ta' ispirazzjoni – meta wieħed għandu intuwizzjoni li tkun ġejja minn qawwa superjuri – l-individwu jista' jkollu viżjonijiet u awdizzjonijiet, u minkejja kollox jibqagħlu dominju sħiħ tal-fakultajiet tiegħu kollha. Ovvjament l-intervent divin hu fl-ambitu tal-fakultajiet u s-sensi interni. Teoretikament l-ispirazzjoni hi diversa mill-estasi, imma f'każijiet partikulari diffiċli tgħid jekk individwu hux fi stat ta' ispirazzjoni jew ta' estasi. Ispirazzjoni qawwija spiss twassal għall-estasi u hi l-bidu ta' estasi.[65]

## 5. L-Awtentiċità tal-Profetiżmu tat-Tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

Kif għidna kien hemm profeti mhux biss fit-tradizzjonijiet tal-Lhud u tal-Insara, imma anki fi tradizzjonijiet oħra. Jekk wieħed jinjora dawk li kienu evidentement spurji u kienu jilagħbuha biss ta' profeti u jikkunsidraw biss lil dawk li kienu profeti ġenwini mill-komunità tagħhom u kultant anki minn komunitajiet barranin, xi kriterju għandha t-tradizzjoni Ġudeo-Nisranija biex iżżomm li l-profeti tagħha kienu profeti awtentiċi, jiġifieri li l-kariżma tagħhom kienet ta' oriġini divina u l-messaġġ tagħhom kienet il-kelma t'Alla u għalhekk hu l-oġġett tal-fidi Ġudeo-Nisranija? Din hi domanda fundamentali biex wieħed jifhem il-fidi tiegħu u fl-istess ħin ikollu idea kif għandu jħares lejn

reliġjonijiet oħra li għandhom tradizzjoni profetika. Ir-risposta li wieħed jagħti għal din il-mistoqsija mhux biss għandha impatt fuq il-fidi tiegħu, imma twasslu biex jagħraf x'pożizzjoni jieħu fid-djalogu interreliġjuż li hu neċessarju f'soċjetà reliġjożament pluralistika.

Il-fenomenu tal-profetiżmu fit-tradizzjoni Ġudeo-Nisranija nafuh mill-Iskrittura u l-awtentiċità tiegħu – li warajh hemm Alla – hi bbażata fuq it-twemmin li l-Iskrittura hi ispirata, u għalhekk dak li tgħallem hu minnu, hu veru. Skont il-Konċilju Vatikan II, "Ommna l-Knisja Mqaddsa, b'fidi ġejja mill-appostli, iżżomm bħala sagri u kanoniċi l-kotba kollha sħaħ sew tat-Testment il-Qadim kemm tat-Testment il-Ġdid, bil-partijiet kollha tagħhom, għaliex, miktubin bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu (cf, Ġw, 20,31; 2 Tim. 3,16; 2 Pt, 1,19-21; 3,15-16), għandhom 'l Alla bħala awtur u bħala tali kienu mogħtija lill-Knisja. Biex jinkitbu l-kotba Mqaddsa Alla għażel xi bnedmin u nqeda bihom waqt li ħalliehom jużaw il-fakultajiet u l-kapaċitajiet tagħhom, hekk, bil-ħidma tiegħu fihom u permezz tagħhom, huma kitbu ta' veri awturi, dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk biss li huwa ried li jinkitbu... Għalhekk, billi dak kollu li l-awturi ispirati, jew aġjografi, kitbu għandna nżommuh bħala dak li ntqal mill-Ispirtu s-Santu, hekk ukoll, bħala konsegwenza, għandna nemmnu li l-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'ċertezza u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa."[66]

Id-domanda li wieħed irid jagħmel hi kif sirna nafu li ċerti kotba huma ispirati, stajna niddentifikawhom u niddistingwuhom minn dawk li mhumiex, u ngħodduhom b'Kotba Mqaddsa?[67] Il-kriterju li wieħed irid japplika biex jirrispondi għal din id-domanda jrid jgħodd għall-kotba kollha tal-Iskrittura kif jafha hu, mhux japplika kriterju għal xi wħud minnhom u ieħor għall-oħrajn.

Forsi wieħed jaħseb li jista' jasal għall-konklużjoni li t-test tal-Iskrittura hu ispirat meta wieħed jikkunsidra min kitbu. Kieku nafu min kiteb il-Kotba Mqaddsa u dawk li kitbuhom kienu nies ispirati forsi kien ikun possibbli naslu biex nikkonkludu li t-test li kitbu hu ispirat. Imma l-biċċa l-kbira tal-Kotba Mqaddsa ma nafux min kitibhom. Dan jgħodd għall-kotba tat-Testment il-Qadim u diversi kotba tat-Testment il-Ġdid. Spiss meta fit-titlu tal-ktieb jissemma individwu, dan mhux

għax kitbu l-individwu msemmi, imma għax il-ktieb jitratta l-missjoni tal-individwu jew għax l-individwu b'xi mod hu l-awtorità wara l-ktieb. Biżżejjed wieħed jgħid li l-profeti kienu konxji mill-ispirazzjoni tagħhom u jirreferu għaliha fil-predikazzjoni tagħhom, imma mhux hekk l-awturi bibliċi li ġeneralment ma jirreferux għall-ispirazzjoni biex jiktbu l-kotba tagħhom.[68] Jekk noqogħdu fuq dan il-kriterju forsi naslu biex nidentifikaw xi kotba li huma ispirati, imma ma tantx ikun faċli nifhmu għaliex il-kotba kollha li jiffurmaw l-Iskrittura huma ispirati.

Forsi xi ħadd jista' jaħseb li jista' jikkonkludi li l-Kotba Mqaddsa huma ispirati mill-Iskrittura stess. It-testi klassiċi li spiss isir riferiment għalihom huma 2 Tim 3,16 u 2 Pt 1,21. Hu minnu li ż-żewġ testi jitkellmu fuq l-ispirazzjoni tal-Kotba Mqaddsa. L-ewwel test jgħid li "l-Iskrittura hi mnebbħa minn Alla," u t-tieni test jgħid "li ebda profezija tal-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma meta l-bnedmin tkellmu f'isem Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu." Dawn huma testi importanti, imma wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li meta jitkellmu fuq l-ispirazzjoni tal-Iskrittura mhux qed jalludu għall-ispirazzjoni tal-kotba kollha tal-Iskrittura kif nafuha aħna, imma għat-Testment il-Qadim kif kienu jafuh huma. Dak li jgħidu fuq ispirazzjoni tal-Kotba Mqaddsa ma jirreferix għall-kotba tat-Testment il-Ġdid li kien għadu qed jinkiteb u l-ispirazzjoni tiegħu kienet għadha mhux magħrufa. Huma testi importanti, imma wieħed jista' jużahom bħala espressjoni tat-tradizzjoni Lhudija, li tidher ukoll band'oħra fit-Testment il-Ġdid, li t-Testment il-Qadim kien ispirat.

Nafu bl-ispirazzjoni tal-Kotba Mqaddsa u liema huma l-Kotba Mqaddsa ispirati mit-Tradizzjoni ġejja mill-Appostli u għalhekk sanċita mill-Maġisteru Ekkleżjastiku. Fit-test tal-Konċilju Vatikan t-II ikkwotat aktar 'il fuq ingħad impliċitament li l-ispirazzjoni tal-Kotba Mqaddsa u liema huma l-kotba ispirati; ingħad li dan nafuh b'fidi ġejja mill-Appostli: "b'fidi ġejja mill-appostli, iżżomm bħala sagri u kanoniċi l-kotba kollha sħaħ sew tat-Testment il-Qadim kemm tat-Testment il-Ġdid, bil-partijiet kollha tagħhom, għaliex, miktubin bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu."[69] Band'oħra il-Konċilju hu aktar espliċitu. "Hija l-istess tradizzjoni li tgħarraf lill-Knisja l-kanoni sħiħ tal-Kotba Mqaddsa."[70]

Benedittu XVI tkellem kemm-il darba fuq il-*kanoni* tal-Kotba Mqaddsa li sar magħruf mill-Knisja mit-Tradizzjoni.[71] Il-fidi Nisranija mhix xi reliġjon tal-ktieb; il-Kristjaneżmu hu reliġjon tal-Kelma t'Alla,[72] il-kelma t'Alla li tippreċedi u teċċedi l-Iskrittura.[73] Il-kelma t'Alla li tippreċedi u teċċedi l-kelma miktuba hi l-kelma t'Alla fit-Tradizzjoni. Hi t-Tradizzjoni ġejja mill-Kelma Ħajja – il-Verb magħmul bniedem – li waslitilna permezz tal-Appostli taħt il-ħarsien tal-Ispirtu s-Santu. L-Iskrittura għandha awtorità meta wieħed jaqraha u jifhimha fil-kuntest ta' din it-Tradizzjoni. It-Tradizzjoni li wasslet għall-għarfien ta' liema kotba huma ispirati u jiffurmaw l-Iskrittura żviluppat bil-mod il-mod,[74] u matul il-dan il-proċess inqasmet f'diversi kurrenti.[75]

Hu x'inhu, min ma jipprofessax it-tradizzjoni Lhudija jew Nisranija wieħed m'għandux jistennieh li se jaċċetta li l-Iskrittura hi l-kelma t'Alla, u per konsegwenza li jirrikonoxxi l-profetiżmu Ġudeo-Kristjan bħala fenomenu t'oriġini divina. Id-diffikultà hi akbar meta dak li jkun jipprofessa reliġjon li tagħraf ktieb jew kotba oħra bħala sagri. Il-Knisja llum hi impenjata fi djalogu interreliġjuż. Il-Knisja żżomm id-dritt li xxandar il-verità tal-Evanġelju, imma fid-djalogu interreliġjuż tagħraf li ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jemmen,[76] u fi spirtu ta' rispett ma tiċħad xejn mill-elementi ta' verità u qdusija li jista' jkun hemm fir-reliġjonijiet l-oħra.[77] B'rispett għar-reliġjonijiet mhux Insara, dan l-aħħar il-Papiet mhux biss iltaqgħu mar-rappreżentanti ta' reliġjonijiet oħra imma saħansitra talbu magħhom kemm fiż-żjarat pastorali li għamlu fid-diversi pajjiżi, imma anki f'Assisi. Meta wieħed jikkunsidra dan kollu jikkonkludi li l-Knisja mhi se timponi fuq ħadd li fenomenu tal-profetiżmu Ġudeo-Kristjan hu ta' oriġini divina, tagħti l-libertà lil dak li jkun li jsegwi t-tradizzjoni li jipprofessa dwar l-oriġini tal-ktieb jew kotba sagri tar-reliġjon tiegħu mingħajr ma tieħu pożizzjoni dwar l-oriġini tagħhom. Il-Knisja jinteressaha biss l-oriġini divina tal-kotba tal-Iskrittura.

Forsi hawn min jaħseb li jista' jipprova li l-profetiżmu tat-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana hu ġenwinament ta' oriġini divina għax skont it-Testment il-Ġdid il-profeti ħabbru sekli sħaħ bil-quddiem il-misteru ta' Ġesù ta' Nazaret, mill-konċepiment verġinali tiegħu sat-tlugħ tiegħu fis-sema. Dan ma kienx ikun possibbli li l-profetiżmu Lhudi ma kienx t'oriġini divina. It-tradizzjonjiet tar-reliġjonijiet mhux Insara

m'għandhom xejn jixbah lil dak li jingħad fit-Testment il-Ġdid fuq il-predikazzjoni tal-profeti tat-Testment il-Qadim.

Dan hu kollu veru, u kull Nisrani jrid jibqa' jemmen li dak li kien imwiegħed fit-Testment il-Qadim seħħ fil-missjoni ta' Ġesù ta' Nazaret. Dan hu fundamentali għall-fidi Nisranija. Biss wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ċerti affarijiet. Qabel xejn li dak li jgħid it-Testment il-Ġdid hu minnu, għax it-Testment il-Ġdid hu ispirat, u dan nafuh mit-tradizzjoni li ġejja mill-Appostli. Min ma jaċċettax l-ispirazzjoni tat-Testment il-Ġdid mhux se jsibha faċli jaċċetta li l-profeti ħabbru sekli sħaħ minn qabel dak li għadda minnu Ġesù ta' Nazaret. Il-Ġudaiżmu ma jaċċettax l-ispirazzjoni tat-Testment il-Ġdid u ma jaċċettax dak li qalu l-profeti bħala tħabbira sekli sħaħ bil-quddiem ta' dak li għadda minnu Ġesù ta' Nazaret.

Barra minn hekk wieħed irid jikkunsidra l-metodu li nqdew bih l-awturi tat-Testment il-Ġdid biex ispirati minn Alla raw il-profeziji kollha tat-Testment il-Qadim iseħħu fil-missjoni ta' Ġesù ta' Nazaret. Dan l-aħħar il-Pontifiċja Kummissjoni Biblika affrontat din il-problema f'żewg dokumenti; *The Interpretation of the Bible in the Church*,[78] u *The Jewish People and their Sacred Sciptures in the Christian Bible*.[79]

Fit-tieni dokument titkellem fuq l-iskop tal-missjoni tal-profeta u tgħid: "The original task of the prophet was to help his contemporaries understand the events and the times they lived in from God's viewpoint. Accordingly, excessive insistence, characteristic of certain apologetic, on the probative value attributable to the fulfilment of prophecy must be discarded."[80] U titkellem ukoll fuq in-nozzjoni tal-*fulfilment of prophecy* u tgħid, "The notion of fulfilmen is an extremely complex one, one that could easily be distorted if there is a unilateral insistence either on continuity or discontinuity. Christian faith recognises the fulfilment in Christ of the Scriptures and the hopes of Israel, but it does not understand this fulfilment as a literal one.[81] Such a conception would be reductionist. In reality, in the mystery of Christ crucified and risen, fulfilment is brought about in a manner unforeseen.[82] It includes transcendence.[83] Jesus is not confined to playing an already fixed role – that of Messiah – but he confers on the notion of Messiah and salvation, a fullness which could not have been imagined in advance; he

fills them with a new reality; one can even speak of a "new creation". It would be wrong to consider the prophecies of the Old Testament as some kind of photographic anticipations of future events. All the texts, including those which later were read as messianic prophecies, already had an immediate import and meaning for their contemporaries before attaining a fuller meaning for future hearers. The messiahship of Jesus has a meaning that is new and original."[84]

It-Testment il-Qadim kellu tifsira għad-destinatarji tiegħu, qabel ma dawk li qrawh wara, inklużi l-awturi tat-Testment il-Ġdid, raw fih sens aktar sħiħ, tradizzjonalment magħruf b'*sensus plenior*.[85] Bħala eżempju tas-sens li raw fil-profeziji l-kontemporaji tal-profeta u s-*sensus plenior* fl-istess profeziji li ra t-Testment il-Ġdid u applikah għal Ġesù ta' Nazaret wieħed jista' jirreferi għal Is 7,10-17 u Hos 11:1.

L-ewwel test jitkellem fuq il-konċepiment u t-twelid tal-Għimmanu-el, imma f'din il-profezija Isaija ma kellux f'moħħu jħabbar tmien sekli bil-quddiem il-konċepiment verġinali tal-Għimmanu-el li Mt 1,23 jiddentifika ma' Ġesù ta' Nazaret. Isaija ma ħabbarx konċepiment verġinali, ħabbar twelid minn mara żagħżugħa, li kellu jkun sinjal lis-sultan Aħaż li Alla hu miegħu u s-saltna tiegħu kienet se tibqa' wieqfa minkejja l-pjan ta' Aram u Efrajim li se jassedjaw Ġerusalemm bl-iskop li jneħħu min-nofs lil Aħaż. Tant stenna li l-Għimmanu-el jitwieħed f'qasir żmien li wiegħed li qabel mat-tifel jilħaq l-użu tar-raġuni l-art ta' Aram u Efrajim l-Assiri jagħmlu ħerba minnha. Jidher li t-tifel twieled ftit wara li Isaija għamel din il-profezija tant li l-profeta qabeż bil-ferħ fit-twelid tiegħu: "... tweldilna tifel, ingħatalna iben" [Is 9,5]. Imnebbaħ minn Alla Mattew qara dan it-test fil-verżjoni Griega tiegħu li diversament mit-test oriġinali Ebrajk jitkellem fuq konċepiment ninn xebba, sab *sensus plenior* bl-applikazzjoni ta' metodu komuni ħafna fost il-Lhud fi żmienu u applikah għall-konċepiment verġinali ta' Ġesù.

Fit-tieni test il-profeta jgħid: "... mill-Eġittu sejjaħt lil ibni." Il-profeta ma kellux f'moħħu jħabbar tmien sekli bil-quddiem ir-ritorn tal-familja mqaddsa mill-Eġittu wara l-mewt ta' Erodi [Mt 2,15]. L-iben li tkellem fuqu l-profeta kien Iżrael u rrefera għall-eżodu. Tant hu hekk li fuq l-iben li Alla sejjaħ mill-Eġittu l-profeta jgħid: "... aktar ma sejjaħtilhom aktar tbiegħdu minni, offrew sagrifiċċji lil Bagħlim, u

baħħru quddiem l-idoli" [Hos 11,2]. Bl-applikazzjoni ta' metodu komuni fit-tradizzjoni Lhudija mnebbaħ minn Alla Mattew sab *sensus plenior* fit-test ta' Hosegħa u applikah għar-ritorn mill-Eġittu tas-sagra familja.

Il-Pontifiċja Kummissjoni Biblika titkellem speċifikament fuq il-metodu li jużaw l-awturi tat-Testment il-Ġdid biex ifittxu fis-*sensus plenior* tiegħu allużjonijiet għall-misteru ta' Kristu. Il-metodu jsejjaħlu l-metodu tar-rilettura tat-test li kienet tuża anki t-tradizzjoni rabbinika biex tinterpreta l-Bibbja Ebrajka.[86] "The relationship [between the Old and the New Testament] is reciprocal; on the one hand, the New Testament demands to be read in the light of the Old, but it also invites a "re-reading" of the Old in the light of Jesus Christ (cf. Lk 24:45). How is this "re-reading" to be done? It extends to "all the Scriptures" (Lk 24:27) to "everything written in the Law of Moses, the Prophets and the Psalms" (24:44), but the New Testament only offers a limited number of examples, not a methodology.... The texts speak of typology and of reading in the light of the Spirit (2 Co 3:14-17). These suggest a two fold manner of reading, in the original meaning at the time of writing, and a subsequent interpretation in the light of Christ. In Judaism, re-readings were common place... The new interpretation does not negate the original meaning. Paul clearly states that "the very words of God were entrusted" to the Israelites (Rm 3:2) and he takes it for granted that these words of God could be read and understood before the coming of Christ. Although he speaks of a blindness of the Jews with regard "the reading of the Old Testament" (2 Co 3:14), he does not mean a total incapacity to read, only an inability to read it in the light of Christ."[87]

U biex wieħed jagħmel din ir-rilettura tat-Testment fid-dawl ta' Kristu evidentement irid ikun diġà aċċetta lil Kristu bħala dak li bih seħħ dak li Alla kien wiegħed fit-Testment il-Qadim. "Although the Christian reader is aware that the internal dynamism of the Old Testament finds its goal in Jesus, this is a retrospective perception whose point of departure is not the text as such, but in the events of the New Testament proclaimed by the apostolic preaching. It cannot be said, therefore, that Jews do not see what has been proclaimed in the text, but that the Christian, in the light of Christ and in the Spirit, discovers in the text an additional meaning that was hidden there."[88]

Skont id-dokument l-ieħor tal-Pontifiċja Kummissjoni Biblika, *The Interpretation of the Bible in the Church*, ispirati mill-Ispirtu s-Santu l-awturi tat-Testment il-Qadim ifformulaw it-test tagħhom b'mod li seta' jinqara' u jiġi applikat għall-misteru ta' Kristu. "A written text has the capacity to be placed in new circumstances, which will illuminate it in different ways, adding new meanings to the original text. This capacity of written texts is especially operative in the case of the biblical writings, recognized as the Word of God. Indeed, what encouraged the believing community to preserve these texts was the conviction that they would continue to be bearers of light and life for generations of believers to come. The literal sense is, from the start, open to further developments, which are produced through the "re-reading" ("*relectures"*) of texts in new contexts."[89]

Meta wieħed iżomm dan quddiem għajnejh, wieħed ma jistagħġibx li bħat-tradizzjoni rabbinika t-tradizzjoni Nisranija rat sens spiritwali u *sensus plenior* fit-test tat-Testment il-Qadim.[90] It-tradizzjoni Nisranija kienet aġevolata tagħmel dan minħabba l-fatt li "the Holy Spirit, principal author of the Bible, can guide human authors in the choice of expressions in such a way that the latter will express a truth in the fullest depths of which the authors themselves did not perceive. The deeper truth will be more fully revealed in the course of time – on the one hand, through further divine interventions which clarify the meaning of texts, and on the other, through the insersion of texts into the canon of Scripture. In these ways there is created a new context, which brings out fresh possibilities of meaning that had laid hidden in the original context."[91]

F'kelma waħda il-profetiżmu Ġudeo-Kristjan hu ta' oriġini divina jekk wieħed jaċċetta mit-tradizzjoni l-ispirazzjoni tat-Testment il-Qadim jekk hu Lhudi u anki tat-Testment il-Ġdid jekk hu Nisrani. Jekk hu barra minn din it-tradizzjoni mhux se jara fenomenu awtentikament divin fil-profetiżmu Ġudeo-Kristjan. Bl-istess mod hu mit-tradizzjoni tagħhom li reliġjonijiet oħra jattribwixxu l-ktieb jew kotba sagri tar-reliġjon tagħhom lid-divinità tagħhom.

## Noti

1. Cf. *Prophetes* f'H.G, Liddell & R. Scott, *A Greek-English Lexicon*, Oxford, Clarendon Press, 1968.
2. Ara Hos 1 – 3.
3. 1 Slat 18,19-20.22.25.40; 19,1; 2 Slat 10,19;
4. 1 Slat 18,20-40.
5. Hemm traduzzjoni ta' dawn it-testi f'J.B. Pritchard. ed., *Ancient Near Eastern Texts Relating to the Old Testament*, 3rd ed. with supplement, Princeton, New Jersey, Princeton University Press 1969, pp. 26, 490, [Taanach letter, No 1], 655. Minn issa 'l quddiem din il-pubblikazzjoni nirreferi għaliha b'*ANET*.
6. Num 22 – 24.
7. Num 22,5; Dt 23,5-6.
8. Isemmu wkoll lill-*mar bari* li tfisser *bin il-baru* u għandha l-istess tifsira ta' *baru*, l-istess kif fil-Bibbja *bin profeta* tfisser *profeta* [cf. Għam 7,14].
9. Fost il-mezzi tekniċi magħrufa f'dawk iż-żminijet kien hemm l-eżami taċ-ċaqliq tal-ilma jew iż-żejt imferra' f'tazza [*lekonomanzija*, cf. Ġen 44,5], tal-ġewwieni tal-bhejjem tas-sagrifiċċju [*elomanzija]*], tat-tfigħ ta' oġġetti [*belomanzija*, cf. Hos 4,12], tat-titjir tat-tajr [*ornitomanzija*], tal-karatteristiċi tas-siġar [*dendromanzija*, cf. Mħ 4,4-5], tal-ħolm [*oneiromanzija*, Ġen 37,5.11; 41,1-36; 1 Sam 28,6].
10. Ara eżempji ta' dawn il-messaġġi f'*ANET* pp. 623, 625.
11. *ANET* p. 495.
12. Cf. *ANET* pp. 444-446. Taħt xi aspetti t-test jixbah dak li jingħad f'xi profeziji Messjaniċi tat-Testment il-Qadim. Bħalhom jiddeskrivi l-ordni l-ġdid b'mod ideali.
13. *Historia Naturalis*, viii. 185. Dan hu xogħol tal-aħħar kwart tal-ewwel seklu w.K.
14. Tit 1,12.
15. Din it-traduzzjoni hi magħrufa bħala tas-Sebgħin. Minn issa 'l quddiem nirreferu għal din it-traduzzjoni b'LXX.
16. Xi testi jitkellmu fuq *ben nabi'* [= *bin profeta*, Għamos 7,14] jew fil-plural *bene' hannebi'im* [= *ulied il-profeti*, 1 Slat 20,35-43]
17. Il-Bibbja Ebrajka hi maqsuma fi tliet partijiet: il-Liġi, il-Profeti, u l-Kitbiet. Il-grupp tal-Profeti jissejjaħ *nebi'im*.
18. Pereżempju, Abraham [Ġen 20,7], il-kanturi tat-Tempju [1 Kron 25, 1-2], u saħansitra xi nisa [2 Slat 22,14].

19. In-nomi ġejjin minn verb fil-forma primarja tiegħu, imma fl-Ebrajk bibliku ma nafu bl-ebda verb fil-forma primarja tiegħu li minnu ġej in-nom *nabi'*.
20. "This term (nabi) came to bear witness to their character as intermediaries, bearing the word of message from heaven to earth and the word of petition from earth to heaven" … "The connection of the nabi with the future is not that of one who predicts. To be a nabi means to set the audience, to whom the words are addressed, before the choice and decision, directly or indirectly. The future is not something already fixed in this present hour; it is dependent upon the real decision, that is to say the decision in which man takes part in this hour." [M. BUBER, *THE Prophetic Faith*, pp. 7-8].
21. Jissejjaħ *nabi'* f'1 Sam 3,20, u *ro'eh* f'1 Sam 9,11; 1 Kron 9,22; 26,28; 29,29. Barra Samwel Ħanani biss jissejjaħ *ro'eh*.
22. F'xi siltiet in-*nabi'* hu msejjaħ *ħożeh* [cp. 1 Sam 22,5 ma' 2 Sam 24,11, u 1 Kron 25,1 ma' 2 Kron 25,5; 29,30 u 35.15]. Hu identifikat ukoll mar-*ro'eh* [cf. Iż 30,10],
23. Dt 33,1; 1 Sam 9,6.7 eċċ.; 1 Slat 12,22; 17,18.24; 2 Slat 4,16.21.22 eċċ.; 2 Kron 8,14; Neħ 12,24.
24. Hos 9,7.
25. Num 11,25; 1 Sam 9,10-11; 19,23-24.
26. Abraham [Ġen 18,3; 26,24; Mosè [Dt 34,5; Ġoż 1,1.13; 2 Slat 18,12; eċċ.]; Samwel [1 Sam 3,9.10], Elija [1 Slat 18,36], cf. ukoll 2 Slat 9,7; 17,13.23; 21 10; 24,2; Ġer 7,25; 25,4; 26,5; eċċ.
27. Cf. Pereżempju Is 42,1-9; 49,1-6; 50,4-11; 52,13 – 53,12.
28. Imħ 13,3-6; Ħag 1,13.
29. Is 52,8; Ġer 6,17; Hos 9,8.
30. Is 21,11.12; 62,6.
31. Ara 1 Mak 4,46; 9; 27; 14,41. F'dan iż-żmien it-tradizzjoni Lhudija tant kienet ċerta min-nuqqas tal-profezija li t-tieni parti tal-Bibbja Ebrajka, il-Profeti, għalqitha darba għal dejjem u meta f'dan iż-żmien inkiteb il-Ktieb ta' Danjel, li jirrakkonta rivelazzjonijiet profetiċi, ma qegħditux mal-kotba profetiċi, imma mal-kotba tal-tielet parti, il-Kitbiet. Hemm kotba oħra li bħal Danjel jirrakkuntaw rivelazzjonjiet profetiċi – il-kotba apokalitiċi – imma r-rivelazzjonijiet huma attribwiti lil nies li kienu jgħixu fi żmenijiet meta l-profezija kienet possibbli. [Ara t-testi f'J. H. CHARLESWORTH, *The Old Testament Pseudepigrapha*, London, DLT 1983]. Aktar tard l-iskriba li kkoppja t-test Ebrajk tat-Testment il-Qadim fil-*codex leningradensis* [L] iddata x-xogħol tiegħu u f'dettal minnhom

jgħid kemm kien għadda żmien minn mindu waqfet il-profezija [cf. E. Wűrthwein, *The Text of the Old Testament*, Grand Rapids, Michigan, p. 168.

32. Il-Lhud f'dawn iż-żmenijiet bdew iħarsu 'l quddiem u jistennew id-dehra ta' profeta [cf. G. Vermes, *The Dead Sea Scrolls in English,* 2nd ed. London, Penguin, 1QS 9,10-11; ara wkoll Ġw 1,22; 6,14]. Kien hemm min qed jistenna r-ritorn ta' Mosè jew ta' Elija. U kien hemm min identifika 'l Ġesù mal-profeta mistenni [Mt 16,14].
33. Cf. Mt 5,17; 7,12; 11,13; 12,40; Lq 16,16.29,31; 24,25,27,44; Ġw 6,45; Atti 13,15; 28,23; 24,14; Rum 3,21; Lhud 1,1; eċċ.
34. Cf. Mt 1,22-23; 2,5-6.15.17-18; 3,3; 4,1-16; Mk 1,1-3; Lq 3,3-6; 4,16-19; Ġw 19,23-24.36-37; Atti 1,20; 2,14-21; 13,41; 28,25-27; Rum 11,3-5; eċċ.
35. Cf. Mt 2,17; 27,9 [Ġeremija], Mt 3,3; 4,14; 8,17; Lq 3,4; Atti 28,25 [Isaija]; Atti 2,16 [Ġoel]; Mt 12,39 [Ġona]; Mt 24,39 [Danjel]; Lq 4,27 [Eliżew]; Atti 13,20 [Samwel.]
36. Ippreżenta ruħu bħala profeta impliċitament u indirettament [Mt 13,57; Lq 13,33].
37. Mk 6,15; Lq 7,16.19; 24,19; Ġw 4,19; 9,17.
38. Ġw 6,14; 7,40; Atti 3,22-26;
39. Mt 11,9.10.14-5; 17,12; 21,26; Lq 1,76.
40. Ġw 1,21.
41. Mt 11,41.
42. Goel 3,1-5.
43. Atti 2,16-18.30-31.
44. Efes 2,20.
45. Efes 3,5; cf. 4,11.
46. Il-Lhudija [Atti 21,10], Ġerusalemm [11,27; 15,32], Ċesarija [Atti 29,9], Antjokja [Atti 13,1]. Korintu [Atti 12,28-29; 13,8-9; 14,1-5.24.29.31,32-37.39], Efesu [Atti 19,6; Ef 2,20], Ruma [Apok 11,2.10; 18,24].
47. Apok 2,20.
48. "... prophetia primo et principaliter consistit in cognitione, quia scilicet prophetae cognoscunt ea quae sunt procul ab hominum cognitione." [*S.Th.* II-II, q. 171, a. 1].
49. Ġer 1,11-19.
50. Skont Dan 14,33-39 anġlu tal-Mulej qabad lil Ħabakkuk mill-qurriegħa ta' rasu, refgħu minn xagħrfu u f'nefħa ta' nifs ħadu mil-Lhudija sal-Babilonja biex jagħti jiekol lil Danjel fil-ħofra tal-iljuni. Wara l-anġlu

tal-Mulej reġa' ħa lil Ħabakkuk lura f'pajjiżu. Ir-rakkont hu fuq Ħabakkuk, imma jekk jiddependi minn x'qal il-profeta fuq esperjenza tiegħu ċert li l-esperjenza kienet interna.

51. Eżekjel għandu rakkont ieħor ta' kif Alla qabdu b'idejh u ħadu l-art ta' Iżrael fis-sena 573 fejn ra t-Tempju ġdid, ir-ritorn tal-glorja t'Alla fih, u r-rikostruzzjoni tal-pajjiż [Eżek 40-48]. Apparti li Eżekjel qatt ma mar lura wara li spiċċa l-eżilju, fis-sena 573 ma kienx hemm ir-rikostruzzjoni li jissoponi t-test. Il-profeta kellu intuwizzjoni u formula proġett għall-futur tal-pajjiż.
52. "If Holy Scripture clothes God in figures which are apparently material, and can even be seen, they are still immaterial. They were seen by the prophets and those to whom they were revealed, not with bodily but with intellectual eyes" [quoted by S. Tuohy, *Vidi Dominum Sedentem...*, A Textual and Theological Inquiry into the Transmission of Isaiah 6:1-4 to its reception in Saint Thomas Aquinas, dissertatio ad lauream in facultate S. Theologiae apud Pontificiam Universitatem S. Thomae in Urbe, Romae MMX, p. 400].
53. "Quapropter necesse es ut intelligamus visione spirituali, hoc est intellectu mentis, vel certe in extasi ab Isaia dominum visum et omnia quae hic commomorat vidisse" [*Ibid*, p. 450].
54. *Ibid,* pp. 495-506.
55. "Briġitta says that in her visions she is deprived of the use of her senses, but her soul is enlivened to see and hear" [J. Lindblom, *Prophecy in Ancient Israel*, Philadelphia, Fortress Press, 1962, p. 38]
56. "For the bodily sight, I have said as I saw, as truly as I can; and for the words, I have said them as our Lord showed them to me; and for the spiritual sight, I have told some deal, but I may never fully tell it: and therefore of this sight I am stirred to say more, as God will give me grace" [*Ibid.,* pp. 38-39].
57. Ara r-rakkont f'*Liturġija tas-Sigħat*, vol III, Kummissjoni Liturġika għall-Provinċja Ekkleżjastika Maltija, 1993, pp. 1297-1298.
58. Dawn l-esperjenzi huma rivelazzjoni għax warajhom hemm kawża sopranaturali. Barra dawn il-każijiet wieħed jista' jkollu esperjenza interna ta' viżjoni jew awdizzjoni li l-kawża tagħha hi kawża naturali; dan hu l-każ ta' alluċinazzjoni patoloġika.
59. "... I prefer to define ecstasy as an abnormal state of consciousness in which one is so intensely absorbed by one single idea or one single feeling, or by a group of ideas or feelings, that the normal stream of psychical life is

more or less arrested. The bodily senses cease to function; one becomes impervious to impressions from without; consciousness is exalted above the ordinary level of daily experience; unconscious mental impressions and ideas come to the suraface in the form of visions and auditions. Consequently ecstasy can rightly be described as a kind of monoideism. Such ecstasy is, of course, not peculiar to religious men. Any person so predisposed, who concentrates upon one idea or feeling, easily passes into a sort of trance, however trivial the idea may be which gains possession of his consciousness. Ecstasy in this sense merely indicates the presence of certain abnormal psycho-physical conditions, an alteration of the normal equilibrium, a shifting of the threshold of consciousness. Of course the worth of ecstasy depends entirely on the objective value of the dominating idea or feeling." [J. Lindblom, *op. cit.* pp. 4-5]. Dan it-tip ta' estasi jispjega l-fenomenu tal-levitazzjoni. F'dan l-estasi "one becomes impervious to impressions from without." F'din l-estasi li jinqata' mid-dinja ta' madwaru, u billi l-esperjenza hi ta' natura reliġjuża jiddeskrivi dan bħallikieku kienet esperjenza ta' levitazzjoni.

60. Għall-bżonn fost il-profeti ta' Iżrael kien hemm uħud li kienu jġibu ruħhom kif ġabu ruħhom il-profeti ta' Bagħal fuq il-muntanja Karmel [1 Slat 18,28]; cf. Żak 13,6.
61. 1 Sam 10,9-12; 19,18-24.
62. Eżek 1,3; 3,22; 8,1; 33,22; 37,1; 40,1
63. Eżek 11,5.
64. 1 Sam 10,10; 19,23; 2 Slat 3,15.
65. "I prefer to use the term ecstasy where the inspiration has grown so strong that the inspired person has lost full control of himself" [J. Lindblom, *op. cit.* p. 35]. Imma hemm min isib diffikultà juża t-terminu *estasi* f'każijiet bħal dawn [cf. G. von Rad, *Old Testament Theology*, vol. 2, Edinburgh, Oliver & Boyd 1965, p. 62]
66. Konċilju Vatikan II, *Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina "Dei Verbum"*, nn. 889-890, *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta, edizzjoni Studia 1982, p. 210.
67. Ktieb ispirat li hu wieħed mill-ġabra ta' Kotba Mqaddsa, mill-Iskrittura, jissejjaħ ktieb *kanoniku.* Il-lista ta' kotba li huma meqjusin bħala Kotba Mqaddsa tissejjaħ il-*kanoni* tal-Iskrittura.
68. P. Benoit, *Inspiration and the Bible*, London, Sheed and Ward 1965; *Aspects of Biblical Inspiration*, Chicago, Ill., Priory Press 1965; "Inspiration and Revelation", *Concilium* 10 (1965), pp. 5-14; "Saint Thomas et l'Inspiration

des Ecritures", *Tommaso d'Aquino nel suo VII Centenario*, Congresso Internatzionale 1974, pp. 5-14.
69. Konċilju Vatikan II, *Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina "Dei Verbum"*, nn. 889-890, *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta, edizzjoni Studia 1982, p. 210.
70. Konċilju Vatikan II, *Ibid*, n. 8, p. 209.
71. "The living Tradition is essential for enabling the Church to grow through time in the understanding of the truth revealed in the Scriptures; indeed "by means of the same tradition, the full canon of the sacred books is known to the Church and the holy Scriptures themselves are more thoroughly understood and constantly made effective in the Church". Ultimately, it is the same living Tradition of the Church which makes us adequately understand sacred Scripture as the word of God" Benedict XVI, Post-Synodal Apostolic Exhortation *Verbum Domini*, LEV 2010. F'dan it-test Beneditttu XVI jitkellem fuq it-tradizzjoni li ġġiegħlna nemmnu li l-Iskrittura hi ispirata u tgħarrafna liema huma l-kitba ispirati. Reġa' tkellem fuq l-istess suġġett waqt l-Angelus fis-6 ta' Novembru 2005 fl-okkażjoni tal-40 anniversarju tal-approvazzjoni ta' *Dei Verbum* tal-Konċilju Vatikan II.
72. *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Arċidjoċesi tal-Knisja ta' Malta, n. 108. Cf. ukoll Benedict XVI, Post-Synodal Apostolic Exhortation *Verbum Domini*, LEV 2010, n. 7.
73. Benedict XVI, Post-Synodal Apostolic Exhortation *Verbum Domini*, LEV 2010, n. 7.
74. Kienu diversi l-fatturi li wasslu t-Tradizzjoni għall-għarfien tal-kanoniċità tal-kotba ispirati: l-awtorità wara l-ktieb, il-kontenut tal-ktieb, l-użu tal-ktieb fil-liturġija tat-Tempju, tas-sinagoga, u tal-komunitajiet Insara.
75. It-Tradizzjoni taf il-bidu tagħha qabel l-era Kristjana lill-komunità Lhudija, u qabel l-era Kristjana kienet diġà nqasmet f'żewġ kurrenti: il-kurrent Palestinjan li sab espressjoni fil-kotba li jiffurmaw il-Bibbja Ebrajka u l-kurrent Alessandrin li sab espressjoni fil-verżjoni Griega magħrufa bħala l-verżjoni tas-Sebgħin [LXX]. Is-LXX tinkludi l-kotba kollha tal-Bibbja Ebrajka, u magħhom kotba oħra, inklużi d-dewterokanoniċi [Tob, Ġdt, Għerf, Sir, Bar, 1 Mak, 2 Mak, siltiet f'Est u Dan]. It-tradizzjoni Nisranija tiddependi mill-komunità Lhudija għat-Testment il-Qadim, imma kienet totalment responsabbli għall-iżvilupp tal-kanoni tat-Testment il-Ġdid. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kanoni tat-Testment il-Qadim it-tradizzjoni Nisranija wkoll inqasmet f'żewġ kurrenti. It-tradizzjoni

Kattolika u t-tradizzjoni Ortodossa jsegwu t-tradizzjoni Alessandrina, waqt li l-komunitajiet tar-Riforma jsegwu t-tradizzjoni tal-Palestina. Cf. The Pontifical Biblical Commission, *The Interpretation of the Bible in the Church*, LEV 1993, III, B, 1.

76. Konċilju Vatikan II, *Stqarrija fuq il-Libertà Reliġjuża "Dignitatis Humanae"*, nn.11-12.
77. Ibid., *Stqarrija dwar ir-Relazzjonijiet tal-Knisja mar-reliġjonijiet mhux Insara "Nostra Aetate"*, n. 2.
78. LEV 1993.
79. LEV 2002.
80. N. 21.
81. Hawnhekk il-Kummissjoni tirreferi għal dak is-sens li tradizzjonalment jissejjaħ litterali għax espress fil-*littera* tat-test. San Tumas isejjaħlu wkoll is-sens storiku tat-test [cf. J. Agius, "Sacred Scripture in the Theology of St Thomas Aquinas", *Knisja 2000* n. 146, 2023, pp. 5-27].
82. Anqas il-profeti ma pprevedewh.
83. Hawnhekk f'nota n.19 tikkwota lil Ambroise Autpert li jgħid, "Non solum impleatur, verum etiam transcenditur".
84. N. 21.
85. P. Benoit, "La Plenitude de Sens des Livres Saints," *RB* 67 (1960), pp. 184-185.
86. Fuq ir-rilettura fid-dawl tat-teoloġija rabbinika li kienet tagħmel it-tradizzjoni Lhudija l-Pontifiċja Kummissjoni tgħid: "Should not Christians henceforth read the Bible as Jews do, in order to show proper respect for its Jewish origins?" U tkompli: "As regards the first question... for Christians can and ought to admit that the Jewish reading of the Bible is a possible one, in continuity with the Jewish Sacred Temple period, a reading analogous to the Christian reading which developed in parallel fashion. Both readings are bound up with the vision of their respective faiths, of which the readings are the result and expression. Consequently, both are irreducible." [*The Jewish people and their Sacred Scriptures in the Christian Bible*, LEV 2002, n. 22]. Għall-eżempju tal-irriduċibbilità taż-żewġ interpretazzjonijiet paralleli cf. J. Neusner, *A Rabbi talks with Jesus. An Intermillenial Interfaith Exchange*, New York, London, Toronto, Sydney, Auckland, Doubleday 1993.
87. The Pontifical Biblical Commission, *The Jewish People and their Scriptures in the Christian Bible*, LEV 2002, n. 19, A.1-2. Wara l-awturi tat-Testment il-Ġdid din ir-rilettura tat-Testment il-Qadim inqdiet biha

it-tradizzjoni Nisranija biex tfittex il-preżenza tal-misteru ta' Kristu fit-Testment il-Qadim. Pereżempju, l-iskola patristika ta' Alessandrija applikat il-metodu allegoriku u dik ta' Antijokja applikat il-metodu tipoloġiku.

88. Ibid., n. 21, 6.

89. The Pontifical Biblical Commission, *The Interpretation of the Bible in the Church*, II, B, 1, LEV 1993.

90. Ibid., II, B. 2-3.

91. Ibid., II, B. 2-3. Għal aktar dettalji ara J. Agius, "Is-sens tat-test bibliku fit-tradizzjoni tal-komunità", *Knisja 2000* n. 128, 2019, pp. 79-94.

# Il-Profeta: Strument ta' Alla u pont mal-bnedmin

Fr Dr Sinclair Bugeja

L-awtur magħruf Elie Wiesel jikteb hekk dwar x'jagħmel il-profeta dak li hu:

> "Min hu l-profeta? Xi ħadd li qed ifittex – xi ħadd li qed jiġi mfittex. Xi ħadd li jisma' – u li jiġi mismugħ. Xi ħadd li jara lin-nies kif inhuma, u kif għandhom ikunu. Xi ħadd li jirrifletti żmienu, iżda jgħix barra miż-żmien … Messaġġier ta' Alla lill-bniedem, b'xi mod isir il-messaġġier tal-bniedem lil Alla."[1]

Iżid li l-profeta "jappartjeni lil Alla, li jitkellem permezz ta' leħnu u jużah bħala rabta, pont, strument".[2] Tassew, il-profeti kienu pont bejn l-art u s-sema, bejn dak li hu ta' Alla u dak li hu tal-bniedem. Għamlu esperjenza profonda ta' Alla u din l-esperjenza ma żammewhiex għalihom infushom imma ntbagħtu biex jaqsmuha ma' oħrajn. Servew bħala fomm Alla qalb il-poplu tiegħu biex ireġġgħuh lura għall-fedeltà tal-patt, speċjalment fi kwistjonijiet bħall-idolatrija, l-alleanzi politiċi, u l-ġustizzja soċjali. Wiegħdu s-salvazzjoni għal dawk li reġgħu lura għall-ubbidjenza tal-Mulej, u l-kastig għal dawk li rrifjutaw li jindmu. Il-profeti ma setgħux ma jlissnux dak li ordnahom jagħmlu Alla, anke jekk kellhom iħallsu prezz qares ta' dan.

### 1. Il-Kelma 'Profeta'

It-terminu 'profeta' ġej mill-Grieg *prophétés*, li jfisser 'wieħed li jitkellem f'isem ħaddieħor' jew 'interpretu'. L-ekwivalenti Ebrajk tiegħu, *nabi'*, x'aktarx għandu l-għeruq tiegħu f'forma passiva Akkadika li tfisser 'dak li jissejjaħ'. It-Testment il-Qadim juża wkoll tliet termini Ebrajċi oħrajn għall-figuri profetiċi, għalkemm b'mod aktar rari:

*ro'eh* u *ħozeh*, it-tnejn li huma jfissru 'wieħed li jara', u *ixx elohim*, denominazzjoni għal persuna qaddisa jew ispirata divinament. Minn perspettiva etimoloġika, mela, il-profeta hu l-bniedem ta' Alla, imsejjaħ minnu biex jara dak li oħrajn ma jarawx u jħabbru.

## 2. L-Istorja tal-Profezija

L-ewwel persuna fit-Testment il-Qadim li ngħatat it-titlu *nabi'* hu Abraham, missier il-poplu magħżul ta' Alla (ara Ġen 20:7). Warajh, il-figura profetika per eċċellenza hu Mosè, l-ogħla mudell u eżempju ta' profezija minħabba r-relazzjoni unika u intima tiegħu ma' Alla. L-ebda relazzjoni bħal din ma tintlaħaq qabel il-miġja ta' Ġesù Kristu. Mosè huwa dak li Alla jkellmu "wiċċ imb wiċċ, bħalma bniedem ikellem lil ħabibu" (Eż 33:11; ara wkol Num 12:1-9; Dt 34:10); dak li jara dahar Alla u jgħix (ara Eż 33:18-23), u dak li jirċievi rivelazzjoni speċjali li tittrasformah (ara Eż 34). Huwa l-profeta medjatur, magħżul minn fost in-nies biex jikkomunika dak kollu li Alla jikkmanda (ara Dt 18:15-21). F'dan is-sens, il-profeti kollha li ġew warajh, kemm bikrin kif ukoll klassiċi, jkomplu dak li ħalliet warajha l-missjoni profetika ta' Mosè: "Qatt iżjed ma deher f'Iżrael profeta bħal Mosè li l-Mulej kien jafu wiċċ imb wiċċ; ħadd bħalu għas-sinjali u l-għeġubijiet kollha li tah jagħmel il-Mulej fl-art tal-Eġittu kontra l-Fargħun u l-qaddejja tiegħu kollha u artu kollha: ħadd bħal Mosè, għall-għemejjel kollha ta' qawwa u ta' biża' kbir li għamel quddiem Iżrael kollu" (Dt 34:10-12).

**a) Profezija Bikrija:** Fost il-figuri profetiċi bikrija, Samwel ġeneralment jitqies bħala l-ewwel wieħed, anke jekk jaqdi rwoli diversi – huwa meqjus bħala mħallef, profeta, u aktar. Deskritt bħala *ro'eh* (1 Sam 9:9), l-irwol tiegħu jirrifletti b'mod ċar vokazzjoni profetika awtentika, partikolarment fid-dilka tiegħu tal-ewwel żewġ slaten ta' Iżrael. F'dawn l-espressjonijiet bikrija tal-profezija, Samwel jidher konness ma' grupp ta' profeti kultiċi li kienu involuti f'esperjenzi estatiċi. Figuri profetiċi oħra, bħal Gad, Natan, u Aħija, ma kinux marbuta ma' xi grupp profetiku, santwarju, jew tempju, iżda pjuttost mat-tmexxija rjali. Jidhru li ffunzjonaw bħala konsulenti uffiċjali għas-sultan, li kien jikkonsulta magħhom dwar diversi kwistjonijiet sabiex jagħraf ir-rieda ta' Alla. Wara dawn, il-profeti marbuta mat-tmexxija

rjali, figuri bħal Elija u Eliżew, ħarġu f'oppożizzjoni qawwija għall-monarkija, billi qagħdu 'l bogħod mill-istrutturi rjali u sfidaw l-abbużi u l-infedeltajiet tas-slaten.

**b) Profezija Klassika:** L-iżviluppi bikrija tal-profezija wittew it-triq għall-ogħla punt tal-profezija Ebrajka, li tintlaħaq fil-kitba u l-profeti klassiċi. Dwar dawn nafu relattivament ftit apparti dak li nsibu fil-kotba tagħhom. It-tradizzjoni profetika klassika hija komunament maqsuma fi tliet fażijiet ewlenin. Il-perjodu ta' qabel l-eżilju jinkludi, fost oħrajn, Għamos, Hosegħa, u Ġoel fis-saltna tat-Tramuntana ta' Iżrael; u Isaija, Mikea, u Naħum f'Ġuda. Il-perjodu tal-eżilju huwa rappreżentat minn Ġeremija, kapitli 40–55 ta' Isaija (msejħa Dewtero-Isaija jew it-Tieni Isaija), u Eżekjel li pprofetizza f'Babilonja. Il-fażi ta' wara l-eżilju tinkludi Ħaggaj, Żakkarija, l-aħħar għaxar kapitli ta' Isaija (Trito-Isaija), u Malakija.

Filwaqt li l-profeti bikrin jingħarfu mir-referenzi limitati tagħhom għal figuri profetiċi u minn karattru distintament Dewteronomiku li jwiegħdu ħajja għall-ubbidjenza lejn it-Torah u mewt għad-diżubbidjenza (Dt 30:15-20), il-kitbiet profetiċi li ġew wara jippreservaw x-xandir tal-profeti nfushom, għalkemm jipprovdu ftit informazzjoni dwar l-azzjonijiet tagħhom. Mal-waqgħa tal-monarkija, il-profezija sfaxxat magħha, realtà riflessa b'mod ċar f'diversi testi bibliċi (1 Mak 9:27; 14:41; Salm 74:9).

## 3. Letteratura Profetika

Għalkemm il-profeti nfushom eventwalment sparixxew, il-missjoni tagħhom ġiet ippreservata permezz ta' proċess ta' erba' stadji li laħaq il-qofol tiegħu fil-kanonizzazzjoni tal-kitbiet tagħhom. L-ewwel stadju kien jikkonsisti fil-profeta li jħabbar l-kelma t'Alla oralment. Jeżistu ftit eċċezzjonijiet, bħal Isaija (Is 8:16-18; 30:8-15) u Ġeremija (Ġer 36:4-32). It-tieni stadju kien jinvolvi li d-dixxipli jpoġġu l-orakli tal-profeta f'ordni partikolari. Dan għamluh jew matul il-ħajja tal-profeta jew ibbażati fuq it-tifkiriet tagħhom. Matul is-sekli, dawn il-kollezzjonijiet għaddew minn diversi edizzjonijiet, li wasslu għal adattamenti u kummentarju jew esiġesi. Ir-raba' u l-aħħar stadju seħħ fil-perjodu ta' wara l-eżilju, meta l-kotba profetiċi kollha rċevew il-forma definittiva

u l-qafas kronoloġiku tagħhom. Ġew organizzati mill-ġdid fid-dawl tal-ġrajjiet tal-eżilju u żdiedu magħhom orakli ta' theddid u ġudizzju, orakli kontra l-ġnus, u orakli li jħabbru s-salvazzjoni t'Alla.

Biex iwasslu l-messaġġ t'Alla lin-nies, il-profeti użaw forom letterarji diversi. L-aktar fundamentali minn dawn huwa l-oraklu, proklamazzjoni poetika qasira fejn il-profeta jħabbar il-kelma t'Alla fl-ewwel persuna. Orakli bħal dawn tipikament jiġu introdotti b'formuli bħal "hekk jgħid il-Mulej" jew "kelma tal-Mulej". It-tieni ġeneru huwa r-*rîb*, tilwima legali fejn Alla jidher bħala vittma, imħallef, u prosekutur (Hos 2:4-25; Mik 6:1-8). Din il-forma oriġinat f'ambjenti liturġiċi li huma stess kienu nqdew b'dak li kien iseħħ fil-qrati. Forma oħra hija t-Torah profetika, priedka fejn il-profeta jerġa' jżur l-istorja tal-poplu t'Alla u jħeġġeġ lis-semmiegħa tiegħu (Ġer 7:1; 8:3; Eżek 20). Ir-raba' tip jikkonsisti f'azzjonijiet simboliċi mwettqa mill-profeta (bħal Ġeremija li jkisser buqar tat-tafal jew Eżekjel li jibki lil martu) li, kif jinnota Gerhard von Rad, jservu biex "mhux biss ibassru l-fatt, iżda juru eżatt x'se jinvolvi".[3] F'dawn il-każijiet, mhux biss l-azzjonijiet tal-profeta iżda l-profeta nnifsu jsiru sinjal (per eżempju, Hosegħa jiżżewweġ prostituta, waqt li Ġeremija jibqa' ċelibi). L-aħħar forma letterarja hija dik tal-viżjonijiet fejn il-profeta jirrakkonta l-laqgħa tiegħu ma' Alla permezz ta' rakkont awtobijografiku tal-viżjonijiet tiegħu.

## 4. L-Esperjenza ta' Alla

Il-profeta jħabbar minn esperjenza personali tad-divin f'ħajtu. Dawn huma fost l-esperjenzi li profeti diversi jkollhom ta' Alla:

**a) Is-Sejħa Profetika:** Din it-tip ta' esperjenza ġeneralment issegwi sitt elementi karatteristiċi fil-letteratura profetika (ara Is 6:1-13; Ġer 1:4-19). L-ewwel, Alla jew il-messaġġier tiegħu, jirrivela lilu nnifsu ("U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli …"). It-tieni, stqarrija introduttorja tħabbar il-pjan ta' Alla ("Lil min se nibgħat? Min se jmurilna?"). It-tielet tiġi l-missjoni nnifisha ("Mur u għid lil dan il-poplu"). Ir-raba', il-persuna msejħa tqajjem oġġezzjoni ("Ma nafx nitkellem, għadni żgħir"). Il-ħames, Alla joffri serħan il-moħħ, ħafna drabi akkumpanjat minn sinjal ("La tibżax minnhom, għax jien miegħek biex neħilsek"). Fl-aħħar, l-individwu jaċċetta l-missjoni ("Hawn jien: ibgħat lili!").

**b) L-Esperjenza tal-Kelma t'Alla:** Von Rad jiddeskrivi l-kelma t'Alla bħala "l-bażi fundamentali tal-eżistenza tal-profeta".[4] Fil-fatt, il-letteratura profetika ripetutament tuża l-formula "Il-kelma tal-Mulej ġiet għand…" (frażi li tidher madwar mitt darba), formula li tenfasizza li l-kelma tasal għand il-profeta minn barra minnu aktar milli tqum minn ġo fih. Din il-kelma ssir tant integrata fil-fond fl-esseri tal-profeta li effettivament tingħaqad miegħu hekk kif jinternalizzaha (ara Ġer 15:16; ara wkoll Ġer 1:9; 20:8-9; Eżek 3:1-3).

**c) Viżjonijiet ta' Alla:** Il-viżjoni tikkostitwixxi dimensjoni essenzjali oħra tal-profezija u ġeneralment hija maqsuma f'żewġ kategoriji: viżjonijiet ta' Alla jew ta' xi ħaġa li tappartjeni lil Alla (Għam 9:1-4; Is 6; Eżek 1–3), u viżjonijiet ta' oġġetti simboliċi jew metaforiċi murija lill-profeta (Ġer 1; Għam 7:1). Fil-każ ta' ċerti profeti, bħal Isaija, il-ktieb kollu jista' jinftiehem bħala viżjoni.

**d) Il-Ħtif tal-Profeta:** Meta testi profetiċi jitkellmu dwar "niżlet id il-Mulej fuq ...", jirreferu għall-qawwa divina li taqbad lill-profeta. Din l-espressjoni tidher l-aktar ta' spiss f'konnessjoni mal-profeti bikrin, speċjalment Elija u Eliżew (2 Slat 2:3-5; 3:15).

**e) L-Ispirtu tal-Mulej:** Dan l-element huwa partikolarment evidenti fost il-profeti estatiċi assoċjati mas-santwarji lokali (Num 11:20-30; 1 Sam 10:6-10; 1 Slat 22:20-23). B'kuntrast, ir-referenzi għall-Ispirtu tal-Mulej huma ħafna inqas komuni fil-kitbiet tal-profeti klassiċi.

## 5. Il-Messaġġ tal-Profeta

Meta nħarsu lejn il-messaġġ tal-profeta, għalkemm kull ktieb profetiku jwassal l-enfasi partikolari tiegħu stess iffurmata mis-sitwazzjoni speċifika li jindirizza, il-messaġġ ġenerali jirrifletti s-sejħa Dewteronomistika għall-fedeltà tal-patt. F'dan il-qafas, il-profeti jikkritikaw b'mod konsistenti tliet fallimenti ewlenin:

**a) L-Idolatrija:** Iżrael kien maħsub biex jgħix f'relazzjoni unika u esklussiva mal-uniku Alla veru. Kien Alla li għażel il-poplu tiegħu u kkmandah jibqa' fidil lejh biss. Hosegħa jirrappreżenta din ir-rabta bħala żwieġ. Fi żminijiet bikrin, Iżrael wiegħed ubbidjenza lejn it-Torah; issa, wara li kiser dan il-patt, Alla jsejjaħlu biex iġġeddu, tiġdid li jista' jseħħ biss permezz ta' ritorn lejn id-'deżert', post simboliku ta' purifikazzjoni

u impenn mill-ġdid. Huwa biss billi jobdi lill-uniku Alla, u lilu biss, li Iżrael jista' jsib il-ħajja.

**b) Alleanzi Politiċi:** Il-profeti bl-istess mod ikkundannaw il-prattika tal-alleanzi politiċi. Permezz tal-patt, Iżrael sar il-poplu t'Alla nnifsu, marbut li jafda fih bi skambju għall-protezzjoni tiegħu. Billi fittxew is-sigurtà mingħand in-nazzjonijiet tal-madwar, speċjalment l-Eġittu u l-Mesopotamja, il-poplu t'Alla poġġa lilu nnifsu taħt l-awtorità umana aktar milli taħt il-protezzjoni divina. Dipendenza bħal din ma kinitx biss att ta' nuqqas ta' lealtà iżda fl-aħħar mill-aħħar forma ta' idolatrija (ara Is 30,1-5).

**c) Inġustizzji Soċjali:** Daqstant inkwetanti kienet l-inugwaljanza dejjem tikber bejn l-għonja u l-foqra, bl-għonja jsiru dejjem aktar sinjuri għad-detriment tal-vulnerabbli. Alla ma jopponix il-qima nnifisha, iżda jirrifjuta s-separazzjoni bejn il-prattika reliġjuża u l-għajxien etiku (1 Sam 15:22; Is 1:10-20). It-tiġdid veru jrid jibda fit-tempju u jestendi 'l barra fil-ħajja soċjali.

**Profeti u Messjaniżmu**

Kwistjoni li ilha teżisti fl-interpretazzjoni biblika Nisranija tikkonċerna jekk il-profeti rawx b'mod espliċitu lil Ġesù bħala l-Messija fil-kitbiet tagħhom (ara Is 7; 9:1-16; Ġer 23:1-6; 30:9; Hos 3:5). L-istudju kontemporanju jindirizza din il-kwistjoni billi jenfasizza żewġ punti ewlenin. L-ewwel, il-profeta ma jbassarx il-futur imbiegħed iżda jitkellem direttament dwar iċ-ċirkostanzi ta' żmienu stess (per eżempju, Is 45:1 x'aktarx jirreferi għal Ċiru tal-Persja). It-tieni, l-għarfien modern tagħna tal-'Messija' ħafna drabi huwa dejjaq wisq. Fil-kuntest oriġinali tiegħu, il-Messjaniżmu jirreferi għal trasformazzjoni deċiżiva u dejjiema miġjuba minn Alla f'nofs it-tbatija ta' Iżrael: it-tmiem tal-gwerra, ir-ritorn mill-eżilju, ir-restawr tal-paċi, u tamiet simili. Din is-salvazzjoni għandha kemm dimensjonijiet universali kif ukoll kożmiċi, u l-aġent tagħha huwa dixxendent ta' David li jinkorpora l-ideal tas-saltna.

Fit-Testment il-Qadim, il-Messjaniżmu jiżviluppa fuq tliet linji ewlenin. L-istadju l-aktar bikri jqis lil kull dixxendent ta' David bħala salvatur maħtur minn Alla (2 Sam 7). Hekk kif ir-realtà storika tas-saltna ma laħqitx dan l-ideal, ħarġet it-tieni fażi, li esprimiet it-tama li

Alla jqajjem sultan li verament iwettaq il-vokazzjoni tiegħu u jġedded ir-relazzjoni bejn Alla u Iżrael (Is 7; Mik 5). Wara l-eżilju, il-monarkija ma baqgħetx teżisti. Huwa f'dan il-punt li siltiet Messjaniċi preċedenti jerġgħu jinqraw u jiġu interpretati mill-ġdid sabiex ma jibqgħux japplikaw għal figuri tal-passat iżda minflok jitkellmu dwar il-preżent u l-futur.

## Konklużjoni

F'din il-perspettiva, il-profeta jservi bħala medjatur bejn Alla u l-poplu tiegħu. Huwa mhux biss jikkomunika l-messaġġ t'Alla iżda, f'sens profond, isir il-messaġġ innifsu, billi jġorr il-piż tal-vokazzjoni tiegħu f'ġismu u f'demmu stess. Il-profeta jbati ma' Alla għall-poplu hekk kif jikkonfronta l-ħażen morali tas-soċjetà, u jbati għal Alla għax id-dnub tal-umanità jiċħad id-divin. Il-profeta jieħu sehem fit-tħassib t'Alla u fil-ferħ tiegħu għall-umanità. Dan it-twaħħid ma' Alla jiġġenera frustrazzjoni, solitudni, tbatija, kunflitt intern, u sens ta' falliment. Madankollu, il-profeta ma jistax jieqaf milli jkun profeta. Von Rad jikkaratterizzah bil-mod li ġej:

> "... fl-istati fejn il-profeta ra viżjonijiet u sema' lilu nnifsu jiġi indirizzat, b'mod stramb inqata' minnu nnifsu u minn dak li kien jogħġbu u ma jogħġbux, u nġibed fl-emozzjonijiet tad-divinità nnifisha... Xi ħaġa mill-emozzjoni ta' Jaħweh stess għaddiet fil-*psike* tal-profeta u mlietha sal-punt li bħal donnha kienet se tisplodi."[5]

## Noti

1. Elie Wiesel, *Five Biblical Portraits* (Notre Dame, IN – London: University of Notre Dame Press, 1981), 38-39.
2. Wiesel, *Biblical Portraits*, 39.
3. Gerhard von Rad, *The Theology of Israel's Prophetic Traditions*, vol. II of *Old Testament Theology* (New York, NY: Harper & Row, 1965), 97.
4. Von Rad, *Prophetic Traditions*, 80.
5. Von Rad, *Prophetic Traditions*, 63.

## Biblijografija

Barton, J. “Prophecy: Postexilic Hebrew Prophecy”. In *The Anchor Yale Bible Dictionary*. Edited by D. N. Freedman, 5:489-495. New York, NY: Doubleday, 1992.

Friedrich, G. “προφήτης, προφῆτις, προφητεύω, προφητεία, προφητικός, ψευδοπροφήτης”. In *Theological dictionary of the New Testament*. Edited by Gerhard Kittel & Gerhard Friedrich, 6:781-812. Grand Rapids, MI: Wm. B. Eerdmans Publishing Company, 1964.

Huffmon, H. B. “Prophecy: Ancient Near Eastern Prophecy”. In *The Anchor Yale Bible Dictionary*. Edited by D. N. Freedman, 5:477-482. New York: Doubleday, 1992.

Schmitt, J. J. “Prophecy: Preexilic Hebrew Prophecy”. In *The Anchor Yale Bible Dictionary*. Edited by D. N. Freedman, 5:482-489. New York: Doubleday, 1992.

Von Rad, Gerhard. *The Theology of Israel’s Prophetic Traditions*. Vol. II of *Old Testament Theology*. New York, NY: Harper & Row, 1965.

Wiesel, Elie. *Five Biblical Portraits*. Notre Dame, IN – London: University of Notre Dame Press, 1981.

# The Biblical Prophet: Humanity's Conscience or the King's Mouthpiece?

Fr Dr Justin Schembri OP

## 1. Understanding prophecy in the history of salvation

The word "prophet," derived from the Greek term *prophētēs*, is best understood as *one who speaks on behalf of gods and kings*. This word, in turn, translates the Hebrew noun *nabî*', the standard biblical term for prophet. And yet, since the word *prophētēs* designates a common phenomenon throughout the ANE, it does not help us appreciate what is unique in the prophetic role in Israel. Likewise, the term *nabî*' is also of no use since it can be applied to true prophets (1 Kings 18,22) and false ones (1 Kings 22,22) alike.[1] And so, with all of these equivocations, the question arises: who is the prophet in Israel?

The best place to begin to unravel such a puzzle is 1 Samuel 8,1-22 wherein Samuel, the last of the judges, becomes the first of the prophets. In this chapter, the people of God desire that Samuel appoints for them a human king so that they become like everyone else (1 Sam 8,5.20). Samuel correctly understands this seemingly innocent request as an affront to God's kingly claim on Israel. In fact, it is equivalent to idolatry (1 Sam 8,8) because it would effectively put into doubt God's unequivocal claim as sovereign Lord (1 Sam 8,7).[2]

And while Samuel concedes such a request, he not only explains the negative ramifications of having a human king (1 Sam 8,11-18) but also makes clear that God will still remain in control (1 Sam 8,21). It is at this very moment in the history of Israel that the *explicit* role of the prophet is born, not to be a mouthpiece *for the human king* but rather to keep him *in check*. In this context, while it was hoped that these *vassal* kings listened to the prophetic voice, most did not. In fact, even if everyone knew that he spoke in God's stead, the true prophet

constantly faced hostility and even death on account of the very word that was proclaimed. And yet, the prophets did not shy away from their vocation to call this wayward people back to God. For this reason, the prophetic role in Scriptures is said to be "the conscience of Israel"[3] since, at its very core, this vocation concerns the "radical task of touching men's hearts."[4] Hence, the prophetic mission is to exhort the people to turn away from evil, to return to God with a contrite and pure heart, and to be holy as God is holy. After all, it is only in submitting to "God's norms for life and conduct"[5] that one can truly flourish.

Not surprisingly, this calling survives the monarchy since, even after the exile, the people still needed to have their hearts formed by the word of God spoken through the prophet. What is more is that, based on the post-exilic crystallization of monotheism, the God of Israel is confirmed to be the one and only true God, the creator of heaven and earth to the point that even all the nations are called to come to Jerusalem to worship the Lord (Isa 60,1-3). Thus, the prophetic role becomes entrenched in Israelite theology and becomes one of the perennial guides leading, not just Israel, but also all of humanity back to God.

Therefore, I seek, in this essay, to explain how the prophets, as humanity's conscience, sought to remind the people of God and nations alike that true flourishing depends on enacting the will of the Lord in their lives. The corollary to this is that, by living idolatrous lives, all forms of social injustice will ensue leading to death and destruction.

Now, in order to prove this, I will first explain that, since the prophetic message is entrenched in a particular time and place, it is fundamental that we read the prophets chronologically if we are to truly understand their message. Secondly, I will unpack the term "humanity's conscience" by explaining both the prophetic character and message. The third and last part of this essay will apply this by examining the book of Jonah so as to appreciate the essential characteristics of Israelite prophecy all that much more.

## 2. A canonical or historical approach to the prophetic books?

As previously implied, in order to highlight the necessity of reading the prophets in their historical context, I must first compare such a reading

with the canonical approach. To begin with, it can be pointed out that the *Catholic* canonical approach to Scriptures "strives to interpret Scripture through the canon of Scripture, i.e., the collection of sacred writings accepted as the norm of faith"[6] by the Catholic Church.

This approach is fundamental to understand that the Old Testament was not put together haphazardly but rather has an internal logic that should be valued. However, for the *incipit* to biblical prophecy, this canonical approach has certain drawbacks. Certainly, while the historical books (most of which are known as the former prophets) contain a logical and chronological sequence of events, this is not so with the latter prophets. For instance, while historically Amos was the first of the latter prophets, canonically it is preceded by Isaiah, Jeremiah, Lamentations, Baruch, Ezekiel, Daniel, Hosea, and Joel. In this way, read canonically, the significance of the historical context of the book of Amos is obscured to the point that one would need to jump back and forth through time in order bring such a context to light. Moreover, since later prophets frequently built on the words and traditions of earlier ones, the canonical approach makes it hard to track the development of prophetic ideas and traditions.

In reality, a distinction ought to be made between what happens in the first temple period before the exile, during the Babylonian exile (c. 597-538 BC), and after the return from the exile. Indeed, while Jeremiah warns the people about the hazard of taking God for granted and relying solely of the magnificence of the temple (Jer 7,4), Ezekiel has a vision of the rebuilding of the temple (cf. Ezek 40–48), implying that the temple was destroyed. Its rebuilding is then decreed by Haggai (Hag 1,1-15) in the post-exilic period.

While one of many, this example shows how difficult it is to fully comprehend the prophetic word without understanding the historical context in which each prophet preached. It is, therefore, recommended that the *incipit* to biblical prophecy reads the prophets chronologically and not just canonically so as to fully appreciate the message that they wanted to impart. The distinction between the canonical form and chronological arrangement of the *latter* prophets can be depicted in the following way.[7]

| Latter Prophets presented canonically | | |
|---|---|---|
| **Major** | **Minor** | |
| | Book of the Twelve | |
| Isaiah | Hosea | Nahum |
| Jeremiah | Joel | Habakkuk |
| Lamentations | Amos | Zephaniah |
| Baruch | Obadiah | Haggai |
| Ezekiel | Jonah | Zechariah |
| Daniel | Micah | Malachi |

| Chronological division of Latter Prophets | | |
|---|---|---|
| **Pre-exilic** | **Exilic** | **Post-Exilic** |
| Amos (c. 765-755) | Ezekiel (593-573) | Haggi (520) |
| Hosea (c. 755-725) | Isaiah 40–55 (587-553) | Zechariah 1–8 (520-518) |
| Isaiah 1–39 (c. 742-698) | Lamentations (c. 586-520) | Malachi (c. 515) |
| Micah (c. 720s-687) | | Isaiah 56–66 (520s-515) |
| Zephaniah (639-609) | | Joel (mid-5th cent. BC) |
| Nahum (c. 620s) | | Zechariah 9–11 (mid-5th cent. BC) |
| Jeremiah (c. 627-587) | | Jonah (4th/3rd cent. BC) |
| Habakkuk (605-598) | | Zechariah 12–14 (4th/3rd cent. BC) |
| Obadiah (c. 587-553) | | Daniel (c. 165-164) |
| | | Baruch (c. 168-139) |

## 3. Prophetic integrity and essence of the prophetic message

After providing a generic picture of *how* one should engage with the prophets, it is now time to unpack the concept of "humanity's conscience" by examining *who* the prophet is and *what* is the essence of the prophetic message.[8] Above, it was claimed that, at the heart of the prophetic message, is the call to purify one's heart and to return to God. Now, in order to be successful in this mission, the prophet must be a person of integrity. Indeed, to be credible, he must enact that type of conduct that expresses "the idea of a harmony or wholeheartedness perceivable in his conduct, i.e., in his thinking (intentions), speaking and acting."[9]

For this to happen, there must be a habitual, dynamic, and intimate relationship between God and the prophet. For this reason, it is also clear that the prophet is one who prays to God – where this prayer is not just one of intercession, praise, or even lamentation but rather an act of intertwining one's heart with God. In other terms, "*all biblical prayer*

*is covenantal*"[10] in the sense that it is driven by the inner desire to live out the creational goal of communion and shalomic rest.

Thus, the mark of the true prophet is one who is *simple of heart* in everything that he does which requires both a single-minded focus on God and a living out of the will of the Lord concretely in life. A good example of this is found in Jer 23,9-40.[11] There, Jeremiah attacks not only the immoral behaviour of false prophets but also their "lies" which do not come from God. In instances such as these, it becomes clear that, if the prophet is to be successful in the mission, he must be authentic and true since any such authority that he has comes from God himself.

The second trait of the prophetic character is one who is called by God since no one can appoint himself as a prophet. In the OT, there are more than a few examples of prophets being called. Indeed, Amos (Am 7,12-15), Isaiah (Isa 6,1-13), Jeremiah (Jer 1,4-19), and Ezekiel (Ezek 1–3) are all explicitly called by God for a prophetic mission.[12]

Minflok Alla tal-istorja, tal-bidla u tal-għażliet ħielsa, kien qed jitqies bħala alla marbut mar-ritmi tan-natura. B'dan il-mod, il-poplu kien qed jitlef is-sens ta' responsabiltà storika tiegħu. Fil-viżjoni reliġjuża naturalistika, l-importanti kien li wieħed jidħol permezz tar-riti fir-ritmi tan-natura. In-natura hija r-renju tan-neċessità; l-istorja hija r-renju tal-libertà, tal-għażliet u tad-deċiżjonijiet.

Fin-natura ma hemmx għażla; kollox huwa determinat. Għalhekk, ir-reliġjon ta' Jahvè, meta ġiet ikkulurita b'elementi ta' Bagħal, saret reliġjon li tneħħi r-responsabbiltà mill-bniedem.

B'mod partikolari fl-ewwel tliet kapitli tal-ktieb tiegħu, Hosegħa jikkundanna l-"baalizzazzjoni" ta' Jahvè u l-qima tal-idoli. Dawn l-idoli kienu rappreżentati mill-famużi għoġġiela tad-deheb, li jidhru wkoll fir-rakkont tal-Eżodu bħala simbolu ta' kult li jippreżenta lil Jahvè bħala sempliċi sors ta' enerġiji naturali.

Hosegħa jikkundanna r-reliġjon mifhuma bħala ġuf matern. It-tarbija fil-ġuf ma tagħżilx u ma tiddeċidix; hija tgħix fil-kumdità, fil-protezzjoni u fis-sigurtà. Għalhekk il-profeta jikkritika reliġjon li ssir kenn kontra r-riskji, il-kunflitti u d-drammi tal-istorja, fejn il-bniedem huwa msejjaħ jagħmel għażliet u jieħu deċiżjonijiet.

Barra minn hekk, Hosegħa jħabbar ukoll il-ġudizzju ta' kundanna ta' Jahvè fuq dan il-poplu. Il-kundanna hija tant qawwija li tintwera permezz tal-immaġni ta' żewġ li jagħti ċ-ċertifikat tad-divorzju lill-għarusa tiegħu, Iżrael, minħabba l-infedeltà tagħha (Hos 1,9). Il-poplu ma jibqax "poplu tiegħi", iżda jsir "Lo' Ammi", jiġifieri "mhux il-poplu tiegħi". Ir-relazzjoni bejn Alla u l-poplu tiegħu tista' tinkiser minħabba l-infedeltà. Għalhekk il-profeti jqiegħdu l-verità tal-poplu ta' Alla taħt is-sinjal tal-fedeltà: hija l-fedeltà lejn Alla li tagħmel komunità poplu ta' Alla. Kif jgħid Hos 6,6, il-Patt jibqa' fis-seħħ permezz tal-lealtà tal-

bniedem lejn Alla, mhux permezz tas-sagrifiċċji, tal-kult jew tal-offerti maħruqa.

Madankollu, din il-kritika qawwija hija marbuta ma' wegħda ta' tama. Jiġi żmien, jgħid il-Mulej, meta Huwa jerġa' jiġbed lejh lill-poplu tiegħu, jitkellem lill-qalb tiegħu u jagħmlu għal dejjem fidil.

F'Hos 2,14 il-possibbiltà tas-salvazzjoni tinsab fl-intervent straordinarju ta' Alla:

"Jiena nitkellem lill-qalb tagħha, nerġa' nieħu lill-għarusa tiegħi fid-deżert, 'il bogħod mill-kulti ta' Bagħal, u nerġa' nirbaħha bl-imħabba." Jekk il-profeta jkun radikali fil-kundanna, daqstant ieħor ikun radikali fil-wegħda. Il-futur il-ġdid li lejh il-profeti jridu jdawru l-ħarsa tal-poplu huwa proprju dan l-intervent straordinarju ta' Alla. L-Eżodu tal-passat ma jistax aktar isalva lil dan il-poplu; hemm bżonn ta' inizjattiva ġdida minn Alla sabiex il-poplu jerġa' jsir, u għal dejjem, il-poplu tiegħu.

### Il-Proto-Iżaija (Iż 1-39): kontra kult mifrud mill-ħajja u viżjoni awtosuffiċjenti

Il-Proto-Iżaija huwa profeta persuna ta' klassi aristokratika fis-saltna ta' Ġuda u li għex bejn it-tieni nofs tat-8 qK u l-bidu tas-7 qK f'Ġerusalemm. Wieħed mill-aspetti ewlenin tal-messaġġ ta' Isaija huwa l-kritika tiegħu lejn kult li ma jkunx marbut mal-ħajja konkreta, jiġifieri kult mifrud mill-esperjenza soċjali u ta' kuljum tal-bniedem. Xi drabi wieħed jaħseb li l-kundanna ta' Iżaija, bħal dik ta' Għamos u ta' profeti oħra, hija kontra kult purament estern u formali, iżda dan mhuwiex il-każ. Il-profeti ma jridux jikkundannaw kult fejn il-qalb tal-bniedem ma tkunx involuta u fejn kollox jibqa' fil-wiċċ. Il-kritika tagħhom hija aktar profonda: hija kontra kult li jista' jkun mgħejjux b'intensità kbira, b'parteċipazzjoni sħiħa u sinċiera, iżda li jibqa' mifrud mill-ħajja ta' kuljum. Għall-profeti, il-kuntrast mhuwiex bejn dak li hu intern u dak li hu estern fil-bniedem, iżda bejn il-qasam sagru – il-kult, il-liturġija, is-sagramenti u l-festi reliġjużi – u l-qasam profan tal-ħajja ta' kuljum. Il-kundanna ta' Iżaija mhijiex kontra kult formalistiku, iżda kontra kult maqsum u mifrud mill-fedeltà storika lejn Alla fil-ħajja ta' kuljum: fil-qasam ekonomiku, soċjali, politiku u familjari.

It-tieni aspett tal-kritika ta' Iżaija huwa dirett lejn il-politika tal-pattijiet, tat-tisħiħ militari u tal-espansjoni tal-poter tas-saltna ta' Ġuda. F'dan il-kuntest, il-kritika tiegħu hija mmirata b'mod speċjali lejn is-sultan u lejn il-klassi mexxejja, li kienu jfittxu s-saħħa politika bħala mezz ta' salvazzjoni u bħala garanzija ta' awtosuffiċjenza.

Aħaż kien sultan reliġjuż ħafna, iżda kien jippromovi politika ta' sigurtà bbażata fuq il-qawwa militari u fuq pattijiet politiċi sabiex jevita t-theddida tal-qawwa kbira Assirjana. Iżaija jintervjeni biex jinterpreta din il-politika bħala espressjoni ta' nuqqas ta' fiduċja f'Jahvè. Skont il-profeta, is-salvazzjoni ġejja biss minn Jahvè (Iż 7; 22,8; 30,1-7; u 31,1-3).

Mill-aspett pożittiv, l-appell ta' Iżaija huwa għal fidi assoluta u għal fiduċja sħiħa f'Jahvè. Il-fidi – u din hija l-ewwel riflessjoni teoloġika fuq il-fidi fil-Bibbja – tfisser proprju li wieħed jistrieħ fuq Jahvè biex ma jitħawwadx u ma jaqax.

**Ġeremija: kontra sigurtajiet foloz fl-istennija tal-liġi miktuba fil-qlub**

Ġeremija, profeta fis-saltna ta' Ġuda, għex fi żmien meta l-kriżi kienet riesqa lejn l-epilogu drammatiku tagħha: l-assedju ta' Ġerusalemm, il-qerda tagħha, it-telfa tal-art u l-eżilju tal-poplu. Ġeremija għex b'passjoni u b'uġigħ straordinarju l-ġrajja tal-poplu li kien qed jittradixxi lil Alla. Il-profeta jikkritika s-sigurtà falza u kważi superstizzjuża li l-poplu kien iqiegħed fl-istituzzjonijiet sagri tiegħu, speċjalment fit-Tempju, li kien meqjus bħala l-post tal-preżenza ta' Alla u għalhekk bħala realtà li ma setgħet qatt tiġi mittiefsa.

Meta Ġeremija kien isejjaħ lill-abitanti ta' Ġerusalemm għall-konverżjoni, għall-fedeltà u għall-lealtà lejn Alla sabiex jaħarbu mit-theddida tal-Babilonja, huma kienu jwieġbu li ma kellhomx għalfejn ibiddlu ħajjithom, għax Ġerusalemm kienet imħarrsa mit-Tempju fejn Alla kien preżenti.

Għalhekk Ġeremija jistieden lill-abitanti ta' Ġerusalemm jagħmlu pellegrinaġġ lejn is-santwarju ta' Betel fit-Tramuntana sabiex jaraw x'kien baqa' mis-santwarju ta' Jahvè li darba kien jeżisti hemmhekk. Huwa jwissihom li l-istess destin kien se jolqot ukoll is-santwarju ta' Ġerusalemm, li kien se jinbidel f'munzell ta' ġebel u tifrik.

Il-poplu ta' Alla kien iħossu sigur għax kien jafda f'istituzzjonijiet sagri bħat-Tempju, l-art imwiegħda u s-saċerdozju. Iżda din kienet sigurtà falza, għax lanqas l-aktar istituzzjoni qaddisa ma tista' tiggarantixxi s-salvazzjoni.

Aspett ieħor li jikkaratterizza l-predikazzjoni profetika ta' Ġeremija huwa l-akkuża tal-"baalizzazzjoni" ta' Jahvè. Ġeremija jara fl-abbandun lejn il-kulti naturali u idolatriċi prova ta' kemm il-bniedem kien intilef għal kollox.

Fi kliem ieħor, il-bniedem ma kienx tilef biss il-fedeltà tiegħu lejn Alla, iżda kien tilef lilu nnifsu. Ma baqax persuna kapaċi tieħu deċiżjonijiet ħielsa u responsabbli. Skont Ġeremija, lanqas biss kien jagħmel sens li wieħed isejjaħlu għall-fedeltà, għax ma kienx għadu jaf jagħżel. Kien sar bħal relitt, oġġett mingħajr direzzjoni.

L-idoli kienu daħlu fil-fond ta' qalbu u kienu jiddominawh kompletament. F'Ġer 5,23 insibu riferiment għall-"qalb ribelluża" tal-poplu; f'Ġer 9,25 jissemma l-"qalb mhux ċirkonċiża", jiġifieri l-inkapaċità tal-bniedem li jilqa' l-kelma ta' Alla bħala sejħa għal deċiżjoni ġdida u differenti.

F'Ġer 10,23 il-profeta jgħid li l-bniedem ma għadux kapaċi jmexxi l-passi tiegħu stess; huwa bħal għami fit-toroq tad-dinja. Madankollu, Ġeremija jħabbar ukoll tama kbira. Huwa jafferma li Iżrael, il-għarusa miċħuda, li skont il-liġi ma setgħetx terġa' tingħaqad ma' żewġha, se terġa' tintlaqa' minn Alla permezz ta' intervent mirakoluż u straordinarju. Jahvè se jibdel in-natura stess tal-poplu tiegħu. Hawnhekk insibu t-tħabbira ta' miraklu: patt ġdid u alleanza ġdida. B'differenza mill-alleanza tas-Sinaj, il-liġi l-ġdida mhux se tkun miktuba fuq twavel tal-ġebel, iżda fil-qlub tal-bnedmin. Din hija possibbiltà ġdida li titwieled proprju hemm fejn il-bniedem jidher impotenti, bħala miraklu tal-grazzja ta' Alla, possibbiltà li tmur lil hinn minn kull possibbiltà umana.

F'Ġer 31,31-34 ma nitkellmux dwar liġi aġġornata jew imtejba, iżda dwar liġi li fiha dinamika ġdida u qawwa ġdida. Mhijiex biss il-liġi li tinbidel; huwa l-bniedem innifsu li jsir ġdid. Alla joħloq għalih innifsu sieħeb ġdid, poplu ġdid u fidil.

**Eżekjel: mill-qalb tal-ġebel għall-qalb tal-laħam**

Eżekjel huwa parzjalment kontemporanju ta' Ġeremija. Huwa għex fl-eżilju wara l-ewwel deportazzjoni tal-597 qK. Wieħed mill-aspetti tal-kritika tiegħu huwa dirett kontra l-kollettiviżmu morali.

Fost il-poplu kien qed jiċċirkola proverbju li kien jgħid: "Il-missirijiet kielu għeneb qares u uliedhom għandhom snienhom jitriegħdu." Dan kien ifisser li r-responsabbiltà għall-ħażen, għat-traġedji u għall-katastrofi kienet qed tiġi attribwita lill-antenati. Il-kollettiviżmu morali kien tentattiv min-naħa tal-ġenerazzjoni ta' dak iż-żmien biex teħles mir-responsabbiltà personali tagħha. Skonthom, il-ħtija u l-kawża tal-eżilju kienu tal-missirijiet tagħhom, filwaqt li huma kienu biss il-vittmi. Kien il-passat li kien qed jagħfas fuqhom. Dan kien mod kif wieħed jaħrab mir-responsabbiltà personali u individwali billi jinħeba wara solidarjetà mifhuma ħażin, u jafda d-destin tiegħu lill-kollettività aktar milli lill-għażliet tiegħu stess.

Eżek 18 jiddefendi l-individwaliżmu morali u jikkundanna l-kollettiviżmu. Kull persuna, jgħid il-profeta, se tirċievi l-ħajja jew il-mewt skont dak li tkun għamlet hi stess. Barra minn hekk, Eżek 34 jikkritika lir-ragħajja li jisfruttaw in-ngħaġ. Il-poplu huwa bħal merħla li qed titmexxa lejn it-telfien mir-ragħajja tagħha, jiġifieri mill-mexxejja reliġjużi u politiċi. Anke hawn il-prospettiva ta' Eżekjel hija waħda ta' tama: Jahvè nnifsu se jsir ir-Ragħaj tal-poplu tiegħu u jqajjem ragħaj ġdid biex imexxih. Hawnhekk tidher b'mod ċar l-istennija messjanika.

It-tielet aspett tal-kundanna ta' Eżek 37 jirrigwarda sitwazzjoni li, minn perspettiva umana, kienet tidher kompletament mingħajr tama. Fl-eżilju, Iżrael huwa deskritt bħala munzell ta' għadam niexef mifrux fid-deżert. Il-profeta jistaqsi mistoqsija li tidher kważi sfida: "Jistgħu dawn l-għadmiet jerġgħu jieħdu l-ħajja?" Skont Eżekjel, ikun l-Ispirtu ta' Alla li jwettaq il-miraklu tal-qawmien mill-ġdid, jiġifieri l-ħajja li toħroġ mill-mewt. B'dan il-mod, it-tamiet ta' poplu li kien sar rassenjat, megħlub u passiv jiġu diretti lejn il-ġejjieni. F'Eżek 36,24-28 il-profeta jitkellem dwar Alla li jneħħi l-qalb tal-ġebel – qalb insensittiva, magħluqa u mwebbsa – u jqiegħed flokha qalb tal-laħam, qalb ħajja u sensittiva li tista' tifhem it-talbiet ta' Alla u twieġeb għalihom.

## Id-Deutero-Iżaija (Iż 40-55) u t-tama

Id-Deutero-Iżaija, li għex u ħadem lejn it-tmiem tal-eżilju, huwa profeta anonimu b'ispiritwalità qrib ħafna ta' dik tal-kbir Iżaija. Il-kritika tiegħu hija diretta kontra d-disfattiżmu u r-rassenjazzjoni tal-eżiljati.

Huwa jipprova jqajjem it-tama fil-poplu u jipprietka kelma ta' faraġ u ta' inkoraġġiment. Din il-kelma ma tillimitax ruħha biex ttaffi t-tbatija minn barra, iżda, imsaħħa mill-wegħda tal-intervent straordinarju ta' Alla, tħabbar futur ġdid.

Għalhekk jgħid: "Ma tibqgħux tħarsu lura lejn il-ġrajjiet tal-imgħoddi, iżda ħarsu 'l quddiem lejn il-ħwejjeġ ġodda li jiena se nagħmel." (Iż 43,18-19) Din hija l-wegħda tal-ħelsien mirakoluż u tar-ritorn mill-eżilju. Il-messaġġ tad-Deutero-Iżaija huwa għalhekk messaġġ ta' tama, ta' fiduċja fil-futur u ta' ċertezza li Alla għadu jaħdem fl-istorja biex joħloq realtà ġdida għall-poplu tiegħu.

## Biblijografija

ALONSO SCHÖKEL L. – SICRE DIAZ J.L., I profeti, Borla, Roma 1996.

BLENKINSOPP J., Storia della profezia in Israele, Queriniana, Brescia 1997.

BOVATI P., Così parla il Signore. Studi sul profetismo biblico, S.M. SESSA, EDB, Bologna 2008.

O'BRIEN, J. M., Prophets beyond Activism: Rethinking the Prophetic Roots of Social Justice (Louisville, KY: Westminster John Knox, 2024).

SPREAFICO A., La voce di Dio. Per capire i profeti, Studi Biblici 33, EDB, Bologna 1998.

VON RAD, GERHARD, Old Testament Theology, vol. 2, The Theology of Israel's Prophetic Traditions. Trans. D. M. G. Stalker. Westminster John Knox, 1965, 2001.

# *'Expositio super Isaiam ad litteram'*: Tumas t'Akwinu u l-Profeta Isaija

Fr Raymond Gatt OP

Hemm firxa ta' madwar elfejn sena li jifirdu il-profeta Isaija li għex f'nofs is-seklu 8 Q.K minn Tumas ta' Akwinu (1225-1274). Imma dan ma kienx ta' ostaklu biex id-duttur jiltaqa' mal-profeta, ċertament mhux fiżikament, imma billi jaqra, jimmedita, jgħallem u jikkummenta fuq dak li kiteb Isaija mijiet ta' snin qablu. Tumas li kien il-ħin kollu viċin ta' Alla permezz tat-talb u tal-istudju tal-Iskrittura Mqaddsa, ried li jgħaddi lill-istudenti tiegħu fosthom dawk Dumnikani, dak li rċieva matul il-ħidma intellettwali u spiritwali tiegħu permezz tal-korsijiet u l-volumi ta' kitba li pproduċa matul ħajtu.

Huwa kien jaf sewwa l-Iskrittura Mqaddsa u dan jidher ċar fil-mod kif huwa l-ħin kollu jagħmel riferenza għaliha fil-kitbiet teoloġiċi tiegħu u anki fil-kummentarji bibliċi.[1] Fost dawn il-kummentarji ta' Tumas insibu dak fuq il-Ktieb tal-Profeta Isaija – *Expositio super Isaiam ad litteram*, fejn naraw il-viżjoni profetika ta' Isaija u l-għana kbir tal-profezija kif mogħtija minn Alla fit-Testment il-Qadim. Dan huwa l-ewwel xogħol bibliku imsejjaħ *cursorie* li Tumas bħala *cursor biblicus* għallem u kiteb fl-ewwel snin tal-formazzjoni akkademika tiegħu, aktarx f'Kolonja taħt is-superviżjoni ta' Albert il-Kbir (1200-1280), qabel telaq lejn Pariġi fl-1252.[2]

## I

Il-ktieb tal-profeta Isaija jiġbor fih sitta u sittin kapitlu. Skont il-biblisti kontemporanji l-ktieb jinqasam fi tlett partijiet ewlenin: il-*Proto-Isaija* (kapitli 1 sa 39), id-*Dewtero-Isaija* (kapitli 40 sa 55) u *Trito-Isaija* (kapitli 56 sa 66).[3] Mill-istil tal-kitba jidher li mhux il-ktieb kollu nkiteb minn Isaija bin Amos imma ġie msawwar minn awturi fi żminijiet differenti

imma li madankollu ġie attribwit b'awtorità lilu. Ċertament għal Tumas u għall-awturi Medjevali kollha ta' żmienu dan il-ktieb kien ikkunsidrat bħala opra sħiħa miktuba kollha mill-profeta Isaija.

Il-Profeta Isaija wettaq il-missjoni tiegħu bejn is-snin 740 u s-687 Q.K., fi żmien erba' slaten ta' Ġuda: Għużżija, Ġotam, Aħaż u Ħeżekija (Is 1:1) li skont il-profeta d-dnub tagħhom kien in-nuqqas ta' fidi f'Alla. Is-sejħa ta' Isaija hija drammatizzata imma fl-istess ħin reali għax esperjenzaha bħala viżjoni l-profeta nnifsu.[4] Huwa jiddeskriviha b'dan il-mod: *"Imbagħad wieħed mis-serafini tar lejja b'ġamra f'idu li kien ħa b'imqass tan-nar minn fuq l-altar. Biha messli fommi u qal: 'Ara, din messitlek xofftejk, ħżunitek tneħħiet, dnubek inħafer.' Imbagħad smajt leħen il-Mulej jgħid: 'Lil min se nibgħat? Min se jmurilna?' U jien weġibt: 'Hawn jien, ibagħat lili!'"* (Is 6:6-8). Kif juri l-ktieb huwa ġie msejjaħ għall-missjoni diffiċli li kellha bħala mira l-belt ta' Ġerusalemm, it-tempju u d-dinastija Davidika. L-isem ta' Isaija jfisser 'Jahweh isalva', u dan jurih fil-predikazzjoni u fit-tħabbir tiegħu tal-profeziji messjaniċi (Is 2:2-5; 7:10-17; 8:23; 9;1-6; 11:1-10). Għalkemm il-poplu kien ingrat imma Alla xorta baqa' jħobbu u jibagħtlu l-profeti tiegħu biex juruh it-triq tar-ritorn tiegħu mill-ġdid għal għandu.[5] Għalhekk Isaija jintbagħat minn Alla biex ixandar il-ġustizzja soċjali u l-paċi.

It-tieni parti tal-ktieb ta' Isaija li hija attribwita lid-Dewtero-Isaija tissejjaħ 'Ktieb il-faraġ ta' Iżrael' għax tibda bil-kliem: *'Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi' jgħid Alla tagħkom"* (Is 40:1). F'dan iż-żmien il-poplu reġa' ħa l-ħelsien tiegħu mill-eżilju tal-Babilonja, u Isaija jħabbar futur b'viżjoni ottimista. F'din il-parti insibu dawk li jissejħu 'l-Għanjiet tal-Qaddej tal-Mulej' (Is 42:1-4; 49:1-7; 50:4-11; 52:13-53:12). Dawn l-erba' poeziji juru l-missjoni tal-Qaddej ta' Jahweh li għall-istudjużi seta' kien xi bniedem individwali, għall-profeta nnifsu, jew l-istess poplu ta' Israel. It-tradizzjoni nisranija sa mill-bidu żammet li hi l-persuna ta' Ġesù Kristu bħala l-'Qaddej ta' Jahweh'.[6]

It-tielet parti hija miktuba fil-kuntest storiku meta l-poplu Lhudi reġa' beda jinbena mill-ġdid wara s-sena 538 Q.K. Il-profeta jqawwi qalb il-poplu permezz ta' orakli apposta, minħabba li għalkemm issa reġa' lura f'Ġerusalemm kellu jħabbat wiċċu ma' diffikultajiet kbar. Skont

il-profeta, Ġerusalemm li kienet mitluqa u mormija bħal mara armla, issa se ssir omm ferħana ta' ħafna ulied (Is 54:1-14; 65:17-25). Huwa jħabbar jiem ġodda mimlija ferħ għal dawk li juru fiduċja u jgħixu l-fidi fil-viżjoni *'ta' smewwiet ġodda u art ġdida'* (Is 65:17-25) għax Alla huwa sovran fuq il-komunità tal-patt u fuq il-ġnus kollha, waqt li jsejjaħ il-popli kollha għall-ħajja responsabbli. Quddiem il-viżjoni profetika ppreżentata minn Isaija, Tumas kiteb kummentarju u anki uża l-materjal profetiku biex jibni t-Teoloġija Sistematika tiegħu.[7]

## II

Il-*Kummentarju fuq Isaija* ta' Tumas t'Akwinu għalkemm huwa xogħol bikri,[8] imma hu siewi bħala xogħol teoloġiku[9]; hu għallem il-ktieb ta' Isaija bejn is-snin 1251-52 meta kien f'Kolonja,[10] qabel ma sar Majjistru tal-Iskrittura Mqaddsa.[11] Għalih l-Iskrittura dejjem kienet il-post ċentrali tal-verità irrivelata minn Alla. Kull Kummentarju ta' Akwinu fuq il-Kotba Mqaddsa[12] dejjem huwa kkummentat mill-perspettiva filosofika[13] u teoloġika. Dan narawh b'mod ċar fil-*Kummentarju fuq Isaija* fejn Tumas jikkumenta kull vers biex jagħti it-tifsira letterali tiegħu. Dan jagħmlu b'mod mill-aktar metikoluż, loġiku u sistematiku, bid-definizzjonijiet, diviżjonijiet u distinzjonijiet meħtieġa u b'referenzi kontinwi għal testi oħra tal-Iskrittura[14] u ta' Missirijiet il-Knisja.[15] Huwa kellu għal qalbu ħafna l-ktieb tal-profeta Isaija[16] għax kien iqisu bħala l-bażi tal-fidi nisranija, tant li dan il-ktieb profetiku kien jinqara fil-Knisja fi żmien l-Avvent.[17]

Tumas fil-bidu tal-Prologu tal-*Kummentarju fuq Isaija*, jikkwota vers mill-profeta Ħabakkuk: *'Imbagħad il-Mulej wieġeb: "Ikteb id-dehra", qalli, "onqoxha fuq tavlozzi, hekk li jkun jista' jħaffef min jaqraha. Għax id-dehra sseħħ meta jkun waqtha, tistenna sa ma ttemm, u ma tqarraqx. Jekk hija ddum ma tasal, int stenniha, għax tiġi żgur, ma tiddawwarx ma tasal!"'*[18] Dawn il-versi li jagħżel Tumas juru tlett aspetti li fuqhom jibni l-*Kummentarju* tiegħu jiġifieri: a. il-persuna nnifisha tal-profeta li ġie mqabbad mill-Ispirtu s-Santu biex jikteb il-Kelma tiegħu[19]; b. L-għamla li biha l-profeta kiteb, li tikkonsisti f'tixbihat u lingwaġġ figurattiv imma li huma diretti fl-espressjoni b'tali mod li joħolqu kitba estetikament sabiħa[20]; u c. l-għan li għalih kiteb Isaija huwa biex juri

li din il-profezija iqisha Evanġelju fuq Kristu, u d-dehra tiegħu bħala *apparitio filii Dei*, l-Iben t'Alla.[21]

Tumas jikkumenta s-66 kapitlu li fih il-*Ktieb ta' Isaija* bil-għan li jiddentifika u jasal għat-tifsira tal-profezija tiegħu. L-istruttura tal-Kummentarju huwa maqsum f'żewġ partijiet ewlenin: a. mill-kapitlu 1 sa 39 hemm is-sejħa u t-thabbira tal-ġustizzja divina kontra l-midinbin; b. mill-kapitlu 40 sa 66 tiddomina l-ħniena divina għall-qawmien tal-bniedem ġust.[22] Huwa jiffoka fuq it-tifsira letterali u jagħmel referenza għal testi oħra meħuda mill-Iskrittura Mqaddsa biex jagħti l-interpretazzjoni tiegħu. Tumas ma jonqosx li jikkwota lill-predeċessuri tiegħu fosthom San Ġilormu, Santu Wistin, Psewdo-Dijonisju u San Ġwann Damaxxenu. Anki l-filosfu Grieg Aristotli huwa ċċittat tmien darbiet fil-*Kummentarju fuq Isaija*. Ma' dawn inżidu wkoll dik li kienet tissejjaħ il-*glossa ordinaria* li kienet ġabra ta' noti mal-Kummentarji bibliċi biex jiċċaraw it-tifsir tal-kliem.[23] Tumas jiċċita l-*glossa* mat-32 darba fil-kummentarju tiegħu.

Tumas jikkunsidra żewġ sensi fl-Iskrittura Mqaddsa: bħat-teoloġi Medjevali, huwa jiddistingwi fit-test bibliku is-sens *letterali* jew *storiku* jiġifieri dak li fl-intenzjoni tiegħu l-awtur tal-ktieb bibliku ried iwassal bil-kitba.[24] Kull verità meħtieġa għas-salvazzjoni hija pproklamata letteralment fl-Iskrittura Mqaddsa. Imbagħad hemm is-sens *spiritwali* li jinqasam fi tlieta: dak *allegoriku*, *morali (tropoloġiku)* u *anagoġiku*.[25] Għal Tumas kull argument irid ikun mibni biss fuq is-sens letterali-storiku tat-test bibliku u mhux fuq is-sens spiritwali. B'daqshekk ma jintilef xejn mill-Iskrittura Mqaddsa, għax m'hemm xejn taħt is-sens spiritwali neċessarju għall-fidi li l-Kelma ta' Alla band'oħra ma twassalx manifestament taħt is-sens letterali.[26]

Fl-ewwel kapitlu tal-*Kummentarju fuq Isaija*, Tumas jittratta n-natura tal-profezija.[27] Skont Tumas il-kelma profezija għandha żewġ interpretazzjonijiet: waħda ġejja mill-kelma '*phanos'* li tfisser '*dehra'* jew *'apparizzjoni'* u l-oħra mill-kelma '*for, faris'* li tfisser '*li titkellem*'.[28] Tumas jiddistingwi d-*dehra* minn *viżjoni*: tal-ewwel tfisser r-relazzjoni li hemm bejn ħaġa viżibbli u l-persuna li għandha l-kapaċità li tista' taraha b'għajnejha. Mentri l-*viżjoni* fil-kuntest tad-don tal-profezija huwa l-għarfien '*cognitio'*, l-att intern, fejn il-profetà jagħraf dawk il-

ħwejjeġ li huma ’l fuq minn dak li jista’ jagħraf il-bniedem.[29] Tumas ipoġġi l-profezija fin-nofs bejn il-viżjoni beatifika u l-fidi. Skont il-fehma tiegħu, Alla jirrivela lill-profeti dak li hu neċessarju għall-istruzzjoni tal-bnedmin.[30]

Fil-każ ta’ Isaija,[31] huwa kellu viżjoni spiritwali: dan l-intervent sopranaturali fuq il-profeta hu bażikament esperjenza interna għax jolqot il-fakultajiet u s-sensi interni tal-persuna. Peress li l-profezija hija proċess tal-intellett uman, Tumas iqisha bħala *viżjoni* li turi d-dawl divin. Din il-*viżjoni* li kellu Isaija skont Tumas hija mfissra b’lingwaġġ figurativ jiġifieri b’tixbiha,[32] mod li nsibuh ħafna fil-letteratura profetika imma li fl-istess ħin għandu tifsira teoloġika. Din il-*viżjoni* li kellu Isaija ħalliet marka profonda fih tant li bidlitlu ħajtu – minn bniedem komuni għamlitu l-profeta t’Alla. Din l-esperjenza ġagħlitu jqawwi l-fidi tiegħu f’Alla li hu mħabba, u juri li Alla għażel lil Israel għal sejħa partikulari.

Tumas kien iqis il-*Ktieb ta’ Isaija* bħala prologu tal-Evanġelju u għalhekk jagħmel referenza u applikazzjoni kontinwa għall-persuna ta’ Ġesù Kristu.[33] Huwa jagħraf l-element Kristoloġiku f’Isaija – jiġifieri l-inkarnazzjoni u r-redenzjoni tal-Iben t’Alla. Dan jidher ċar meta jikkumenta fuq *Is 7:14*: *‘Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw ix-xebba titqal u twelled iben, u ssemmih Għimmmau-el’*. Hu jżomm din il-profezija ta’ Isaija fis-sens letterali tagħha u japplikha għall-Inkarnazzjoni tal-Iben (Logos).[34] Filfatt il-Kristoloġija ta’ Tumas hija Kristoloġija tal-Inkarnazzjoni.[35] B’hekk huwa jkompli mat-tradizzjoni twila tal-Knisja li tippreserva din ir-rivelazzjoni t’Alla.[36] F’diversi stanzi fil-*Kummentarju*, Tumas jagħti interpretazzjonijiet li japplikaw kemm għaċ-ċirkustanzi storiċi li jħabbar il-profeta u anki għal Kristu.[37]

Fl-erba’ ‘Għanjiet tal-Qaddej tal-Mulej’[38] Tumas jara l-persuna ta’ Kristu, li umli u ġwejjed, aċċetta t-tbatija, u li finalment ħareġ rebbieħ u gglorifikat minn Alla. B’hekk Tumas juri li Kristu huwa tassew bniedem, l-Iben inkarnat, mwieled minn verġni, li soffra u miet minħabba d-dnub tal-umanità, imma rxoxta u b’hekk neħħa dik is-separazzjoni li kien hemm bejn Alla u l-bnedmin. Huwa reġa’ fetaħ it-triq lill-bniedem li twasslu għand Alla. Għalhekk huwa permezz ta’ Kristu li l-bnedmin jaslu għand Alla. F’din l-esiġesi tiegħu Tumas jinterpreta lil Isaija fis-siwi kollu tiegħu.

Il-*Kummentarju fuq Isaija* flimkien mal-Kummentarji Biblici l-oħra, juru kemm Tumas t'Akwinu kellu għarfien mill-aqwa tal-Kotba Mqaddsa. Il-*Kummentarji* kollha li kiteb, kemm dawk tat-Testment il-Qadim u anki tal-Ġdid huma mifruxa fuq il-ħajja akkademika kollha tiegħu. Illum l-istudjużi ta' Tumas t'Akwinu qed jagħrfu iżjed l-importanza tal-kitbiet esiġetiċi tiegħu għax jikkunsidrawhom bħala ċ-ċavetta biex tifhem il-ħsieb teoloġiku tiegħu. Għal Tumas l-Iskrittura Mqaddsa u x-xjenza teoloġika kienu f'rabta li ma tinħalx, minħabba li x-xjenza teoloġika tipproċedi mill-artikli tal-fidi li huma rrivelati fil-Bibbja flimkien ma' dak kollu li hu neċessarju għas-salvazzjoni tal-umanita'.[39] Għalkemm l-esiġesi ta' Tumas hija nieqsa mill-metodu kritiku-storiku u minn dak kritiku-letterarju tal-istudji bibliċi kontemporanji, imma xorta hu jagħti kontribut fl-interpretazzjoni tad-tradizzjoni Patristika u viżjoni teoloġika mill-aqwa tal-Kotba Mqaddsa.

## Noti

1. Għal Tumas l-Iskrittura Mqaddsa kienet l-għajn prinċipali jew it-*textbook* uffiċċjali tiegħu. Huwa kkalkulat li fiż-żewġ xogħlijiet ewlenin tiegħu jiġifieri is-*Summa theologiae* u s-*Summa contra gentiles* insibu mal-25,000 kwotazzjoni mill-Bibbja.
2. Ara Jean-Pierre Torrell, *Saint Thomas Aquinas: the Person and his Work*, Vol.1, The Catholic University of America Press, Washington DC, 1996, p.337.
3. Ara *Enciklopedija Biblika*, edit.Donat Spiteri, Media Centre, Malta, 2003, p.206.
4. Ara Pontifical Biblical Commission., *The Inspiration and Truth of Sacred Scripture*, 2014, par.14.
5. Ibid. *The Bible and Morality – Biblical roots of Christian Conduct*, 2008, par.36.
6. Ara *Enċiklopedija Biblika*, edit.Donat Spiteri, p.210.
7. It-Tejoloġija Sistematika ta' Akwinu hija ppreżentata fil-kapulavur tiegħu *Summa theologiae* (1266-73).
8. Il-*Kummentarju fuq Isaija* joffri introduzzjoni tajba ta' Tumas bħala esiġeta fil-bidu tat-tħejjija tiegħu biex jilħaq Majjistru tat-Teoloġija.

9. Ara Joseph Wawrykow, Introduction to *St Thomas Aquinas: Commentary on Isaiah*, Emmaus Academic, Steubenville, 2021, p.3.
10. F'dan iż-żmien Tumas għallem ukoll il-ktieb tal-profeta Ġeremija u tal-Lamentazzjonijiet.
11. Fil-Medjuevu, il-perkors biex persuna ikun jista' jilħaq Majjistru fit-Teoloġija kien kif gej: fl-ewwel sitt snin l-istudent jieħu l-formazzjoni tiegħu fl-Iskrittura u t-Teoloġija; imbagħad is-sentejn ta' wara jagħmilhom bħala *Biblicus ordinarius* fejn l-istudent ġeneralment kellu jikkummenta fuq ktieb mit-Testment il-Qadim u l-ieħor mit-Testment il-Ġdid; wara jagħmel sentejn oħra bħala *Baccalaureus sententiarius* fejn jaqra u jikkummenta l-4 Kotba tas-*Sentenzi* ta' Pietru Lombardu. Wara dan kollu l-persuna ssir *Magister in Sacra pagina*.
12. Tumas ħallielna dawn il-Kummentarji fuq l-Iskrittura Mqaddsa li huma 13.5% tal-opra tiegħu: Kotba tat-*Testment il-Qadim* – Isaija, Ġeremija, Lamentazzjonijiet, Ġobb, Salmi, Għanja tal-Għanjiet (mitluf); Kotba tat-*Testment il-Ġdid* – l-Evanġelju ta' Mattew, l-Evanġelju ta' Ġwanni, l-Ittra lir-Rumani, l-Ewwel u t-Tieni Ittra lill-Korintin, l-Ittri lil Galatin, Filippin u Kolossin, l-Ewwel u t-Tieni Ittra lit-Tessalonikin, l-ewwel u t-Tieni Ittra lil Timotju, l-Ittra lil Titu u lil Filemon u l-Ittra lil Lhud.
13. Tumas influwenza ħafna ruħu mill-filosofija ta' Aristotli (384-322 q.K.) fil-ħsieb u fil-perspettiva teoloġika tiegħu.
14. Hawn għandna l-importanza ta' dawk li jissejħu *collationes* terminu li juża Jacobino d'Asti, li huma kwotazzjonijiet mill-Iskrittura stess, imniżżlin fil-marġni tat-test tal-*Kummentarju* li jkomplu jispjegaw il-punt li jkun qiegħed jikkumenta u jinterpreta Tumas. Fil-Kummentarju ta' Isaija nsibu 127 *collationes*. Dawn għandhom importanza kbira għax juru l-aspett spiritwali u morali tal-analiżi letterali li jagħmel Tumas tat-test sagru.
15. Tumas jikkwota diversi Missirijiet il-Knisja fosthom San Ġilormu (342-347?-420 w.K.), Santu Wistin (354-430 w.K) u l-Psewdo-Dijonisju (seklu 5-6 w.K.).
16. Tumas kien iqisu iktar bħala 'Evanġelju' milli 'Profezija' u saħansitra jikkwotah ħafna fit-Teoloġija Sistematika tiegħu.
17. Ara *Kummentarju*, Prologu, par.5.
18. Ara Hab 2:2-3.
19. Ara *Kummentarju*, Prologu, par.1.
20. Ibid., par.2-4.
21. Ibid, par.5-8.

22. Ara Joseph Wawrykow, Introduction to *St Thomas Aquinas: Commentary on Isaiah*, p.9.
23. Fit-tiswir tal-*Kummentarju* tiegħu Tumas uża l-*Glossa ordinaria* u l-*Kummentarju* tal-kontemporanju tiegħu Ugo ta' San Caro (1200-1263) li kien ukoll Dumnikan u kien magħruf għax-xogħol tiegħu fuq l-Iskrittura Mqaddsa. Ugo kien jgħallem it-Teoloġija fl-Università ta' Pariġi fis-snin 1231-36. Tumas jagħmel ukoll użu mill-*Glossa* ta' Pietru Lombardu, Pietru Cantor u Stiefnu Langton.
24. Għal Tumas l-awtur *Primarju* huwa Alla filwaqt li l-awtur *Sekondarju* hu l-bniedem.
25. Is-sens *allegoriku* huwa dak li jinsab fit-Testment il-Qadim li jitqies bħala prefigurazzjoni tat-Testment il-Ġdid. Is-sens *morali* jew *tropoloġiku* huwa kif in-nisrani jrid iġib ruħu skont l-azzjonijiet li għamel Kristu fit-Testment il-Ġdid. Is-sens *anagoġiku* huwa t-tħabbira minn qabel li tinsab fil-Ġdid Testment, tal-glorja futura ta' dawk li se jsalvaw.
26. Ara Tumas t'Akwinu, *Summa Theologiae*., I, q.1 ad1.um u *Quodl*. VII, 616m.
27. Dan is-suġġett tal-Profezija, Tumas jittrattah b'mod sistematiku fis-*Summa Theologiae.* II-IIae qq.171-174.
28. Ara *Kummentarju fuq Isaija*, kap.1 lect.1, par.18.
29. Ibid., kap.1 lect.1, par.18,20; u *S.Th*., II-II, q.171, a.1. Ara wkoll l-artiklu *'L-Awtenticità tal-Profetiżmu tat-Tradizzjoni Ġudeo-Kristjana'* ta' Fr Joseph Agius OP, f'din il-ħarġa tar-rivista *Knisja 2000*.
30. Ara *Summa Theologiae* II-II, q.171, a.4 ad 1 u *De Veritate* q.12, a.2; *'The original task of the prophet was to help his contemporaries understand the events and the times they lived in from God's viewpoint'*, Pontifical Biblical Commission, *The Jewish people and their Sacred Scriptures in the Christian Bible*, 2001, par.21.
31. Ara Is 6:1-14.
32. Ara Tumas t'Akwinu, *Summa contra gentiles,* IV, kap.29, par.5.
33. Tumas fil-*Prologu tal-Kummentarju* nru.6 jiddeskrivi l-*Ktieb ta' Isaija* bħala rivelazzjoni ta' ġrajjiet li kienu ħafna 'l bogħod minn żmien il-profeta. Dan juri li kien hemm pjan pre-ordinat t'Alla, fejn ġrajjiet kienu moħbija biex imbagħad jiġu rivelati iktar tard. L-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla hija waħda minnhom.
34. Dan jagħmlu fuq il-bażi ta' Mattew 1:22-23.
35. Il-Kristoloġija ta' Tumas hija kontinwazzjoni ma' dak li ġie definit fuq Kristu fil-Konċilji ta' Nicea (325), Kalċedonja (451) u ta' Kostantinopli

II (553) b'mod speċjali fuq id-duttrina taż-żewġ naturi, kemm umana u dik divina fil-persuna waħdanija tal-Iben. Dan juri kemm Akwinu kien istruwit fuq dan is-suġġett tant importanti tat-Teoloġija Kristjana.

36. *'Christian faith recognises the fulfilment, in Christ, of the Scriptures and the hopes of Israel, but it does not understand this fulfilment as a literal one… It would be wrong to consider the prophecies of the Old Testament as some kind of photographic anticipations of future events. All the texts, including those which later were read as messianic prophecies, already had an immediate import and meaning for their contemporaries before attaining a fuller meaning for future hearers. The messiahship of Jesus has meaning that is a new and original',* Pontifical Biblical Commission, *The Jewish People and their Sacred Scriptures in the Christian Bible*, 2001, par.21.

37. Ara *Kummentarju fuq Isaija*, kap 11 lez.2, nru.380; kap 12 nru.385; kap 48, nru.890; kap 49, nru.899; kap 56 nru.1000.

38. L-'Għanjiet tal-Qaddej tal-Mulej' jinsabu f'Is 42:1-4; 49:1-7; 50:4-11; 52:13-53:12.

39. Ara Tumas t'Akwinu*, Questiones de quodlibet* IV, qu.9, art.3, resp.

## Biblijografija

Aquinas Thomas., *Commentary on Isaiah*, Emmaus Academic, Steubenville, Ohio, 2022.

Ashley Benedict M., *Thomas Aquinas: the Gifts of the Spirit*, New City Press, U.S., 1995.

Freedman David Noel., *Eerdmans Dictionary of the Bible*, Grand Rapids Michagan, 2000.

Knisja 2000, *San Tumas t'Akwinu: ilbieraħ u llum*, nru.61, Pubblikazzjonijiet Dumnikani, lul-set 2002.

Knisja 2000*, Temi f'Tumas t'Akwinu*, nru.146, Pubblikazzjonjiet Dumnikani, Ott-Diċ 2023.

McConville Gordon J., *Exploring the Old Testament – A Guide to the Prophets*, Vol.4, InterVarsity Press, Illinois, 2002.

Moberly R.W.L., *Prophecy and Discernment*, Cambridge University Press, Cambridge, 2006.

Murray Paul., *Aquinas at Prayer: the Bible, Mysticism and Poetry,* Bloomsbury, London, 2013.

Pontifical Biblical Commission., *The Jewish People and their Sacred Scriptures in the Christian Bible*, 2001.

________________________., *The Bible and Morality – Biblical roots of Christian Conduct*, 2008.

________________________., *The Inspiration and Truth of Sacred Scripture*, 2014.

Spiteri Donat., *Enciklopedija Biblika*, Media Centre, Malta, 2003.

Torrell Jean-Pierre., *Saint Thomas Aquinas: the Person and his Work*, Vol.1, The Catholic University of America Press, Washington D.C., 1996.

Weinandry Thomas G., Keating Daniel A., *Aquinas on Scripture*: *an introduction to his Biblical Commentaries*, T&T Clark, London&New York, 2006.

Weisheipl James A., *Friar Thomas D'Aquino: His Life, Thought & Works*., The Catholic University of America Press, Washington D.C., 1983.

# Ġesù bħala profeta – anzi xi ħaġa aktar minn profeta

Fr Prof. Martin Micallef

Fit-Tradizzjoni Nisranija li ssib l-għeruq tagħha fil-paġni tat-Testment il-Ġdid, Ġesù ta' Nazaret huwa muri b'tant titli, fosthom dak ta' profeta li ġie fid-dinja biex jurina r-rieda tal-Missier. Fil-kuntest Lhudi tal-ewwel seklu, il-profeta ma kienx sempliċiment xi ħadd li jħabbar il-futur, daqskemm xi ħadd li l-missjoni tiegħu kienet li jsejjaħ għall-fedeltà lejn il-Patt. Personaġġi bħal Isaija, Ġeremija u Għamos sfidaw strutturi ta' inġustizzji filwaqt li ikkundannaw l-ipokrisija ta' żmienhom, u wissew lill-poplu dwar il-ġudizzju ta' Alla fuqhom. It-tagħlim ta' Ġesù joqrob ħafna lejn din it-tradizzjoni. L-enfasi fuq l-indiema, l-imġiba etika, u l-wasla tas-Saltna ta' Alla jidwu s-sejħat ta' profeti oħra li ġew qablu. Bħalhom, Ġesù għamel użu minn parabboli u azzjonijiet simboliċi sabiex jikkomunika veritajiet spiritwali aktar profondi, b'mod li pprovoka riflessjoni u oppożizzjoni.

Ġesù nnifsu jirreferi għalih stess bħala profeta, oħrajn jagħrfuh b'dan il-mod, filwaqt li xebbħuh ma' Elija jew Ġeremija. Xi wħud mill-azzjonijiet tiegħu huma rifless ta' ġesti profetiċi, filwaqt li r-rieda tiegħu li jaffronta l-awtoritajiet u li jbati huma eku ta' dak li għaddew minnhom profeti oħra li ġew qablu u li kellhom jaffaċjaw persekuzzjoni minħabba l-verità tal-messaġġ tagħhom. L-għan ta' dan l-istudju huwa li japprofondixxi din it-tema ta' Ġesù bħala "profeta," anzi xi ħadd "akbar minn profeta."[1] Filwaqt li ser nagħmlu dan irridu nżommu f'moħħna distinzjoni bejn titlu u funzjoni/irwol. Dan minħabba li hemm titli applikati għal Ġesù jew li Ġesù jirrifjuta li juża għalih innifsu, jew li jħalli lil ħaddieħor juża għalih; filwaqt li hemm funzjonijiet jew irwoli li m'għandhomx tifsira waħda stabilita, inkluż dik ta' profeta. Din id-distinzjoni hija essenzjali sabiex nifhmu kif Ġesù ġie muri bħala 'profeta'

mhux biss fl-użu sempliċi tat-titlu, imma wkoll fir-rwol li huwa wettaq fl-istorja tas-salvazzjoni.

**Perspettiva storika**

Numru ta' studjużi jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-istampa ta' Ġesù bħala profeta mill-perspettiva storika-kritika tgħinna nambjentawh fl-isfont kulturali u reliġjuż ta' żmienu, f'kontinwità mat-tradizzjoni profetika Lhudija. Jidher li l-opinjoni popolari fi żmien li fih għex Ġesù, rifless tal-letteratura Lhudija taż-żmien, kienet iżżomm li l-profeti kienu biss xi ħaġa tal-passat. Fit-Talmud Lhudi, pereżempju, naqraw li meta Ħaggaj, Żakkarija u Malakija, meqjusin bħala l-aħħar profeti, mietu, l-Ispirtu ta' Alla telaq minn fuq il-poplu ta' Iżrael.[2] Il-kittieb Lhudi tal-ewwel seklu, Ġużeppi Flavju wkoll iżomm li l-profeti ma kellhomx suċċessuri.[3]

Jidher iżda li l-miġja ta' Ġesù xegħlet mill-ġdid din il-fjamma li kienet mitfija. Diġà fi żmienu dehru personaġġi oħra bi pretenzjoni li kienu profeti u li f'dak li qalu u għamlu, ippretendew li kienu ser iwettqu "eżodu" ġdid billi jiksbu l-ħelsien għall-poplu ta' Iżrael. Ġużeppi Flavju jsemmi uħud minn dawn il-persuni.[4] Fosthom jispikka Tewda, li ppretenda li kien ser jiftaħ l-ilma tal-Ġordan fuq l-eżempju ta' Mosè. Hekk ukoll il-profeta falz Eġizzjan li webbel lin-nies li l-ħitan ta' Ġerusalemm kienu ser jiġġarrfu quddiemhom.[5] Jissemmew wkoll oħrajn li wegħdu "sinjali ta' ħelsien"[6] għall-poplu ta' Iżrael. F'kuntrast ma' dawn il-figuri, Ġesù huwa muri bħala profeta 'eskatoloġiku' li permezz tal-mirakli li għamel wera, li s-Saltna ta' Alla kienet waslet tassew, hekk kif dawn il-mirakli, speċjalment dawk ta' fejqan u eżorċiżmu, ġew interpretati fid-dawl ta' dak li naqraw f'Isa 35:5-6.[7] Mhux biss, imma uħud minn dawn l-istess mirakli ta' Ġesù jixbhu lil dawk li naqraw dwarhom fil-ħajja ta' Elija u Eliżew.[8]

Fil-fatt nistgħu ngħidu li għalkemm f'bosta testi mill-Evanġelju, Ġwanni l-Battista hu identifikat ma' Elija,[9] testi oħra juruna b'mod sottili li x-xbieha ta' Elija hija riservata għal Ġesù.[10] In-nies stess jistqarru dwar Ġesù: "Dan Elija.' U oħrajn: 'Profeta, bħal wieħed mill-profeti l-oħra.'"[11] Meta imbagħad Ġesù jistaqsi lid-dixxipli dwar min jgħidu n-nies li kien, huma jweġbuh: "Ġwanni l-Battista; oħrajn Elija; u oħrajn,

wieħed mill-profeti."[12] Wara dawn it-tweġibiet kollha jidher li hemm tradizzjoni li kienet tħabbar ir-ritorn ta' Elija li kellu jerġa' jiġi sabiex jipprepara lil Iżrael għall-żjara tal-Mulej.[13]

Minbarra Elija, kien hemm ukoll profeti oħra, fosthom Mosè, li magħhom żviluppaw tradizzjonijiet marbuta mal-aħħar żmien. F'Dewt 18:15, pereżempju naqraw: "Il-Mulej, Alla tiegħek, iqajjimlek profeta bħali minn ġensek, minn fost ħutek; lilu għandkom tisimgħu," riflessa f'Atti 3:22. L-awturi tat-Testment il-Ġdid, flimkien mal-ewwel Insara applikaw din il-profezija għal Ġesù, speċjalment permezz tal-episodju tat-Trasfigurazzjoni, fejn flimkien ma' Ġesù naqraw li dehru ż-żewġ profeti Mosè u Elija jitħadtu miegħu,[14] filwaqt li l-leħen mis-sema jistieden lid-dixxipli: "Isimgħu lilu,"[15] eku ta' dak li naqraw f'Dewt 18:15.

F'dan il-kuntest ta' Ġesù il-profeta bħal Mosè, ma nistgħux ukoll ma nagħmlux referenza għal Mt 5:17. Il-profeti kienu meqjusa bħala l-interpreti u l-kummentaturi tat-Torah, tant li l-kanoni tal-Iskrittura Lhudi jitqassam f'Torah, Profeti u Kitbiet, u mhux Torah, Kitbiet u Profeti, bħall-kanoni Kristjan. L-idea ta' Ġesù l-profeta imwiegħed minn Mosè narawha wkoll isseħħ b'mod tassew sottili fir-rakkont tal-mara li nqabdet tiżni,[16] fejn l-Evanġelista San Ġwann jurina lil Ġesù jitla' u jinżel jikteb b'sebgħu fit-trab, l-istess bħalma Mosè tela' u niżel darbtejn is-Sinaj. Mhux biss, imma naqraw ukoll kif Ġesù kiteb fit-trab b'sebgħu, bħalma l-liġi fuq it-twavel inkitbet bis-subgħa ta' Alla.[17] Anke fil-kwistjoni dwar id-divorzju,[18] Ġesù mill-ġdid jidher jinterpreta lil Mosè, il-Profeta tal-Liġi.

Fid-dawl ta' din it-tradizzjoni marbuta ma' Mosè, kien hemm ukoll it-tradizzjoni oħra li jiżviluppaha l-Evanġelista San Ġwann, meta fuq fomm il-poplu jitfa' l-għajta: "Il-Messija, meta jiġi, ħadd ma jkun jaf minn fejn ikun ġie."[19]

Jidher li kien hemm ukoll stennija oħra dwar profeta bla isem, marbut mal-aħħar żminijiet, meqjus aktar għalhekk bħala l-profeta eskatoloġiku, tradizzjoni li hija inqas definita minn dawk li semmejna sa issa. Din l-istennija hija mibnija fuq dak li naqraw f'Isa 61:1-3 - "L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin ..." L-allużjoni għal din is-silta u għal dak li naqraw f'Isa 52:7 "Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar

il-bxara ...” f’żewġ dokumenti mill-aktar interessanti fil-letteratura ta’ Qumran[20] tindika l-attrazzjoni għal dak li kellu jwassal “il-bxara t-tajba” minn dawk li kienu qed ifittxu xi ħjiel eskatoloġiku fil-profeti.

Fid-dawl ta’ dan kollu jibqa’ ta’ interess kbir għalina l-opinjonijiet differenti dwar Ġesù li San Mark jinkludi fin-narrattiva tiegħu, fosthom ta’ dawk li evalwaw lil Ġesù bħala: “‘Ġwanni l-Battista qam mill-imwiet’ ... imma oħrajn bdew jgħidu: ‘Dan Elija,’ U oħrajn: ‘Profeta, bħal wieħed mill-profeti l-oħra,’”[21] filwaqt li San Mattew iżid ukoll “Ġeremija.”[22] L-Evanġelista San Ġwann ukoll jinkludi numru ta’ referenzi għar-reazzjoni tal-poplu għal Ġesù bħala “il-profeta.” Hekk pereżempju, wara l-episodju tat-tkattir tal-ħobż, in-nies jgħidu: “Dan hu tassew il-Profeta li għandu jiġi,”[23] filwaqt li f’okkażjoni oħra, il-folla li semgħet kliemu qalu: “Tassew dan hu l-Profeta,”[24] għalkemm oħrajn jiddubitaw u jistaqsu: “M’intix int ukoll mill-Galilija hux? Fittex fl-Iskrittura, ħalli tara li ebda profeta ma jqum mill-Galilija!”[25]

Filwaqt li ngħidu dan, irridu nżommu f’moħħna li ma jidhirx li kien hemm xi separazzjoni bejn dawn l-istennijiet profetiċi differenti fi żmien Ġesù. Għal kuntrarju, jidher li numru ta’ tradizzjonijiet differenti kienu minsuġin flimkien hekk kif bosta profeziji kienu qed jipprovdu dawl ġdid jew konferma għal dan kollu.[26]

**Ġesù qies lilu nnifsu bħala Profeta**

Ladarba bosta qiesu lil Ġesù bħala profeta, tajjeb li nistaqsu jekk hu wkoll kienx kuntent li jqiegħed lilu nnifsu fil-linja tal-profeti. Żgur li Ġesù japplika għalih innifsu f’Nazaret proverbju meta jgħid: “Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f’pajjiżu u fost qrabatu u f’daru stess,”[27] sentenza li b’xi mod hija inkluża fl-erba’ Evanġelji, u allura tindika l-għeruq sodi fit-tradizzjoni. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għal dak li naqraw f’Lq 13:31-31. Bi tweġiba għal xi Fariżej li marru javżaw lil Ġesù li Erodi ried joqtlu, Ġesù mill-ġdid japplika għalih innifsu t-titlu ta’ profeta meta jgħid: “għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusaelmm” (v.31).[28]

Jidher ukoll li Ġesù bena l-missjoni tiegħu fuq il-profezija programmatika li nsibu f’Isa 61:1-3, b’mod li meta d-dixxipli ta’ Ġwanni l-Battista marru jistaqsuh: “Inti huwa dak li għandu jiġi, jew

nistennew lil ħaddieħor?,"[29] huwa weġibhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li qegħdin tisimgħu u taraw: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, l-Evanġelju jixxandar lill-foqra."[30] Din l-applikazzjoni ssir ukoll, u b'mod iktar dirett, fis-sinagoga ta' Nażaret.[31] F'Lq 4:28-30 imbagħad, insibu r-reazzjoni tan-nies ta' Nazaret kontra Ġesù għax jagħmel lilu nnifsu daqs Elija u Eliżew fil-predikazzjoni tiegħu tas-salvazzjoni kemm għal-Lhud u kemm għall-pagani. Hekk ukoll fir-rigward tal-beatitudnijiet, tnejn jew tlieta minnhom huma inkwadrati fl-isfond ta' dak li naqraw f'Isa 61:6-3, xi ħaġa li turina kif Ġesù qies il-profezija ta' Isaija bħala ispirazzjoni għall-missjoni tiegħu.[32]

Lil hemm minn dan kollu, l-evidenza dwar kif Ġesù qies lilu nnifsu bħala profeta hija inqas espliċita. Hemm min ikompli jaqra ċertu stqarrijiet li jagħmel Ġesù bħal: "Jiena ġejt," jew "jiena kont mibgħut," fid-dawl ta' dak li qegħdin ngħidu.[33] Hekk, pereżempju, Ġesù jgħid: "Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin;"[34] "Taħsbux li jiena ġejt inġib il-paċi fuq l-art!";[35] u "Għax hekk ukoll Bin il-bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi."[36] Forsi aktar importanti f'dawn is-sentenzi hija l-istqarrija ta' Ġesù: "Kull min jilqa' wieħed minn dawn iċ-ċkejknin minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili; u min jilqa' lili, ikun jilqa' mhux lili, imma lil dak li bagħatni."[37] Il-ħsieb wara dan il-kliem hu dak tal-profeta li jitkellem f'isem Alla għax hu mibgħut minn Alla.[38] Forsi dawn l-argumenti jieħdu aktar forza meta nqisu li r-Raba' Evanġelista ukoll jurina li kien jaf b'din it-tradizzjoni, b'mod partikulari Ġw 13:20 li aktarx isservi bħala bażi għall-preżentazzjoni tal-Iben bħala "il-mibgħut" tal-Missier,[39] idea mibnija fuq il-profeta li jiġi mibgħut minn Alla.[40]

## Il-kliem profetiku ta' Ġesù

Li l-Evanġelisti juruna lil Ġesù fil-linja tal-profeti, huwa evidenti wkoll minn kliemu stess. Hekk, pereżempju, iċ-ċanfira ta' Ġesù lejn l-ibliet tal-Galilija, Korażajn u Betsajda,[41] jidwi l-lingwaġġ tal-profeti tat-Testment il-Qadim, li xi drabi jqabblu lill-poplu ta' Alla ma' Sodoma, filwaqt li jħabbru l-ġudizzju li kien ġej fuqhom.[42] Hemm ukoll numru ta' profeziji dwar il-futur li jkomplu juruna lil Ġesù bħala profeta. Hekk pereżempju naqraw kif Ġesù jħabbar il-qerda tat-Tempju u ta' Ġersualemm.[43] Ġesù

ma kienx waħdu f'dan ix-xenarju, hekk kif fi żmienu naqraw li kien hemm oħrajn li ħabbru l-ġudizzju ta' Alla fuq it-Tempju.[44] Il-lingwaġġ grafiku li juża Ġesù f'rabta mal-profanazzjoni u l-qerda tat-Tempju,[45] jalludi għal tema rikorrenti biblika f'rabta mal-istorja tal-poplu ta' Iżrael li turi l-mod kif il-Mulej umilja lill-poplu tiegħu.[46]

Xi wħud donnhom jiddubitaw kemm tassew Ġesù tkellem dwar ġrajjiet li kellhom iseħħu fil-futur, b'mod partikulari permezz ta' xbiehat li jixbhu lil dawk li ħafna drabi insibuhom fil-letteratura apokalittika. Madanakollu, ix-xettiċiżmu ta' dawn l-istudjużi aktarx li hu biss rifless tal-presupożizzjonijiet tagħhom dwar Ġesù. Hekk irrimarka ħafna snin ilu Albert Schweitzer,[47] meta jargumenta kif il-messaġġ ta' Ġesù dwar il-futur huwa mifrux mat-tradizzjoni kollha tat-Testment il-Ġdid. Huwa minnu li x-xbiehat eskatoloġiċi użati minn Ġesù ma nistgħux inqisuhom bħala rivelazzjoni apokalittika fis-sens strett tal-kelma minħabba li huwa ma jagħtiniex deskrizzjonijiet ta' xi rivelazzjonijiet mistiċi. Minkejja dan, il-kliem ta' Ġesù jirrifletti motivi komuni fil-letteratura apokalittika ta' żmienu.[48]

Jidher ċar li d-diskors eskatoloġiku ta' Ġesù, li jinkludi profezija ta' ġudizzju kontra t-Tempju f'rabta mal-użu ta' xbiehat eskatoloġiċi, imur lura għaż-żmien ta' qabel ma bdew jinkitbu l-Evanġelji. Madwar għoxrin sena wara l-mewt ta' Ġesù, l-ewwel għejjun insara kienu diġà qed jagħmlu użu mit-tagħlim eskatoloġiku ta' Ġesù. Xhieda ta' dan huma xi wħud mill-Ittri ta' San Pawl, fejn il-kontenut jikkorrispondi fil-qrib mal-materjal eskatoloġiku attribwit lil Ġesù, b'mod li dak li kiteb San Pawl nistgħu nqisuh bħala interpretazzjoni jew ġabra fil-qosor ta' dak li kien qal Ġesù dwar dan. L-allużjonijiet f'dak li hu meqjus bħala l-ewwel dokument miktub tat-Testmnet il-Ġdid, bħall-isħab, l-anġli, l-apostasija, it-tniġġis tat-Tempju, il-*Parousia,* il-ġabra tal-magħżulin tal-Mulej, il-miġja bħal ħalliel, il-qerda tal-ħżiena, id-daqq tat-trombi, biex insemmu xi wħud,[49] jaqblu mal-kontentut tal-messaġġ eskatoloġiku ta' Ġesù.[50]

## Il-ġesti profetiċi ta' Ġesù

Minbarra bosta stqarrijiet ta' Ġesù li jqegħduh fuq il-linja tal-profeti, numru ta' studji tefgħu dawl ġdid fuq bosta azzjonijiet profetiċi attribwiti lil Ġesù, b'mod partikulari il-fatt li kien jiekol mal-pubblikani

u l-midinbin, il-mirakli ta' fejqan u eżorċiżmu, id-daħla f'Ġerusalemm, l-aħħar ċena, l-azzjoni simbolika fit-Tempju u l-għażla tat-Tnax.[51] Bħall-profeta Ġeremija li għex ħafna żmien qabel, Ġesù wkoll ħabbar il-ġudizzju fuq it-Tempju, u bħal Ġeremija wkoll, huwa wkoll wettaq azzjoni simbolika drammatika sabiex jiġbed l-attenzjoni fuq l-istat li fih kienet tinsab it-tmexxija tat-Tempju. Dan għamlu billi sfida u qaleb l-imwejjed ta' dawk li kienu jsarrfu l-flus fit-Tempju, azzjoni li għalkemm setgħet dehret bħala waħda politika, kienet biss dikjarazzjoni profetika.[52] F'din l-azzjoni Ġesù jidher li ma riedx iqajjem xi rivoluzzjoni sabiex jattira numru ta' persuni għal warajh kif ġara fi żmienu. Minflok, l-azzjoni tiegħu taqbel mal-idea ta' saltna mwaqqfa direttament bl-intervent ta' Alla, pożizzjoni li referenza għaliha nsibuha f'numru ta' kitbiet apokalittiċi u fid-dokumenti ta' Qumran, li jagħmlu wkoll referenza għall-użu aħjar tat-Tempju.[53]

Hekk ukoll fl-għażla tat-Tnax bħala nukleu ta' moviment ġdid. Din l-azzjoni ta' Ġesù hija konsistenti mal-azzjoni tal-profeti fid-dawl tal-ħidma ta' tiġdid għall-poplu ta' Alla. Għalkemm Ġesù kellu bosta dixxipli, huwa għażel biss Tnax,[54] fi qbil mat-Tnax-il tribù ta' Iżrael. Xi wħud mil-Lhud ta' żmien Ġesù kienu jemmnu li għaxra mit-tnax-il tribù kienu intilfu u dawn kellhom jiġu restawrati biss fl-aħħar taż-żmien.[55] Dan iż-żmien issa kien wasal tassew f'Ġesù, li għażel Tnax li kellhom joqgħodu bilqegħda fuq it-tnax-il tron sabiex jagħmlu ġudizzju fuq Iżrael.[56]

## Konklużjoni

Dawn l-eżempji kollha jservu biex juruna li Ġesù tassew qies lilu nnifsu fil-linja tal-profeti, għalkemm ma waqafx hemm. Il-Kristoloġija tat-Testment il-Ġdid tibqa' togħla 'l fuq, hekk kif fi stqarrijiet oħra, Ġesù jurina wkoll li hu qies lilu nnifsu bħala xi ħadd aktar minn profeta. Dan ifisser li għall-Evanġelisti, il-kategorija ta' "profeta" applikata għal Ġesù ma kinetx biżżejjed biex tesprimi l-ħsieb tagħhom dwar min kien Ġesù. Allura episodji bħal parabbola tal-għalqa u l-bdiewa,[57] li għalkemm tibni fuq it-tradizzjoni tal-profeti li ġew imwarrba, hija mtennija b'mod li lejn l-aħħar mhuwiex is-sid tal-għalqa imma l-iben li jispikka.

Ħafna snin ilu, C.H. Dodd kien diġà ikkummenta kif Ġesù ma jgħidx biss "jiena kont mibgħut," imma tant drabi jtenni "Jiena ġejt."[58] Dodd jissuġerixxi li din l-aħħar espressjoni tindika li Ġesù hu xi ħadd aktar minn sempliċiment profeta mibgħut, bl-istess mod kif espressjonijiet oħra ta' Ġesù bħal "Imma jiena ngħidilkom," titraxxendi l-istqarrijiet profetiċi tipiċi ta' "Hekk jgħid il-Mulej."[59] Dan kollu jaqbel mas-sens eskatoloġiku ġdid li jispikka f'numru ta' stqarrijiet li nsibu fuq fomm Ġesù. Tassew li xi ħaġa akbar kienet qed isseħħ milli sempliċiment repetizzjoni tat-tamiet profetiċi. Huwa għalhekk li Ġesù seta' jiċċara: "U araw hawn minn hu aqwa minn Ġona hawnhekk! ... U araw hawn min hu aqwa minn Salamun hawnhekk!"[60]

## Noti

1. Mt 11:9; Lq 7:26.
2. Ara *b. Sota* 48b. Minkejja dan, xi studjużi illum jargumentaw li din l-idea ġiet esaġerata. Ara John Levison, "Did the Spirit Withdraw from Israel? An Evaluation of the Earliest Jewish Data," *New Testament Studies* 43 (1997): 35-57.
3. Ara Josephus, Ag. Ap. 1.8. Ara wkoll, Salm 74:9; Dan 9:24; Żakk 13:2-6; 1 Makk 4:46; 9:27.
4. Ara Jos. *Ant.* 20.97. Ara d-diskussjoni dettalja f'Rebecca Gray, *Prophetic Figures in Late Second Temple Jewish Palestine: The Evidence from Josephus* (New York: Oxford University Press, 1993).
5. Ara Jos, *War* 2.261. Ara wkoll, Ed P. Sanders, *The Historical Figure of Jesus* (New York: Allen Lane, Penguin, 1993), 138, 171; Wayne Meeks, *The Prophetic-King: Moses Traditions and the Johannine Christology.* NovTSup 14 (Leiden: Brill, 1967), 163-164; Richard A. Horsley, "'Like One of the Prophets of Old,' Two Types of Popular Prophets at the Time of Jesus," *Catholic Biblical Quarterly* 47 (1985): 435-463.
6. Ara Jos, *War* 2.258-60 = *Ant.* 20.168; *Ant.* 20.188; *War* 6.285-287. Ara wkoll, Paul W. Barnett, "The Jewish Sign Prophets – Ad 40-70 – Their Intentions and Origin," *New Testament Studies* 27 (1981): 679-697.
7. Ara wkoll Mt 11:5 u Lq 7:22.
8. Dwar dan ara John P. Meier, "The Quest for the Historical Jesus as a Truly Historical Project," *Grail* 12, no.3 (1996): 43-52; Rick Strelan, *Strange*

*Acts: Studies in the Cultural World of the Acts of the Apostles.* BZNW 126 (Berlin, New York: Walter de Gruyter, 2004); 27; Eric Eve, *The Jewish Context of Jesus' Miracles.* JSNTSup 31 (London, New York: Sheffield Academic Press, 2002), 377.

9. Ara pereżempju, Lq 1:17; Mt 17:12-13.
10. Ara pereżempju, Lq 4:24-27; 9:61-62. Dwar dan ara wkoll, Vernon K. Robbins, *Jesus as Teacher: A Socio-Rhetorical Interpretation of Mark* (Minneapolis: Augsburg Fortress, 1992), 54.
11. Mk 6:15.
12. Mk 8:28.
13. Mal 3:23-24; Sir 48:9-10.
14. Ara Mk 9:2-10.
15. Mk 9:7.
16. Ara Ġw 8:1-11.
17. Ara Eżod 31:18.
18. Ara Mt 19:3-10.
19. Ġw 7:27. Dwar dan ara wkoll, Geza Vermes, *Jesus the Jew*: *A Historian's Reading of the Gospels* (Philadelphia: Fortress, 1973), 137-139; *1 En* 62:7; *Pesiq. Rab. Kah.* 5:8; *Num. Rab.* 11.2. Anke jekk ix-xhieda rabbinika hija tardiva, jidher li t-tradizzjoni bażika għal dan kollu mhijiex mibnija fuq għejun Nisrani bikri bħalma hu l-Evanġelju skont San Ġwann u l-kitba ta' San Ġustinu.
20. Ara 4Q521; 11 Qmelch 2:15-16.
21. Mk 6:14-15. Ara wkoll, Mk 8:28; Lq 9:8.19.
22. Mt 16:14.
23. Ara Ġw 6:14.
24. Ġw 7:40.
25. Ġw 7:52.
26. Dwar dan ara, Oscar Cullmann, *The Christology of the New Testament* (London: SCM, 1959), 14-23; John J. Collins, *The Scepter and the Star: The Messiahs of the Dead Sea Scrolls and Other Ancient Literature* (New York: Doubleday, 1995), 74-75. 112-122.
27. Mk 6:4. Ara wkoll, Mt 13:57; Lq 4:24; Ġw 4:44.
28. Minħabba l-formulazzjoni tal-kliem ta' Ġesù hawnhekk, inkluż il-konnotazzjoni politika meta jsejjaħ lil Erodi "il-volpi" (v.32), bosta jikkonkludu li din is-sentenza tassew ħarġet minn fomm Ġesù u mhux sempliċiment ġiet attribwita lilu mill-Knisja tal-bidu.
29. Mt 11:3.

30. Mt 11:4-5.
31. Ara Lq 4:21.
32. Dwar dan il-punt ara, James D.G. Dunn, *Jesus and the Spirit: A Study of the Religious and Charismatic Experience of Jesus and the First Christians as Reflected in the New Testament* (London: SCM, 1975), 53-62.
33. Dwar dan ara, Rudolf Bultmann, *The History of the Synoptic Tradition* (Oxford: Blackwell, 1963), 153; Gerd Theissen and Annette Merz, *The Historical Jesus: A Comprehensive Guide* (London: SCM, 1998), 525.
34. Mk 2:17.
35. Mt 10:34. Ara wkoll, Lq 12:49.
36. Mk 10:45.
37. Mk 9:37. Ara wkoll, Lq 9:48; Mt 10:40; Lq 10:16.
38. Ara Ġer 1:7; 7:25; Eżek 2:3; 3:5-6. Dwar dan ara l-argumenti ta' Ben Witherington, *The Christology of Jesus* (Minneapolis: Fortress, 1990), 136, 142-143.
39. Ara Ġw 3:17.34; 5:38; 6:29.57; 7:29; 8:42; 11:42; 17:3.8.21.23.25; 20:21.
40. Dwar dan ara, Andreas J. Köstenberger, *The Missions of Jesus and the Disciples according to the Fourth Gospel* (Grand Rapids, MI/Cambridge: Eerdmans, 1998), 115-130.
41. Ara Mt 11:21.
42. Għal aktar referenzi għal Sodoma ara, Mt 10:15; 11:23 // Lq 10:12. Ara wkoll, Isa 1:9-10; Ġer 23:14; Lam 4:6; Eżek 16:46-56; Amos 4:11.
43. Ara Ġw 2:19; Mk 13:14.
44. Ara pereżempju, *Testment of Levi,* 15:1; 14:6, li jħabbar kif Alla kien ser jabbanduna s-Santwarju minħabba l-imġieba tal-qassisin. Hekk ukoll, *The Testament of Moses* 5:4, jakkuża lis-saċerdoti li kienu qed iniġġsu l-altar, filwaqt li jħabbar il-ġudizzju kontra t-Tempju (ara *Test. Mos.* 6:8-9).
45. Ara pereżempju, Mk 13:14.
46. Ara pereżempju, 1 Makk 3:45.
47. Albert Schweitzer, *The Quest of the Historical Jesus.* Introduction by James M. Robinson (New York: Collier Books, Macmillan Publishing Company, 1968). Tal-istess opinjoni huwa Ed P. Sanders, *Jesus and Judaism* (Philadelphia: Fortress, 1985), 8;
48. Ara Eugene M. Boring, *Sayings of the Risen Jesus: Christian Prophecy in the Synoptic Tradition.* SNTSMS 46 (Cambridge: Cambridge University, 1982), 186-195.
49. Ara 1 Tess 4:13-5:11. Ara wkoll, 2 Tess 2:1-2.
50. Ara Mt 23-24.

51. Ara Morna D. Hooker, *The Signs of a Prophet: The Prophetic Actions of Jesus* (London: SCM, 1997), 38-54; Scot McKnight, "Jesus and Prophetic Actions," *Bulletin of Biblical Research* 10 (2000): 197-232.
52. Dwar dan ara, Ernest Bammel, "The Poor and the Zealots," in *Jesus and the Politics of His Day,* eds Ernest Bammel and C.F.D. Moule (Cambridge: Cambridge University Press, 1984), 124-126.
53. Ara Sanders, *Jesus and Judaism,* 232-233.
54. Ara pereżempju, Mk 3:14; 1 Kor 15:5.
55. Ara Sanders, *Jesus and Judaism,* 96-97; Joachim Jeremias, *New Testament Theology* (New York: Charles Scribner's Sons, 1971), 235.
56. Ara Mt 19:28; Lq 22:30.
57. Ara Mk 12:1-9.
58. Ara pereżempju, Mk 2:17; Mt 11:19; Lq 12:49.
59. Ara C.H. Dodd, "Jesus as Teacher and Prophet," in *Mysterium Christi,* eds George K.A. Bell and Adolf Deissmann (London: Longmans, 1930), 63.
60. Mt 12:41-42. Ara wkoll, Lq 11:31-32.

# Il-vuċi profetika tal-Knisja llum

Mons. Prof. Hector Scerri

## Introduzzjoni: Bejn l-iskandlu tal-verità u r-ramel tal-konvenjenza

X'ifisser li tkun "profeta" fi żmien miżgħud b'narrattivi likwidi, fejn il-verità tiġi nnegozjata u l-ġustizzja spiss tiġi fix-xejn għal sempliċi strateġija ta' relazzjonijiet pubbliċi? Storikament, il-vuċi profetika tal-Knisja qatt ma kienet domestikata; hija vuċi li tiddisturba, li titkellem kontra l-kumdità tal-poter u li tikxef l-ipokresija strutturali. Fl-ambjent kontemporanju tagħna, din il-vokazzjoni profetika qed tiffaċċja kriżi ta' awtentiċità. Il-Knisja tinsab f'salib it-toroq: jew ser tkun l-eku konformista tal-*istatus quo*, jew inkella l-vuċi alternattiva u radikali li Ġesù ta' Nazaret xegħel fl-istorja.

Id-distinzjoni bejn *l-iskandlu tal-verità* u dak li qed insejjaħlu *r-ramel tal-konvenjenza* tiddefinixxi l-akbar tensjoni li l-Knisja trid tiffaċċja fl-isfera pubblika tal-lum. L-Evanġelju, fin-natura tiegħu, huwa skandaluż (*skandalon* – jiġifieri żrara li tidħollok fis-sandli u ma tħallikx timxi sew – mela skandalon hu dak li jfixkel jew ifittex li jwaqqa' l-istrutturi foloz). Meta l-Knisja taġixxi bħala vuċi profetika, il-verità li tipproklama ma tfittixx li tkun komda jew li takkomoda l-gosti tal-maġġoranza. Hija verità li tiddisturba għaliex tikxef l-inġustizzji soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema, il-qerda tal-ambjent, il-korruzzjoni sfaċċata u d-degradazzjoni tal-integrità politika. Dan l-iskandlu huwa meħtieġ biex iqajjem il-kuxjenzi bi ngħas. Hekk għamlu persuni bħal Għamos u Ġeremija fit-Testment il-Qadim, jew Ġwanni l-Battista u Ġesù Kristu nnifsu, u aktar tard persuni bħal San Franġisk t'Assisi u San Duminku, Bartolomeo de las Casas, Dietrich Bonhoeffer, Nelson Mandela u Ġwanni Pawlu II. Dawn huma biss ftit eżempji.

Għall-kuntrarju, ir-ramel tal-konvenjenza jirrappreżenta t-tentazzjoni tas-silenzju diplomatiku u l-kompromess mal-poter. Huwa faċli għall-Knisja li tirtira u tadotta wiċċ ta' konformiżmu biex tevita l-kritika, tipproteġi l-interessi istituzzjonali tagħha, jew tibqa' popolari. Iżda l-bini fuq dan ir-ramel iwassal għal riżultat wieħed: l-irrilevanza morali.

Jekk il-Knisja tagħżel il-konvenjenza biex ma ddejjaq lil ħadd, hija tmut bħala profeta u ssir sempliċi organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) kulturali. Il-vokazzjoni tagħha llum hija li tirrifjuta l-kumdità tar-ramel politiku u soċjali, u tibqa' msejsa fuq il-blat iebes u sod tal-verità evanġelika – anki meta dik il-verità tiġi ppersegwitata jew imwarrba.

Fl-ewwel tliet sekli tal-istorja tagħha, fi żmien il-persekuzzjonijiet, il-Knisja kienet essenzjalment moviment profetiku u alternattiv li kien jgħix f'kuntrast qawwi mal-Imperu Ruman. Mingħajr ebda poter politiku, bini lussuż, jew privileġġi soċjali, il-kredibbiltà tal-Insara tal-bidu kienet tistrieħ għal kollox fuq ir-radikaliżmu tal-Evanġelju u l-fidi esperjenzata fil-komunità. Il-profezija tagħhom ma kinitx espressa permezz ta' diskorsi politiċi, iżda permezz ta' stil ta' ħajja li kien jisfida l-valuri tal-Imperu. F'dinja mibnija fuq il-ġerarkiji riġidi, l-iskjavitù, u l-qima tal-Imperatur bħala alla, il-Knisja bikrija pproklamat li Ġesù biss huwa l-Mulej (*Kyrios*). Din kienet stqarrija profetika u sovversiva.

L-Insara ddistingwew ruħhom billi qasmu ġidhom mal-foqra, laqgħu lill-emarġinati, u rrifjutaw l-infantiċidju u l-vjolenza tal-gladjaturi. Din il-Knisja tal-katakombi ma beżgħetx mill-persekuzzjoni; il-martirju tagħhom kien l-ogħla att profetiku, xhieda sal-mewt li l-verità u l-imħabba huma aqwa minn kull qawwa imperjali mibnija fuq ir-ramel tal-poter.

**In-natura tat-teoloġija profetika: Bejn id-denunzja u t-tħabbira**

It-teologu kbir Ġiżwita Karl Rahner (1904-1984) darba kiteb li l-insara tal-futur jew se jkunu mistiċi – persuni li esperjenzaw lil Alla b'mod profond – jew ma jkunu xejn. Dan il-mistiċiżmu mhuwiex ħarba mid-dinja, iżda l-pedament tal-profezija. Il-profeta mhuwiex dak li jbassar il-futur, imma interpretu tal-preżent li jħares lejn ir-realtà mill-għajnejn ta' Alla.

It-teologu Walter Brueggemann (1933-2025), fil-kapolavur tiegħu *The Prophetic Imagination*, jargumenta li l-kompitu tal-profeta huwa li jiġġenera kuxjenza u alternattiva għall-kuxjenza dominanti tal-Imperu. L-imperu kontemporanju – li mhuwiex biss politiku iżda teknokratiku, kapitalista u individwalista – jixtieq li n-nies iħossuhom imdejqa u rassenjati. Il-vuċi profetika tkisser din l-apatija permezz ta' żewġ movimenti: (a) *Id-Denunzja*, jiġifieri l-kxif tal-inġustizzja li tkun saret normalizzata; u (b) *It-Tħabbira*, jiġifieri l-manifestazzjoni ta' dinja ġdida fejn il-ħniena u l-ġustizzja jiltaqgħu.

Walter Brueggemann jargumenta li l-kompitu ewlieni tal-profeta mhuwiex li jbassar il-futur, iżda li jiġġenera kuxjenza alternattiva għal dik tal-kultura dominanti. Brueggemann jidentifika żewġ movimenti kruċjali f'din il-ħidma: il-kapaċità li *nagħmlu luttu* (mourning) u l-kapaċità li *nittamaw* (hoping). Għal Brueggemann, il-luttu huwa att radikali u sovversiv għaliex il-kultura dominanti trid li n-nies jibqgħu komdi u bla kliem. In-niket pubbliku jirrikonoxxi li s-sistema attwali qed tfalli u tmut, u dan iwitti t-triq għal tama vera.

Il-kultura dominanti – li hu jsejħilha "l-imperu" – tipprova traqqad lis-soċjetà permezz tal-apatija, l-affluenza u l-konsumiżmu, fejn kollox jidher normali u xejn ma jista' jinbidel. Il-profeta jkisser din l-illużjoni l-ewwel billi jesprimi d-dispjaċir u l-biki għall-inġustizzja li l-imperu jrid jaħbi. Wara, il-profeta joffri lingwaġġ ta' tama li juri li Alla jista' joħloq bidu ġdid mill-irmied.

Għall-Knisja tal-lum, il-viżjoni ta' Brueggemann hija dmir eżistenzjali. Li nkunu Knisja profetika llum ifisser li nirrifjutaw li niġu assimilati mis-sistemi teknokratiċi u r-relattiviżmu li jiddominaw l-epoka tagħna. Il-Knisja ma tistax tkun sempliċi "kappillan tal-imperu" li jbierek l-*istatus quo* biex iżomm il-paċi soċjali. Hija msejħa tkun il-kuxjenza kritika li tiddisturba l-kumdità ta' dawk li jinsabu mal-poter u li tinfurza d-dinjità ta' dawk li l-ekonomija tal-lum tqis bħala skart.

Biex twettaq dan, il-Knisja trid titgħallem il-lingwaġġ tal-kuraġġ li uża l-Isqof Awżiljarju ta' Malta Joseph Galea-Curmi (1964- ) meta appella għall-bini fuq il-blat tal-integrità minflok ir-ramel tal-opportuniżmu waqt Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu qabel l-inawgurazzjoni ta' leġiżlatura ġdida, nhar l-20 ta' Ġunju 2026.

Dan jitlob li l-Knisja ma tibżax tkun vuċi minoritarja jew li titlef il-privileġġi tagħha. Il-profezija kontemporanja tobbligana li megħjuna mill-fidi, nikkontestaw l-inugwaljanzi, id-degradazzjoni ambjentali u l-manipulazzjoni tal-verità. Biss meta l-Knisja tisfida l-kuxjenza tal-imperu modern tista' verament tkun sinjal ħaj u kredibbli tas-Saltna t'Alla fid-dinja.

Fejn il-politika taqsam u tippolarizza, il-profezija Nisranija għandha tisħaq dwar id-dinjità umana, speċjalment dik tal-emarġinati. Kif ifakkar it-teologu Jon Sobrino (1938- ), esponent tat-Teoloġija tal-Liberazzjoni, il-Knisja ssir sinjal profetiku ta' salvazzjoni biss meta tieħu fuqha l-piż tad-dinja midruba u "tniżżel lill-imsallbin mis-slaleb tagħhom," jiġifieri, meta tintervjeni b'mod attiv biex twaqqaf it-tbatija strutturali kkawżata minn sistemi inġusti.

Sobrino joffri lenti radikali u neċessarja għal x'jiġifieri tkun Knisja profetika fis-seklu 21. Sobrino jargumenta li l-punt tat-tluq ta' kull teoloġija awtentika mhuwiex l-astrazzjoni akkademika, iżda "il-primat tal-mistoqsija tal-foqra."

Fis-seklu 21, din il-viżjoni tissarraf f'kundanna qawwija tal-indifferenza globalizzata. Il-Knisja profetika tal-lum ma tistax tkun istituzzjoni li tosserva l-istorja mill-gallarija; trid tkun preżenti fil-periferiji tal-eżistenza, kif spiss kien itenni Papa Franġisku (1936-2025). Kif isostni Sobrino, il-foqra u l-emarġinati mhumiex sempliċi oġġetti ta' karità, iżda huma l-post teoloġiku (*locus theologicus*) fejn Alla qed jitkellem magħna llum. Meta l-Knisja tiddefendi lill-immigrant, lill-ħaddiem sfruttat, jew lill-persuni mwarrba, hija tkun qed twettaq l-iktar att profetiku tagħha: il-proklamazzjoni li d-dinjità umana mhix negozjabbli.

Din il-profezija, b'rabta mal-ħsieb ta' Sobrino, iġġib magħha d-denunzja tar-"ramel tal-konvenjenza" li spiss jista' jraqqad il-kuxjenzi tagħna. Knisja profetika fis-seklu 21 m'għandhiex tfittex l-approvazzjoni tal-*elites* politiċi jew ekonomiċi, iżda għandha sservi bħala l-kuxjenza skandaluża tas-soċjetà. Hija msejħa biex titkellem b'mod ċar u mingħajr biża' – bħalma għamel l-Isqof Galea-Curmi fl-omelija tiegħu – billi tinsisti li l-ebda nazzjon ma jista' jiffjorixxi jekk ikun mibni fuq il-qerq, l-inġustizzja jew l-esklużjoni. Il-messaġġ ta'

Sobrino huwa ċar: Knisja li ma ddejjaqx lill-poter u li ma tbatix malbatut, hija Knisja li tilfet l-ispirtu profetiku ta' Kristu.

**Is-sisien fuq il-blat: Il-messaġġ ta' Mons. Joseph Galea-Curmi**

Din il-viżjoni teoloġika u profetika sabet espressjoni ċara u kuraġġuża meta, kif diġà għidna qabel, l-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi wassal omelija li tista' tiġi deskritta bħala manifest ta' teoloġija politika serena iżda li ma tikkompromettix. B'referenza diretta għall-Evanġelju ta' Mattew (7:24-27), l-Isqof appella lillmexxejja l-ġodda biex jibnu n-nazzjon "fuq il-blat u mhux fuq irramel." Din mhijiex sempliċi metafora morali, iżda kritika profetika radikali għal sistema li spiss tippreferi r-ramel tal-konvenjenza millblat tal-prinċipji:

> *"Il-ħajja pubblika ma tistax tiffjorixxi fejn il-qerq isir aċċettabbli jew fejn l-interess personali jieħu post il-ġid komuni... L-integrità hija l-koerenza bejn dak li wieħed jgħid u dak li jagħmel. Hija l-kuraġġ li tagħmel dak li hu sewwa anki meta ma jkunx popolari."* – Mons. Joseph Galea-Curmi, 20 ta' Ġunju 2026

L-Isqof Galea-Curmi enfasizza li l-awtorità umana tibqa' limitata jekk ma tkunx iggwidata minn viżjoni morali, kuraġġ tal-kuxjenza, u rispett profond lejn id-dinjità ta' kull persuna. F'ambjent fejn il-politika tista' tiġi ttentata li tħaddan it-tattiċi tal-qerq, l-onestà u l-kontabilità mhumiex fakultattivi, iżda huma s-sisien stess tal-*polis*. Dan huwa d-diskors profetiku li ma jiddejjaqx ikun skandlu għall-poter, għaliex ma jitkellimx f'isem xi fazzjoni partiġjana, iżda f'isem il-Verità.

Fil-kolonna tiegħu f'*The Times of Malta* tal-25 ta' Ġunju 2026, Ranier Fsadni faħħar l-omelija tal-Isqof Galea-Curmi bħala eżempju ċar ta' teoloġija pubblika li tisfida l-poter b'mod razzjonali u mhux partiġġjan. Fsadni argumenta li r-referenza tal-Isqof għall-bini fuq il-blat uriet li l-integrità mhijiex lussu politiku, iżda neċessità biex titwaqqaf il-korruzzjoni istituzzjonali, filwaqt li nnota li l-Knisja reġgħet sabet il-vuċi profetika tagħha bħala l-kuxjenza kritika talpajjiż.

**Il-kuraġġ ta' Isqfijiet li ddenunzjaw l-inġustizzja**

Mons. Galea-Curmi ma mexiex waħdu f'din it-triq; huwa jinsab f'linja storika ta' ragħajja li rrifjutaw li jibqgħu siekta. Meta l-Knisja tagħżel is-silenzju biex tipproteġi l-privileġġi tagħha, hija twettaq apostasija mill-missjoni profetika tagħha. Għall-kuntrarju, meta titkellem, hija tbati. Ma nistgħux ma niftakrux f'San Oscar Romero (1917-1980), l-Arċisqof ta' San Salvador, li f'ambjent ta' oppressjoni militari sar il-vuċi ta' dawk li m'għandhomx vuċi. Romero ma kienx jippretendi li huwa politiku, iżda l-fedeltà tiegħu lejn l-Evanġelju wasslitu biex jgħid lill-istat: *"Fl-isem ta' Alla, u fl-isem ta' dan il-poplu li qed isofri... nitlobkom ... nordnakom: Waqqfu r-repressjoni!"* Il-mewt tiegħu fuq l-altar kienet il-konsegwenza loġika ta' profezija li ma tistax tiġi msikkta.

Romero, l-Arċisqof martri ta' San Salvador, jibqa' l-inkarnazzjoni perfetta ta' x'jiġifieri li tkun Knisja profetika li ma tibżax tiffaċċja l-forzi tal-oppressjoni u r-ramel tal-konvenjenza. Romero spiss saħaq li Knisja li ma tbatix mal-poplu tagħha u li ma tiddisturbax lis-setgħana mhijiex il-Knisja vera ta' Ġesù Kristu. Huwa wera li l-profezija mhijiex għażla ideoloġika, iżda konsegwenza inevitabbli tal-fedeltà lejn l-Evanġelju f'dinja midruba.

Waħda mill-aktar lezzjonijiet b'saħħithom li ħalla Romero hija li Knisja li ma tqanqalx kunflitti, Knisja li ma tfixkilx, u Knisja li ma tikkritikax l-inġustizzja strutturali hija Knisja li tilfet l-essenza tagħha. Romero qal b'mod ċar: *"Knisja li ma tipprovokax kriżi, Knisja li ma tagħmilx lill-poter iħossu skomdu, dik il-Knisja għandha tibda tibża' għaliex tkun qed tittradixxi l-missjoni tagħha."* Għall-Arċisqof Salvadorjan, il-kelma ta' Alla ma tistax tiġi msikkta biex tiġi ffrankata l-persekuzzjoni jew biex jinżammu l-privileġġi u l-paċi falza mal-istat.

Bl-istess mod, fl-Afrika t'Isfel waqt l-Apartheid, l-Arċisqof Desmond Tutu (1931-2021) tal-Knisja Anglikana uża l-pulptu tiegħu biex iżarma r-razziżmu strutturali, billi argumenta li jekk tkun newtrali f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja, tkun għażilt in-naħa tal-oppressur. Tutu, wieħed mill-aktar ġganti morali u spiritwali tal-istorja kontemporanja, fisser il-vokazzjoni profetika tal-Knisja permezz ta' impenn bla

kompromess kontra l-*apartheid* fl-Afrika t'Isfel. Tutu rrifjuta b'mod kategoriku l-idea li l-fidi hija affari privata li m'għandhiex x'taqsam mal-politika jew mal-ġustizzja soċjali. Għalih, Knisja li ma tibżax tkun profetika hija Knisja li tintervjeni b'mod dirett fejn id-dinjità umana tkun qed tiġi mżebilħa. Waħda mill-aktar kwotazzjonijiet famużi u qawwija tiegħu tiġbor din il-viżjoni bl-aktar mod ċar: "*Jekk tkun newtrali f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja, tkun għażilt in-naħa tal-oppressur. Jekk iljunfant ikollu saqajh fuq denb ġurdien, u inti tgħid li int newtrali, il-ġurdien mhuwiex se japprezza n-newtralità tiegħek.*"

Għal Tutu, in-newtralità f'wiċċ il-ħażen mhijiex virtù, iżda hija kompliċità u tradiment tal-Evanġelju. Knisja li tibqa' siekta biex ma tqanqalx l-ilmijiet jew biex tipproteġi l-kumdità tagħha stess, tkun qed tibni fuq dak "ir-ramel tal-konvenjenza" li jwassal biss għal falliment morali. Fid-dinja tal-lum, il-wirt ta' Tutu jisfida lill-Knisja biex tkun vuċi li tiddisturba l-kuxjenzi u li tkisser l-apatija komda tas-soċjetà. Tutu jgħallimna li l-Knisja m'għandhiex tibża' mit-tensjonijiet jew mill-kunflitti li ġġib magħha l-verità. Knisja profetika llum trid tkun l-espressjoni tal-*Ubuntu* – il-filosofija Afrikana li tgħid "*Jien għax aħna*" – billi tirrikonoxxi li l-libertà u d-dinjità tagħna huma marbuta ma' dawk tal-emarġinati, u li l-ebda bniedem ma jista' jkun tassew ħieles sakemm kulħadd ikun ħieles.

Fil-kuntest Ewropew, is-Cardinal Clemens August von Galen (1878-1946) fil-Ġermanja, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija ddenunzja l-programm ta' ewtanasija tan-Nazi, filwaqt li fiż-żmien kontemporanju tagħna, il-Papa Franġisku stess kontinwament aġixxa bħala vuċi profetika globali billi ddenunzja l-"kultura tal-iskart" (*throwaway culture*) u l-indifferenza globalizzata lejn ir-refuġjati u l-ambjent.

Għalkemm Václav Havel (1936-2011) kien jidentifika bħala agnostiku u kien primarjament drammaturgu u, aktar tard, statista, il-filosofija morali tiegħu dwar il-ħajja fil-verità u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem toffri pjan ta' azzjoni b'saħħtu għal Knisja profetika kontemporanja. Fil-kitbiet tiegħu, partikolarment f'*The Power of the Powerless*, Havel jargumenta li l-akbar theddida għal sistema totalitarja jew oppressiva hija l-kuraġġ tal-individwi li jirrifjutaw li jgħixu fil-qerq u li minflok, jagħżlu li jgħixu fil-verità.

Għal Havel, dawk li m'għandhomx vuċi mhumiex dawk li huma dgħajfa b'mod inerenti, iżda dawk li l-vuċi tagħhom ġiet fgata mill-propaganda, mill-biża' jew mill-konformiżmu tal-maġġoranza. F'dan il-kuntest, Knisja profetika għandha r-responsabbiltà morali li ssir l-vuċi ta' dawn il-persuni emarġinati. Hija msejħa biex tkisser is-silenzju strutturali billi tgħid il-verità f'isimhom, u b'hekk turi li anki l-iżgħar att ta' onestà jista' jheżżeż il-pedamenti ta' "imperu" mibni fuq ir-ramel tal-opportuniżmu. Fis-seklu 21, il-viżjoni ta' Havel tisfida lill-Knisja biex ma tfittixx alleanzi mal-poter għall-konvenjenza tagħha stess, iżda biex tibqa' s-saba' li juri fejn il-verità qed tiġi mmanipulata.

**L-isfida tal-Knisja tal-lum: kredibbiltà u azzjoni**

Ir-riflessjoni teoloġika fuq il-vuċi profetika tal-Knisja trid twassalna għal awtoeżami serju bħala Knisja. Biex il-Knisja tkun profetika barra, trid tkun ġusta fi ħdanha stess. It-teologu Żvizzeru Hans Küng (1928-2021) spiss saħaq li l-Knisja ma tistax titlob trasparenza u demokrazija mis-soċjetà jekk hija stess tibqa' marbuta ma' strutturi awtoritarji u magħluqa.

Il-profezija tal-lum titlob li l-Knisja:

• Ma tibżax titlef il-popolarità jew in-numri.

• Ma tfittixx il-kompromessi li jikkalmaw il-kuxjenza tal-poter bi skambju għall-paċi soċjali falza.

• Tiddefendi d-dinjità tal-ħajja umana f'kull stadju tagħha – mill-konċepiment sal-mewt naturali – iżda wkoll fl-istadji tan-nofs: fejn il-ħaddiem jiġi sfruttat, fejn l-ambjent jiġi meqrud għall-qligħ tal-ftit, u fejn il-foqra jiġu mwarrba.

Kif sostna Mons. Galea-Curmi fl-omelija tiegħu tal-20 ta' Ġunju, il-pajjiż jissaħħaħ biss meta jkun immexxi minn persuni ta' karattru li jħallu l-prinċipji jiggwidawhom aktar mill-konvenjenza personali. Dan huwa l-qofol tal-messaġġ profetiku: li l-politika u l-fidi mhumiex żewġ binarji separati li qatt ma jiltaqgħu, iżda li l-fidi għandha sservi bħala l-kuxjenza kritika u d-dawl li juri x'inhu l-veru ġid komuni. L-akbar sfida li l-Knisja tiffaċċja fl-isfera pubblika tal-lum mhix li tiġi mismugħa, iżda li tkun kredibbli. F'era ta' xettiċiżmu profond lejn l-istituzzjonijiet kollha, il-kliem sabiħ u l-istqarrijiet dottrinali

mhumiex biżżejjed. Il-kredibbiltà tal-Knisja bħala vuċi profetika tiddependi direttament fuq il-koerenza tagħha: l-azzjoni tagħha trid tirrifletti l-verità li tipproklama.

Biex tkun kapaċi tisfida r-ramel tal-konvenjenza u l-inġustizzji tas-soċjetà, il-Knisja trid l-ewwel nett tgħix dawk l-istess valuri fi ħdanha stess. Hija ma tistax titlob trasparenza, governanza tajba, u ġustizzja mill-mexxejja politiċi – kif appella b'tant kuraġġ l-Isqof Galea-Curmi – jekk fi ħdan l-istrutturi tagħha stess ma turix l-istess livelli ta' responsabbiltà u kontabilità. Il-profezija tal-lum titlob tranżizzjoni minn teoloġija passiva għal ortoprassi – jiġifieri, prattika sewwa u ġusta. Dan ifisser li l-Knisja trid tkun lesta li titlef il-privileġġi storiċi tagħha u l-appoġġ tal-*elite* jekk dan ikun il-prezz biex tiddefendi lill-fqir, lill-immigrant, u lill-ambjent. Id-dinja m'għandhiex bżonn Knisja li tikkomprometti biex togħġob lil kulħadd, iżda Knisja li lesta tħallas il-prezz tal-verità biex l-azzjoni tagħha ssir xhieda ħajja u kredibbli tal-Evanġelju.

## L-Enċiklika *Magnifica Humanitas* ta' Papa Ljun XIV u l-vuċi profetika tal-Knisja

L-enċiklika *Magnifica Humanitas* (15 ta' Mejju 2026) tal-Papa Ljun XIV tpoġġi l-vuċi profetika tal-Knisja f'kuntest kontemporanju u urġenti: dak tar-rivoluzzjoni teknoloġika u l-Intelliġenza Artifiċjali. Din il-vuċi ma tikkundannax il-progress, iżda taġixxi bħala kuxjenza morali li "ddaħħal il-brejkijiet" fuq it-teknokrazija li tirriskja li tiddeumanizza l-bniedem. B'mod speċifiku, l-enċiklika tiddelinea din il-profezija ekkleżjali permezz ta' żewġ dimensjonijiet ewlenin:

• *Id-Difiża tad-Dinjità Kontra l-Kburija Teknoloġika:* Il-Knisja trid issemma' leħinha biex twissi kontra l-bini ta' "Torri ta' Babel" modern, fejn il-bniedem jiġi kkummerċjalizzat u mnaqqas għal sempliċi data jew algoritmi. Il-leħen profetiku jinsisti li l-limitazzjonijiet umani (bħas-sofferenza u x-xjuħija) mhumiex "difetti li għandhom jiġu kkoreġuti" mill-magni, iżda partijiet essenzjali mill-kobor tal-bniedem.

• *Id-Djalogu li "Jiddiżarma":* Il-Knisja hija msejħa teżerċita xhieda profetika billi tħeġġeġ biex l-Intelliġenza Artifiċjali tiġi "ddiżarmata" mil-loġika tal-kompetizzjoni militari u l-monopolji ekonomiċi.

Il-leħen profetiku f'dan id-dokument mhuwiex impost b'mod awtorevoli mill-għoli, iżda huwa msejjes fuq dixxerniment sinodali u akkumpanjament. Barra minn hekk, l-enċiklika tisħaq li d-duttrina soċjali hija "eżami tal-kuxjenza għall-Knisja stess," li jfisser li l-vuċi profetika tkun kredibbli fid-dinja biss jekk il-Knisja tgħix dawk il-prinċipji ta' ġustizzja u trasparenza fl-istrutturi tagħha stess.

**Konklużjoni**

Il-vuċi profetika tal-Knisja mhijiex lussu akkademiku, imma dmir eżistenzjali. Jekk il-Knisja ma titkellimx kontra l-inġustizzja, il-ġebel stess jibda jgħajjat. L-omelija ta' Mons. Galea-Curmi fil-ftuħ tal-Parlament Malti fl-2026 fakkret f'waqtu li l-Knisja għandha r-responsabbiltà li żżomm il-mera quddiem is-soċjetà u l-mexxejja tagħha. Il-blat tal-verità u l-integrità jista' jkun iebes biex timxi fuqu u kultant skomdu biex tilqgħu, iżda huwa l-uniku pedament li jiflaħ għall-maltempati tal-istorja. Ir-ramel tal-opportuniżmu jidher faċli, imma fl-aħħar mill-aħħar, iwaqqa' d-dar kollha u lil kull min hemm fiha.

Il-vuċi profetika tal-Knisja llum mhijiex dekorazzjoni u lanqas għażla sekondarja; hija l-unika raġuni għaliex għandha tibqa' teżisti fl-isfera pubblika. Jekk il-Knisja tagħżel li tmut bħala profeta biex tgħix bħala diplomatika, hija ma tkun xejn għajr fdal storiku li jinstema' biss bħala eku dgħajjef tal-poter. Id-dinja m'għandhiex bżonn Knisja li tbierek ir-ramel tal-konvenjenza, li tilgħaq il-kuxjenzi tal-mexxejja, jew li tibqa' siekta f'isem "paċi soċjali" falza li taħbi l-inġustizzja.

Il-profezija titlob l-iskandlu tal-verità. Knisja li ma ddejjaqx, li ma tfixkilx il-pjanijiet tal-korruzzjoni, u li ma tipprovokax kriżi fil-kuxjenza ta' min jassorbi l-ġid komuni għall-interess tiegħu, hija Knisja li ttradiet lil Kristu.

Il-konklużjoni hija provokattiva daqs kemm hi urġenti: il-Knisja tal-lum għandha biss żewġ toroq: Jew se tkun il-kuxjenza kritika u skomda li lesta tbati għax mibnija fuq il-blat, jew inkella ser tispiċċa monument irrelevanti u sieket, midfun taħt ir-ramel ta' kompromessi li fl-aħħar mill-aħħar, ma jsalvaw lil ħadd.

## Biblijografija

Brugguemann, Walter, *The Prophetic Imagination* (Minneapolis: Fortress Press, 2018).

Crespo, Alessandra Dee, "Beyond the Ballot Box," f'*The Times of Malta* (26 ta' Ġunju 2026): 12.

Fsadni, Ranier, "Treasures of the Church", f'*The Times of Malta* (25 ta' Ġunju 2026): 12.

Galea-Curmi, Isqof Joseph, Omelija waqt Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu, qabel il-ftuħ tal-15-il Leġiżlatura (20 ta' Ġunju 2026): https://knisja.mt/parlament2026/

Havel, Vaclev, *The Power of the Powerless* (London: Vintage Classics, 2018).

Scerri, Hector, *Chiesa, Vieni fuori! "Un ospedale da campo" che si ricompone. Esdra, Neemia e Papa Francesco. Profezia antica e nuova* (Venezia: Marcianum Press, 2024).

Sobrino, Jon, *The True Church and the Poor* (Maryknoll: Orbis Books, 1984).

# Il-Ħajja Reliġjuża: Profezija għall-Knisja

E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP

Teologu magħruf tas-seklu li għadda, Johannes Baptist Metz, fil-ktieb *Servants of the Lord* kien tkellem fuq il-ħajja reliġjuża bħala speċi ta' *shock therapy* għall-Knisja. F'dan is-sens naħseb li nistgħu ngħidu li l-ħajja reliġjuża hi "sfida" għall-Knisja; 'sfida' fis-sens pożittiv, kif se nispjega.

Bi kliem ferm meqjus, fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi*, wieħed mid-dokumenti l-aktar importanti tas-Santa Sede wara l-Konċilju Vatikan II, Pawlu VI jgħid li r-reliġjużi, "fil-livell l-aktar profond tal-eżistenza tagħhom, huma mkaxkrin fid-dinamiżmu tal-ħajja tal-Knisja, li hija għatxana għall-Assolut divin u msejħa għall-qdusija. Huma jagħtu xhieda ta' din il-qdusija. Huma jinkarnaw il-Knisja fix-xewqa tagħha li tingħata kompletament għall-kundizzjonijiet radikali tal-beatitudni. Bil-ħajja tagħhom ir-reliġjużi huma sinjal tad-disponibbiltà totali tagħhom għal Alla, għall-Knisja, għall-aħwa" (n. 69). Jidhirli li f'dawn il-kelmiet ta' Pawlu VI għandna essenzjalment dak kollu li nistgħu ngħidu dwar il-ħajja reliġjuża bħala profezija għall-Knisja.

Il-ħajja reliġjuża nibtet minn fidi kbira fil-missjoni tal-Knisja u mħabba kbira lejn l-istess Knisja. Għaliex il-qaddisin Pakomju u Bażilju fil-lvant, u Wistin u Benedittu fil-punent, żergħu ż-żerriegħa għall-ħajja reliġjuża? Għax ħabbew il-Knisja u emmnu fil-missjoni profetika tal-Knisja. Leonardo Boff (*Il Destino dell'Uomo e del Mondo* pp. 50-51) jgħid li l-istorja tal-Knisja, fil-lvant kif ukoll fil-punent, hi fil-parti l-kbira tagħha l-istorja tal-ħajja reliġjuża. U jkompli: *"Per quanto si analizzi con i metodi della sociologia della conoscenza il sorgere di questo fenomeno, un elemento determinante sta nel suo fondamento: l'amore*

*di Dio e l'amore degli uomini. Proprio per vivere con esclusività tale amore uomini e donne abbandonarono, e continuano ancor oggi ad abbandonare tutto, e si diedero a vivere una vita consacrata"*.

**"Profeta" – "Profezija"**

Forsi tarawha stramba jekk ngħidilkom li d-definizzjoni ta' "profezija" ridt infittixha mhux fi ktieb ta' teoloġija jew ta' eseġeżi, imma f'filosfu non-kristjan, li huwa Martin Buber, u f'kittieb spiritwali, li huwa Basil Hume. Buber huwa lhudi, u meta snin ilu kont qrajt il-ktieb interessanti tiegħu *The Prophetic Faith*, kien impressjonani bil-mod kif assimila l-ħsieb tal-profeti. Hume, mill-banda l-oħra, dejjem għoġobni bħala kittieb spiritwali, li jaf jittraduċi f'lingwaġġ spiritwali dak li kultant jidher diskors teoloġiku aktarx astratt u xott. U proprju dan nixtieq jien: li dan l-artiklu ma jkunx diskors astratt, forsi sabiħ u profond, iżda maqtugħ mir-realtà.

F' *The Prophetic Faith* (p. 7) Martin Buber jgħid li l-kelma lhudija għal profeta, *nabi*, tindika l-karattru speċifiku tal-profeta bħala intermedjarju, *"bearing the word of message from heaven to earth and the word of petition from earth to heaven"*. Nistqarr li, sa hawnhekk, ma tantx iddoqqli din id-definizzjoni, li ma narahiex wisq differenti mid-definizzjoni li jagħti San Tumas tas-saċerdot bħala medjatur. Iżda mbagħad Buber ikompli jgħid: *"The connection of the* nabi *with the future is not that of one who predicts. To be a* nabi *means to set the audience, to whom the words are addressed, before the choice and decision, directly or indirectly. The future is not something already fixed in this present hour; it is dependent upon the real decision, that is to say the decision in which man takes part in this hour."*

Lejn tmiem il-ktieb tiegħu *To be a Pilgrim* (p. 195), Basil Hume jikkummenta fuq ir-rwol saċerdotali, profetiku, u regali tal-insara. Xi tfisser li tkun profeta? – jistaqsi Hume. *"It means that Christians can never shed responsibility for proclaiming the Good News of Jesus Christ.... It means as well that Christians have to interpret sensitively all human experience in the light of the Gospel.... It means, finally, holding up to society the mirror of truth so that it can see its real features in the light of the Gospel."*

Mela fil-ħsieb ta' Buber, ir-rwol tal-profeta huwa, ippermettuli nuża l-kelma, li jisfida l-poplu biex jagħmel għażla u jieħu deċiżjoni. Il-futur tal-poplu jiddependi minn din id-deċiżjoni. Iżda, skond Hume, din l-isfida sseħħ waqt li l-profeta jippreżenta mudell ta' ħajja, huwa u jxandar l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù Kristu, huwa u jinterpreta r-realtà fid-dawl tal-Evanġelju, u huwa u jistieden is-soċjetà biex tħares lejn il-mera tal-verità u tara lilha nnifisha fid-dawl tal-Evanġelju.

Fil-kuntest tad-dimensjoni profetika tal-ħajja kkonsagrata, Ġwanni Pawlu II fil-*Vita Consacrata* jinsisti fuq il-fedeltà lejn il-missjoni tal-persuni kkonsagrati fil-Knisja u fid-dinja (n. 85). Aktar qabel kien uża l-espressjoni *"fedeltà kreattiva"* (n. 37). "Fedeltà" tindika rabta ta' lejaltà ma' l-imgħoddi; iżda l-aġġettiv "kreattiva" tindika perspettiva lejn il-ġejjieni. F'artiklu ppublikat f'*Concilium* (Vol 1, 1965, pp. 65-66) Joseph Ratzinger (li wara sar il-Papa Benedittu XVI) qal li t-triq għar-riforma tinkludi moviment fl-istess ħin lura u 'l quddiem. Min-naħa l-waħda, il-Knisja *"is based entirely on a fact of the past, namely the life, death and resurrection of Jesus Christ .... The obligatory norm of renewal can only come about by a new orientation from its origin .... Mere concessions to the times or mere 'modernization' are always false renewal"*. Mill-banda l-oħra, ikompli Ratzinger, it-tiġdid tal-Knisja *"must be something altogether different from restoration .... This is so because the historical Christ .... is at the same time the coming Christ in whom the Church hopes"*.

Issa ejja nagħmlu pass lura. L-idea tal-ħajja reliġjuża bħala profezija għall-Knisja, l-aktar jekk ninterpretawha fis-sens ta' J. B. Metz, jiġifieri li l-ħajja reliġjuża sservi ta' *shock therapy* għall-Knisja, timplika li, flok ma hi l-Knisja li tevanġelizza l-ħajja reliġjuża, hija l-ħajja reliġjuża li qed tevanġelizża lill-Knisja. Hi aċċettabbli ideja bħal din? Mill-ġdid nikkwota l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi*, (n. 15) Pawlu VI b'insistenza kbira jtenni li l-Knisja li tevanġelizza għandha hija stess tiġi evanġelizzata. U l-ħajja reliġjuża, fl-istess ħin li tiġi evanġelizzata mill-Knisja, hija wkoll tevanġelizza l-Knisja. Fi kliem ieħor, hi profezija mhux biss fi ħdan il-Knisja, iżda wkoll għall-Knisja.

Id-dokument *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni* tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta (li ntemm fis-sena 2003) jtenni (n. 27): "Biex tkompli tkun

dejjem isbaħ milli hi, huwa meħtieġ li bħala Knisja niskopru mill-ġdid kemm il-kariżmi reliġjużi kif ukoll id-dimensjoni kontemplattiva li hemm fiha. *Dawn l-aspetti jgħinu lill-Knisja tkun dak li suppost tkun għall-bnedmin kollha.*"

L-Eżortazzjoni Appostolika *Vita Consacrata* titħaddet fuq ix-xhieda profetika tal-ħajja kkonsagrata, għalkemm b'mod aktarx vag. Fin-n.84 tgħid li r-rwol profetiku ta' din il-ħajja hu marbut mar-radikalità tal-mixja wara Kristu u mill-missjoni speċifika tagħha (missjoni marbuta mal-kariżma ta' kull istitut). Fin-n. 85 ittenni li l-istess ħajja fraterna hi profezija fil-fatti, fil-kuntest ta' soċjetà li hi tant bil-għatx għal fraternità mingħajr limiti.

Allura se nitħaddet fuq il-ħajja reliġjuża bħala profezija għall-Knisja f'dawn it-tliet setturi: il-ħajja komunitarja, ir-radikalità evanġelika, u l-kariżma tal-istitut (li turi s-sensibbiltà għas-sinjali taż-żminijiet). Fl-aħħarnett nagħmel riflessjoni qasira dwar din il-profezija fil-kuntest tal-ekkleżjoloġija post-konċiljari dwar il-Knisja lokali.

**Il-Ħajja Komunitarja**

Il-ħajja reliġjuża ma tnissletx mill-ħajja anakoreta (kif ġieli ġie affermat, fl-ideja tiegħi, b'mod żbaljat), iżda direttament mir-riflessjoni fuq in-natura tal-Knisja nnifisha bħala *communio*. Dan jidher ċar mill-istorja. Infatti l-ħajja reliġjuża nibtet fiż-żmien meta l-aspett tal-Knisja bħala komunità beda jiġi skurat, għar-raġuni li, ladarba l-kristjaniżmu sar ir-reliġjon tal-imperu, il-Knisja saret il-Knisja tal-massa. Araw daqxejn kif l-erba' "pilastri" tal-ħajja reliġjuża, Pakomju (+346) u Bażilju (+379) fil-lvant, Wistin (+430) u Benedittu (+550) fil-punent, l-istil tal-ħajja reliġjuża li oriġinaw identifikawh ma' ħajja f'komunità, fejn hemm qsim tal-ġid u għaqda fost il-membri (Pakomju), atmosfera ta' sliem, studju, u xogħol għalenija (Bażilju u Benedittu). Iżda kien Wistin li wera aktar biċ-ċar li l-ħajja fraterna li kien qed jipproponi kienet imfassla fuq il-ħajja tal-Knisja primitiva f'Ġerusalemm.

Bis-saħħa tal-ekkleżjoloġija tal-komunjoni żviluppata mill-Konċilju skoprejna aktar il-valur tal-komunità fil-ħajja reliġjuża, sal-punt li, ftit qabel is-Sinodu tal-1994 dwar il-ħajja kkonsagrata, il-Papa Ġwanni Pawlu II, f'udjenza li kellu mal-membri tal-Kongregazzjoni għall-Ħajja

Kkonsagrata, qal li "l-futur tal-ħajja reliġjuża jiddependi mil-livell tal-ħajja komunitarja".

Fost kemm ġew promulgati dokumenti wara l-Konċilju Vatikan II ma sibt ebda definizzjoni tal-komunità reliġjuża li tħabbatha mad-definizzjoni ċelebri tad-digriet *Perfectae Caritatis* n. 15:

*Fuq l-eżempju tal-Knisja fl-ewwel żminijiet, meta l-kotra tal-fidili kienu jgħixu qalb waħda u ruħ waħda (cf. Atti 4,32), il-ħajja komuni tar-reliġjużi għandha ssib l-għajxien tagħha fit-tagħlim tal-Evanġelju, fil-Liturġija u l-aktar fl-Ewkaristija u b'hekk tippersevera fit-talb u fl-għaqda tal-istess spirtu f'kulħadd (cf. Atti 2,42). Bħala membri ta' Kristu r-reliġjużi li jgħixu flimkien bħal aħwa għandhom iqisu lil xulxin ogħla fil-ġieħ (cf. Rum 12,10) u jerfgħu t-tagħbija ta' xulxin (cf. Gal 6,2). Għax ladarba l-imħabba ta' Alla ssawbet fil-qlub permezz tal-Ispirtu s-Santu (cf. Rum 5,5), il-komunità, bħal familja vera miġbura f'isem il-Mulej, tifraħ li Alla hu f'nofsha (cf. Mt 18,20). Il-karità hija tabilħaqq il-milja tal-liġi (cf. Rum 13,10) u l-qofol tal-perfezzjoni (cf. Kol 3,14) u biha nafu li għaddejna mill-mewt għall-ħajja (cf. Ġw 3,14). Anzi l-għaqda tal-aħwa turi bid-dieher il-miġja ta' Kristu (cf. Ġw 13,35; 17,21) u minnha toħroġ forza appostolika kbira.*

Mela nosservaw li hemm diversi riferenzi għall-kitbiet tat-Testment il-Ġdid, u allura naraw ċar daqs il-kristall l-ewwelnett il-"kwalità evanġelika" tal-ħajja reliġjuża komunitarja; u t-tieni li l-Konċilju hawnhekk qed jippreżenta l-komunità reliġjuża bħala l-Knisja f'minjatura. Ma naħsibx li għandi għalfejn nikkummenta dan il-paragrafu. Iżda ppermettuli nagħmel żewġ kummenti qosra.

L-ewwel nett, meta jitkellem fuq l-elementi kostituttivi tal-ħajja komunitarja, il-paragrafu ma jsemmix fl-ewwel post l-imħabba, imma l-Kelma ta' Alla ("it-tagħlim tal-Evanġelju") u t-talb ("il-Liturġija mqaddsa u l-aktar l-ewkaristija"). Kollox, fil-komunità, hu għas-servizz tal-imħabba; iżda b'dan il-mod il-"Knisja f'minjatura" tfakkar kontinwament lill-Knisja universali li l-imħabba mhijiex possibbli mingħajr l-għajxien bil-Kelma ta' Alla u bit-talb.

It-tieni, il-paragrafu jsemmi l-ferħ tal-komunità. Friedrich Nietszche kien għadda l-kumment sarkastiku dwar l-insara: *"Jesus' disciples should look more redeemed"*. Aħna profeti tat-tama u appostli tal-ferħ. *"Our*

*vowed life will only be a sign if we live it with joy. Then we will be seen to be at home in this uncertainty, at ease in not knowing the pattern and story of our lives. We can happily rest in the confidence that our lives will be found to have meaning even if sometimes we cannot now say what it is, for it is God"* (T. Radcliffe, *Religious Life after 11th September: What Signs do we Offer?"* – diskors fil-Kungress Internazzjonali tar-Reliġjużi, Ruma 2002).

Qed ngħixu f'dinja mfarrka minn tant mibegħda razzjali, ibda min-nazzjonaliżmi ġodda f'diversi pajjiżi tal-Ewropa kemm tal-punent kif ukoll tal-lvant (biżżejjed insemmi l-gwerer tal-Balkani tas-snin 90), u kompli bil-massakri barbariċi f'ħafna pajjiżi fl-Afrika (Rwanda, Sudan, u Kenja) u l-gwerer attwali ta' Iżrael f'Gaza u l-Libanu. F'dinja bħal din jilma aktar biċ-ċar il-"miraklu" tal-ħajja komunitarja reliġjuża. Tabilħaqq, it-talba tal-fidi tal-komunità tqiegħed is-sisien għall-imħabba fraterna, qawwija aktar minn kull differenza li tista tifred, għax tqiegħed fiċ-ċentru tal-ħajja komunitarja lil dak li "minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna" (Ef 2, 14). F'isem il-Knisja, il-komunità reliġjuża tħabbar li *hi* possibbli komunità ta' bnedmin ta' kulturi, mentalitajiet, etajiet, u xogħlijiet differenti, fejn id-doni ta' kull individwu huma magħrufa u apprezzati u mqegħdin għas-servizz ta' kulħadd.

Timothy Radcliffe isemmi esperjenza li tant impressjonatu meta kien fil-Burundi fuq żjara lill-aħwa Dumnikani fi żmien il-gwerra bejn iż-żewġ razez Tutsi u Hutu. Żar monasteru ta' sorijiet Dumnikani klawstrali, fejn kien hemm sorijiet miż-żewġ razez, u kull soru kienet ħadet l-aħbar kerha li ġie maqtul xi ħadd mill-familja ta' waħda novizza. Sakemm Radcliffe dam f'dan il-monasteru, waslet l-aħbar li l-membri tal-familja ta' din in-novizza sfaw maqtula. Iżda Radcliffe isemmi kemm impressjonatu t-talba tal-komunità, espressjoni tal-esperjenza ta' mħabba li ma tafx barrieri. Tutsi u Hutu fil-monasteru jitolbu flimkien biex it-Tutsi u l-Hutu barra mill-monasteru jagħarfu u jirrispettaw id-dinjità ta' xulxin bħala xbieha ta' Alla. U jżid: *"Slowly people from all the ethnic groups learned that the monastery grounds were a safeplace, and gathered in their church to pray and grew their crops beside it. It was a green place in a burnt land – and a sign of hope"* (*What is the point of Being a Christian*, pp. 20-21).

Bruno Secondin (*Sequela e Profezia*, p. 40) josserva: *"Siamo passati dalla comunità come luogo dell'osservanza più rigida e spersonalizzante, ad una esperienza di comunità-comunione più attenta ai valori del dialogo, della fraternità, della riconciliazione, del discernimento, della valorizzazione dei diversi carismi, portatrice di un progetto comune maturato insieme."* Din hi l-Knisja: komunità-komunjoni bil-kwalitajiet kollha li jsemmi Secondin.

Ħafna drabi ssuġġerejt li l-komunitajiet reliġjużi jieħdu bħala *lectio divina* l-hekk-imsejjaħ "diskors dwar il-Knisja" (Mt 18), u jeħduh bħala test ta' riflessjoni għall-komunità. Id-diskors jibda bil-kmand biex insiru bħat-tfal iż-żgħar. Fil-fatt, dan il-kmand mhuwiex ħaġa oħra għajr parafrasi tal-beatitudni: "Ħelwin ta' qalbhom safja". Hi stedina għas-sempliċità (mhux inġenwità), li hi dispożizzjoni għall-fiduċja f'Alla l-Mulej tal-istorja (ara Mt 6, 25-34). Imbagħad it-twiddiba dwar l-iskandlu. Ħadd fil-komunità ma jista' jkun newtrali, imma jew jgħin fil-mixja tal-komunità, inkella jfixkel (*'skandalon'* tfisser xkiel). Tkompli l-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa. Kull membru tal-komunità hu fid-dmir ifittex "in-nagħġa l-mitlufa", jgħin lil ħuh jew oħtu li b'xi mod jew ieħor hu/hi mitluf/a, li għandu/ha bżonn ftit aktar attenzjoni, mogħdrija, sens ta' solidarjetà u apprezzament. Imbagħad għandna r-riferenza għall-korrezzjoni fraterna (illum forsi jidħqu bik jekk issemmiha …. imma kemm aħwa li "tlifniehom" ma konniex nitilfuhom kieku bil-karità kollha rsaqna lejhom fil-mument propizju!). Fl-aħħar nett hemm il-parabbola dwar il-maħfra. Ħienja l-komunità fejn kull membru jirrealizza li għandu bżonn jiġi maħfur daqs kemm għandu bżonn li jaħfer!

## Ir-Radikaliżmu Evanġeliku

It-tieni rwol tal-ħajja reliġjuża bħala profezija għall-Knisja huwa dak tar-radikaliżmu evanġeliku. Kif ingħad fis-Sinodu Djoċesan ta' Malta: "Barra xhieda komunitarja, insemmu l-ħtieġa ta' xhieda ta' profezija li toħroġ mir-radikalità ta' ħajja skont l-Evanġelju" (ibid. n. 29). Għax il-ħajja reliġjuża tippreżenta lill-Knisja kollha l-mudell tal-Knisja tal-ewwel żmenijiet, fejn l-insara ma kienu ppreżentati b'ebda regola ta' ħajja għajr dik tal-Evanġelju; u tfakkar lill-insara li ma għandhomx jikkuntentaw ruħhom bi kristjaniżmu medjokri (dak li Dietrich Bonhöffer isejjaħlu

*"cheap grace, grace without discipleship, without the cross" – The Cost of Discipleship*), iżda jimmiraw għall-eEvanġelju tal-beatitudnijiet.

Fil-bidu tas-seklu tnax, f'diskors lill-monaċi ta' Grandmont, Stiefnu ta' Muret qal: "It-toroq differenti li fasslu l-Padri u li jissejħu 'Regoli' ta' San Benedittu, ta' Santu Wistin, ta' San Bażilju, ma jirrappreżentawx is-sisien veri tal-ħajja reliġjuża. Dawn mhumiex għajr friegħi ....... Ma hemmx għajr regola waħda ta' fidi u ta' salvazzjoni, ir-regola prinċipali u essenzjali, li minnha jnixxu l-oħrajn kollha: l-Evanġelju mqaddes li l-appostli rċevew mingħand il-Mulej .... Għalhekk ersqu lejn Kristu, id-dielja vera li tagħha intom il-frieġħi .... U jekk xi ħadd jistaqsikom x'inhi l-kundizzjoni tagħkom, ir-regola tagħkom, l-Ordni tagħkom, wieġbu li intom issegwu r-regola prinċipali u essenzjali tal-ħajja nisranija: l-Evanġelju, l-għajn u l-bidu ta' kull regola".

Għalhekk id-Digriet *Perfectae Caritatis*, meta jippreżenta l-prinċipji ġenerali għall-aġġornament tal-ħajja reliġjuża, iqiegħed fl-ewwel post is-*sequela Christi*, kuntrarjament għall-iskema oriġinali li kienet ġiet ippreżentata, u li kienet qegħdet fl-ewwel post il-kariżma tal-istitut.

Jikkummenta Bruno Secondin: *"Il Concilio aveva chiesto a tutti i religiosi di radicarsi in modo 'significativo' nella sequela evangelica e nella vita della Chiesa; non perché in antecedenza se ne fossero del tutto scordati, ma perché oggi tale radicamento appare conditio sine qua non di un'esistenza cristiana che voglia avere spazio legittimo e fecondità nella Chiesa"* (op.cit. p. 38).

Pawlu VI, fl-Eżortazzjoni Apostolika *Evangelica Testificatio* (n. 53) wera l-ħtieġa tar-rwol profetiku tar-radikaliżmu evanġeliku tal-ħajja reliġjuża: "Illum aktar minn qatt qabel id-dinja għandha bżonn kbir ta' rġiel u nisa li emmnu fil-Kelma ta' Alla, fil-qawmien tiegħu, u fil-ħajja ta' dejjem, tant li jiddedikaw ħajjithom kollha f'din l-art biex jagħtu xhieda ta' kemm hi minnha din l-imħabba li tingħata lill-bnedmin kollha". Il-kultura kontemporanja faret b'sinjali li ma jikkorrispondux mas-*signatum*: kemm naraw sinjali ta' mħabba imma ma narawx imħabba! naraw sinjali ta' paċi imma ma narawx paċi! Għalhekk ġara li din is-soċjetà tant hi mfawwra b'sinjali, li s-sinjal sar ma jfisser xejn għajr meta jkun sinjal *radikali*. Hu biss is-sinjal ta' radikaliżmu evanġeliku li jista' jkollu effett bħala sinjal fid-dinja tal-lum. Għalhekk din is-soċjetà għabbietna

bir-responsabbiltà li jew se nkunu sinjali radikali, inkella nispiċċaw sinjali maskra. Din hija l-isfida li qed tqegħdilna quddiemna s-soċjetà sekularizzata tal-lum, sfida li, ippermettuli ngħid, hija wkoll grazzja."

Tradizzjonalment, fil-ħajja kkonsagrata, din ir-radikalità evanġelika ġiet imfissra bit-tliet kunsilli evanġeliċi tal-kastità, faqar, u ubbidjenza. Ġwanni Pawlu II, fil-*Vita Consacrata*, fisser tajjeb ħafna kif dawn it-tliet kunsilli huma tweġiba għat-tliet sfidi kbar ta' żmenijietna: l-isfida tal-kultura edonistika, tar-regħba materjalista, u tal-libertà anomistika (nn. 88-91). Huma paragrafi magħrufin u ċari biżżejjed u ma nħossx il-ħtieġa li nikkummentahom.

L-istess dokument jippreżenta l-ħajja kkonsagrata bħala memorjal tal-ħajja u l-ħidma ta' Ġesù, bħala l-Verb Inkarnat f'relazzjoni mal-Missier u f'relazzjoni ma' ħutu l-bnedmin; hi tradizzjoni ħajja tal-ħajja u l-messaġġ tal-Feddej (n. 22). Preċiżament għalhekk id-dokumenti konċiljari u post-konċiljari saħqu ħafna fuq il-ħajja reliġjuża bħala sinjal ekkleżjali, eskatoloġiku, u morali. B'"sinjal morali" qed nifhem, fi kliem il-*Lumen Gentium* (n. 44c), "sinjal li jista' u għandu jiġbed b'mod effikaċi *lill-membri kollha tal-Knisja* biex jaqdu b'ħeġġa d-dmirijiet tas-sejħa nisranija". Hawnhekk naraha interessanti l-osservazzjoni ta' Pawlu VI (*Evangelica Testificatio* n. 13) meta jitħaddet fuq id-don tal-kastità kkonsagrata. Waqt li juri d-dinjità speċjali ta' dan id-don, Pawlu VI jkompli jgħid li b'daqshekk m'aħniex innaqqsu xejn mid-dinjità taż-żwieġ, li hu xbieha u sehem fil-għaqda ta' Kristu mal-Knisja; iżda l-kastità kkonsagrata "turi din l-għaqda b'mod aktar immedjat u twassal dik it-traxxendenza *li lejha għandha tersaq kull imħabba umana*".

Bħall-insara kollha, ir-reliġjużi huma mħeġġa biex "ma jimxux max-xejra ta' din id-dinja" (Rum 12, 2). Iżda aktar minn hekk, huma jridu joħolqu dinja differenti, kapaċi tagħti xhieda profetika. Dan jagħmluh sewwasew bl-esperjenza ħielsa u ferħana tal-kunsilli evanġeliċi, f'missjoni speċjali fi ħdan il-Knisja li turi aktar biċ-ċar id-dimensjoni eskatoloġika tal-ħajja nisranija, turi aktar biċ-ċar il-valur sempliċement relattiv ta' kull ma hu terrestri (ara  Kor 7, 29-31).

Żewġ riflessjonijiet qosra ta' xejra aktar spiritwali. L-ewwel nett, għalkemm il-Kostituzzjonijiet ta' kull Istitut jippreskrivu normi dwar il-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi, iżda ħarsien matur u awtentiku tal-kunsilli

jmur lilhin minn kull legaliżmu. L-ispirtu tal-kunsilli jittraxxendi n-normi, għax in-normi ma jistgħux ikopru l-ispirtu kollu evanġeliku. Wieħed jista' jgħix il-povertà preskritta mill-kostituzzjonijiet bla ma jkollu l-ispirtu tal-povertà. Jista' jkun osservantissmu fil-ħarsien tal-kastità inkwantu din tfisser sempliċement is-sitt kmandament tad-dekalogu, bla ma jkollu l-ispirtu tal-kastità. Madanakollu, billi l-kunsilli mhumiex il-fini, imma mezzi għall-fini, li hu l-karità perfetta, allura l-akbar dnub kontra l-kunsilli (speċjalment kontra l-kastità) hu dak ta' min jirrifjuta li jħobb, u l-ewwelnett lil ħuh fil-komunità. Il-komunità mhux biss tgħajjex il-kunsilli, iżda wkoll titgħajjex mill-kunsilli.

It-tieni riflessjoni. Xi mkien Nietzsche qal li r-reliġjużi, b'rashom mimlija li huma fl-istat tal-perfezzjoni, huma l-aktar nies suppervi. Jien persważ li Nietzsche mar żmerċ. Iżda ma jeżistix il-periklu li aħna, li tant imdorrijin nippridkaw lil ħaddieħor, u nippridkaw tajjeb, nispiċċaw aħna nfusna *very bad listeners*? Bħala nies li studjajna ħafna, faċli nsiru esperti biex niġġustifikaw lilna nfusna, jew indawwru lilna nfusna bil-*barbed wire*, u *"nieklu mill-frotta li hemm f'nofs il-ġnien"* (Ġen 3, 2). Illum nisimgħu ħafna dwar *self-esteem*, iżda ftit nisimgħu dwar l-umiltà, li hi t-triq tal-verità. Jeħtieġ niddistingwu bejn *self-esteem* u suppervja, u bejn *inferiority complex* u umiltà, waqt li niftakru li mhijiex possibbli l-imħabba nisranija mingħajr l-umiltà. Għax l-imħabba nisranija tinkludi l-esperjenza ta' mewt għalik innifsek, hi l-ħabba tal-qamħ li trid tmut biex tagħti l-frott.

## Il-Pluralità tal-Karizmi tar-Reliġjużi

Il-ħajja reliġjuża hi profezija għall-Knisja, ukoll hija u tirrivela d-diversi karizmi tad-diversi istituti. Id-dokumenti konċiljari ma użawx il-kelma "karizma", iżda użaw epressjonijiet bħal "l-ispirtu tal-fundaturi" (LG 45), "l-ispirtu u l-iskop tal-fundatur" (PC 2). Kien fl-1971 bl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelica Testificatio* li s-Santa Sede użat għall-ewwel darba l-espressjonijiet "karizma tal-fundatur" (n. 11), "karizma tal-ħajja reliġjuża" (n. 11) u "karizmi tad-diversi istituti" (n. 32).

Fl-1978 id-dokument *Mutuae Relationes* tkellem b'mod ferm aktar ċar u espliċitu dwar il-karizmi tal-fundaturi, b'mod li nistgħu ngħidu li

tana l-ewwel definizzjoni uffiċjali tal-kariżma fundazzjonali. Fin-n.11 jgħidilna li "l-kariżma tal-fundatur tidher bħala esperjenza tal-Ispirtu mgħoddija lid-dixxipli proprji, biex ikunu jistgħu jgħixuha, jħarsuha, japprofonduha u jiżviluppawha kontinwament f'armonija mal-Ġisem ta' Kristu dejjem jikber ..... Dan iġib miegħu ċertu stil partikulari ta' qdusija u ta' appostolat u joħloq it-tradizzjonijiet partikulari tiegħu". Imbagħad fin-n.12 id-dokument jagħti l-kriterji biex niddixxernu kariżma awtentiku. Żgur li ssibuh interessanti taqraw il-paragrafi kollha nn.11 u 12 ta' dan id-dokument importanti. Iżda naħseb xieraq nosservaw l-ewwel kelmiet tan-n.12, fejn naqraw: "Kull kariżma awtentika ġġib magħha l-qawwa ta' ċerta oriġinalità ġenwina fil-ħajja spiritwali tal-Knisja kif ukoll ta' dedikazzjoni partikulari għax-xogħol li, xi minn daqqiet, *tidher skomda u tista' tqajjem ukoll xi diffikultajiet*". Bħala eżempju naħseb biżżejjed insemmi l-każ taż-żewġ fundaturi kbar Maltin, li sabu mhux ftit oppożizzjoni min-naħa tal-ġerarkija: San Ġorġ Preca u Mons. Ġużeppi Depiro.

Dan li għedt sa issa jurina t-tielet mod kif, fl-ideja tiegħi, il-ħajja reliġjuża hi profezija għall-Knisja, sewwasew permezz tal-kariżmi tal-fundaturi, li kienu, u għadhom (grazzi għall-istituti li waqqfu u li għadhom ħajjin sal-lum), doni għall-Knisja kollha. Dawn il-kariżmi għamlu lill-Knisja aktar sensibbli dwar ċerti urġenzi jew eżiġenzi fi ħdanha. Min jista' jiċħad li l-kariżma Agostinjana u dik Karmelitana fetħu għajnejn il-Knisja għall-ġmiel tal-komunjoni ekkleżjali u għall-għatx għal Alla li hemm fil-bniedem? li l-kariżma Franġiskana u dik Dumnikana fetħulha għajnejha dwar il-valur tal-faqar evanġeliku u l-ħtieġa tax-xandir tal-Kelma? li l-kariżmi Injazjani, Sależjani, Lasalljani u dik ta' Mons. Depiro fetħu għajnejn il-Knisja fil-missjoni tagħha missjunarja u edukattiva?

Imma jkun żball kbir jekk nedhew nogħxew fuq il-glorji tal-imgħoddi u nagħalqu għajnejna għall-preżent u l-ġejjieni. Nafu biżżejjed kemm id-dokumenti kollha konċiljari u post-konċiljari jisħqu fuq ritorn għall-ispirtu tal-fundaturi u fedeltà għall-kariżma tal-istitut. Id-dokument *Optiones Evangelicae* tal-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u l-Istituti Sekulari, dwar ir-reliġjużi u l-promozzjoni umana (Awissu 1980) qiesha bħala urġenti l-ħtieġa ta' "fedeltà sħiħa kapaċi terġa' tqajjem illum, fil-ħajja

u l-missjoni ta' kull istitut reliġjuż, dik il-ħeġġa li biha kienu mqanqlin u mħeġġin mill-Ispirtu s-Santu fil-bidunett il-fundaturi tagħhom".

Iżda diġà alludejt għat-test fil-*Vita Consacrata* fejn Ġwanni Pawlu II jitħaddet fuq "fedeltà kreattiva". Mela titlob ħarsa profetika lejn il-preżent u l-ġejjieni. Reliġjużi li jħallu lilhom infushom jiġu paraliżżati mill-biża' jkunu qed joħonqu l-Ispirtu profetiku. Superjuri li jibżgħu jieħdu riskji jkunu qed iqegħdu l-kariżma fondazzjonali ġo vetrina f'mużew fejn titpaxxa tħares lejha, iżda ma tistax tużaha.

F'diskors kuraġġuż li l-Ġeneral tal-Ġiżwiti Pedro Arrupe kien għamel f'Jannar 1979 lill-membri tas-soċjetà huwa ppreżenta diversi figuri ta' reliġjużi li jagħmlu karikatura mill-missjoni tagħhom, fosthom it-tip tradizzjonalista li Arrupe jiddeskrivih b'dawn il-kelmiet: *"He flaunts conspicuously the external trappings and symbols of a bygone age... He may well be unhappy about empty churches and fewer people coming to him for spiritual guidance, but he is unlikely to wonder if this is partly due to his spiritual narrowness of view or to his refusal to keep up with changing ideas"* (*The Jesuits*, p. 170).

*"To keep up with changing ideas"*. Mhuwiex il-każ li "nimxu max-xejra ta' din id-dinja", imma l-każ li nkunu miftuħa għas-sinjali taż-żminijiet. Il-ħajja reliġjuża, u b'mod aktar speċifiku il-fundaturi tagħna, huma magħrufin għad-dehen tagħhom biex qraw is-sinjali taż-żminijiet. Jeħtieġ inkunu konvinti li, mill-mument tad-daħla tal-Verb ta' Alla fl-istorja, kull aspett tal-kundizzjoni umana jista' jsir veikulu tas-sinjali tal-preżenza tiegħu fid-dinja, kważi *locus theologicus*. Nissuġġerilkom taqraw bil-kwiet in-n.10 tal-Eżortazzjoni Appostolika *Pastores Dabo Vobis*, fejn Ġwanni Pawlu II jagħti ċerti prinċipji ermenewtiċi tassew interessanti għall-qari tas-sinjali taż-żminijiet.

Dan il-qari dejjem irid isir fid-dawl tal-fidi. Ma rridx intawwal iżżejjed, però ppermettuli nagħti eżempju li naħseb idawwalna. Huwa eżempju li nħobb nagħti ħafna meta nitħaddet fuq dan is-suġġett. Ġwanni, id-dixxiplu l-maħbub, daħal fil-qabar vojt li ftit qabel kien laqa' fih il-kadavru ta' Ġesù. Qabel Ġwanni kienu daħlu ħafna nisa, li ħarġu diżappuntati. Il-qabar vojt, minnu nnifsu, ma kienx prova li Ġesù kien irxoxta. Madanakollu dwar Ġwanni, u dwaru biss, jingħad li "ra u emmen". Il-qabar vojt kien għalih *sinjal* ta' Ġesù rxuxtat. Imma dan

kien id-dixxiplu l-maħbub, li hu wkoll id-dixxiplu ideali, dak li għandna nkunu jien u int, id-dixxiplu li fl-aħħar ċena kien qrib qalb Ġesù. Meta aħna wkoll nistrieħu ħdejn qalb Ġesù nkunu kapaċi nilmħu s-sinjali tal-preżenza tiegħu *anki f'qabar*! Anki f'soċjetà ttimbrata b'kull xorta ta' "iżmu", aħna, werrieta tal-kariżmi tal-fundaturi tagħna, jeħtieġ naraw is-sinjali tal-preżenza tal-Mulej. Għax, kif ittenni l-*Pastores Dabo Vobis*, anki f'sinjali negattivi jista' jkun hemm mistoħbi xi valur li jkun qed jistenna l-ħelsien tiegħu.

**Fil-Knisja Lokali għall-Knisja Universali**

Hemm mod ħażin kif tista' tiġi interpretata l-eżenzjoni tar-reliġjużi mill-ġurisdizzjoni tal-ordinarju tal-post. Tista' tiġi interpretata bħala kundizzjoni importanti b'risq il-missjoni tal-istitut għall-Knisja universali b'mod li nonqsu li naraw l-impenn pastorali tal-istitut fil-knisja lokali.

Dwar il-post u l-inseriment tal-ħajja reliġjuża fil-knisja lokali jidhirli li tkellmu tajjeb ħafna żewġ teoloġi kbar u magħrufa tal-ħajja reliġjuża: id-Dumnikan Kanadiż Jean Marie Tillard u l-Karmelitan Taljan Bruno Secondin f'diversi kitbiet tagħhom. U dan fid-dawl tal-ekkleżjoloġija żviluppata mal-Konċilju Vatikan II. Jgħid Tillard li viżjoni ġdida tal-Knisja teżiġi mod ġdid ta' kif inkunu reliġjużi. U jikkummenta: *"Come potrebbero la Compagnia di Gesù o l'Ordine dei frati Predicatori ritenersi fedeli a Ignazio di Loyola o a Domenico se si ostinassero a rifiutare tutto ciò che, nelle prospettive dell'attuale ecclesiologia, non concorda più con le concezioni della controriforma o della teologia medioevale? Per ciò stesso essi si porrebbero ai margini dell'azione dello Spirito, confondendo fedeltà e conservatorismo"* (*Per una Nuova Primavera*, p. 36).

Nafu biżżejjed li l-ekkleżjoloġija tal-Konċilju Vatikan II għamlet qabża kbira minn diskors fuq il-knisja universali li ssir preżenti fil-knejjes lokali għal diskors fuq il-knejjes lokali li flimkien jikkostitwixxu l-knisja universali. Il-ħajja reliġjuża hi neċessarjament forma konkreta ta' ħajja, u hi fil-knisja sewwasew għax hi fi knisja lokali, f'kultura u f'missjoni determinati (anki jekk hi komunità klawstrali kontemplattiva). Nerġa' nikkwota lil Tillard: *"Questa visione della Chiesa .... obbliga gli ordini o congregazioni apostoliche a rileggere il progetto originario*

*in funzione di ciò che si è definito ‘la strategia apostolica della chiesa locale’; e ciò anche se esenti e (cosa che ci pare si imponga sempre più) devono restarlo”*. U Secondin: *“La comunità religiosa dovrebbe essere come un perno di congiunzione nella Chiesa locale, deve vivere in osmosi con il cammino della comunità, sollecitando nuove forme di solidarietà e di partecipazione”* (p. 114).

Għalhekk kull pjan pastorali ta’ djoċesi jeħtieġ neċessarjament jinkludi lir-reliġjużi. Tajjeb nosservaw dak li ntqal fis-Sinodu Djoċesan a propożitu ta’ dan li qed ngħid: “(Ir-reliġjużi) għandhom jikkollaboraw u jagħmlu proġetti ma’ reliġjużi oħra u mal-membri kollha tal-Knisja, l-aktar fil-kuntest tal-pjan pastorali tad-djoċesi.” Iżda immedjatament wara dawn il-kelmiet iżid jgħid: “Huwa importanti li filwaqt li ssir din il-kollaborazzjoni, tibqa’ tidher, tinħass u tingħex il-kariżma proprja tal-familji reliġjużi differenti” (loc. cit.). La l-knisja lokali ma tista’ tinjora l-preżenza u l-ministeru kif ukoll il-kariżmi speċifiċi tal-istituti reliġjużi, u lanqas l-istituti reliġjużi ma jistgħu jinjoraw ir-rwol u d-dmirijiet li għandhom fi ħdan il-knisja lokali. *Mutuae Relationes* bosta drabi jirriferixxi għar-relazzjoni bejn il-knisja lokali u l-istituti reliġjużi, u li r-reliġjużi huma msejħin għal korresponsabbiltà, solidarjetà, u promozzjoni ta’ inizjattivi ġodda: huma inklużi fil-mixja tal-knisja lokali, fedelment lejn il-kariżma tagħhom.

Dokument ieħor li jittratta dan il-punt importanti hu *Optiones Evangelicae*, promulgat sentejn wara l-*Mutuae Relationes*. F’dan id-dokument naqraw: “Fil-Knisja, miftuħa għal kull sura ta’ ministeri, huma u jikbru bla heda b’mod ordinat fl-ispirtu komunitarju, ir-reliġjużi jistgħu jsibu suriet ġodda ta’ parteċipazzjoni attiva, waqt li jinvolvu dejjem aktar il-komunità nisranija fl-inizjattivi u l-opri tagħhom. B’hekk ikunu jistgħu juru x’għajnuna tista’ tagħti l-kariżma partikulari tagħhom biex iġġib ’il quddiem il-ministeri li jaqblu ma’ l-għanijiet appostoliċi u soċjali tal-istitut tagħhom” (6c).

Fiż-żewġ dokumenti li semmejt hemm enfasi kbira li l-inseriment fil-pastorali tal-knisja lokali għandu jsir dejjem fid-dawl tal-, u f’konformità mal-kariżma partikulari tal-Istitut. Meta fl-Albanija kienet se tiġi xi kongregazzjoni ġdida ta’ reliġjużi (speċjalment fil-każ ta’ sorijiet) dejjem kont nagħtihom il-parir li mhux biss jitkellmu biċ-ċar mal-

isqof dwar il-kariżma tal-istitut, iżda wkoll possibbilment jagħtuh kopja tal-kostituzzjonijiet. (Bis-saħħa ta' hekk ma ngħidilkomx kemm imlejt xkaffi b'kotba tal-kostituzzjonijiet tar-reliġjużi...). Diskors ċar dwar dan jevita ħafna malintiżi. Tillard jitkellem fuq "pastorale d'insieme", li biha qed jifhem *"coesione e complementarietà dei diversi carismi in vista dell'opera comune. Né cacofonia, né coro a una sola voce, anche se proposto dalla gerarchia"* (p. 39). U jżid: *"Compito del carisma episcopale è quello di promuovere e coordinare gli altri carismi, non di ridurre tutti al comune denominatore dei propri progetti"* (p. 43).

## Għeluq

Niftakar żminijiet ta' tensjoni li għaddiet minnhom il-ħajja reliġjuża fl-aħħar tas-sittinijiet u fl-ewwel nofs tas-sebgħinijiet. Kien żmien meta beda l-eżodu ta' ħafna reliġjużi u bdiet tinħass il-kriżi tan-nuqqas ta' vokazzjonijiet. Iżda kien żmien meta ma konniex nafu fejn aħna, meta kienet qed tiġi kwestjonata l-istess identità tagħna. Kien għal din ir-raġuni li Pawlu VI, fl-1971, ippubblika l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelica Testificatio*.

Illum ma naħsibx li għadna nistgħu ngħidu li għandna kriżi ta' identità. Iżda nafu fejn sejrin? Ejjew inġibu quddiem għajnejna x-xena tal-aħħar ċena. Ġesù qed iqawwi qalb l-appostli għax sejjer iħejjilhom fejn joqogħdu, "u t-triq għall-post fejn sejjer – qalilhom – intom tafuha". Jaqbeż Tumas, l-appostlu post-modern, pessimista, ċiniku, li dejjem iħassar il-festi, u jgħidlu: "Aħna lanqas biss nafu fejn inti sejjer, aħseb u ara kemm nistgħu nkunu nafu t-triq!" U t-tweġiba ta' Ġesù: "*Jiena* hu t-triq". U Tumas, nimmaġina jien, qal bejnu u bejn ruħu: "Ħmir konna u mija bqajna!" L-appostli jridu direzzjonijiet ċari: Għidilna fejn sejjer, urina t-triq! U Ġesù jwieġeb: "It-triq hija persuna, hija jien. Afdaw fija!"

Meta ftit sigħat wara rawh imbenġel u msallab, forsi qalu: "L-imgħallem ma kien triq xejn. Kien sempliċi sqaq!" Forsi wkoll ftakru f'dawk il-kelmiet ta' Ġesù: "Afdaw fija, jiena rbaħtha d-dinja". U allura qalu: "X'waħda mar żmerċ!" Iżda r-riżurrezzjoni kienet it-tweġiba għall-imbeċillità u x-xettiċiżmu tagħhom.

Forsi aħna wkoll għandna ftit jew wisq mill-imbeċillità u x-xettiċiżmu tal-appostli. Aħna wkoll, bħall-appostli, irridu direzzjonijiet ċari. Aħna wkoll, bħan-nisa twajba, nimmaġinaw li se nsibu u naraw il-kadavru ta' Ġesù. U f'dan il-mument għandna bżonn nerġgħu nisimgħu dawk il-kelmiet ta' Ġesù lill-appostli: "Afdaw fija!" Jew il-kliem tiegħu lil Marta: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Temmnu inti dan?" U aħna nwieġbu: "Iva Mulej, jiena nemmen. Iżda int għinni fin-nuqqas ta' fidi tiegħi!"

Paul Tillich (*The Shaking of the Foundations*, p. 166) jirrakkonta li waqt it-Tieni Gwerra Dinjija f'Wilna, fil-Polonja, il-Lhud, biex jiskansaw mill-qilla tan-nazisti, marru jistaħbew fl-oqbra taċ-ċimiterju ta' dik il-belt. Waħda mara tqila, f'wieħed minn dawn l-oqbra wildet tifel. Xwejjaħ ta' tmenin sena, li ra dan kollu, infexx jgħajjat: "Kbir Alla, jaqaw fl-aħħar bgħattilna l-Messija? Għax min jekk mhux il-Messija jista' jitwieled f'qabar?" Effettivament it-tifel, li ma kellux x'jerda' għajr id-dmugħ li ġelben ma ħaddejn ommu, miet wara tlitt ijiem. Iżda, jgħid Tillich, l-għajta ta' dak ix-xwejjaħ fissret verità kbira: Min jekk mhux il-Messija jista' jitwieled f'qabar? U aħna? Aħna kapaċi nitwieldu u nwelldu f'qabar? Ġwanni Pawlu II bosta drabi tkellem fuq il-kultura ta' żminijietna bħala "kultura tal-mewt". Jalla aħna, imdawlin bil-fidi u mqawwijin fit-tama, inkunu kapaċi nilmħu sinjali tal-ħajja anki fil-"kultura tal-mewt"!

# KONTRIBUTURI KNISJA 2000

## *Ħarġa Numru 157*

***Fr Prof. Joseph Agius OP*** twieled ir-Rabat fit-2 ta' Ġunju tal-1943. Daħal mal-Patrijiet Dumnikani fl-1960 u għamel l-istudju fil-*Pontificia Università San Tommaso d'Aquino* (Angelicum) f'Ruma fejn ordna saċerdot fl-1968. Fl-1969 huwa ntbagħat jistudja fl-*École Biblique* ta' Ġerusalemm fejn kiseb id-Dottorat fit-teoloġija. Fl-1972 huwa kiseb il-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa mill-Kummissjoni Pontifiċja Biblika. Huwa għallem għal ħafna snin l-Iskrittura fil-Pontificia Università San Tommaso (1974-2015) u f'istituzzjonijiet ekkleżjastiċi oħra kemm f'Malta u anki barra. Kien darbtejn Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-*Angelicum* u Rettur tal-istess Università bejn is-snin 2005-09. Huwa ttraduċa l-kotba ta' Esdra, Nehemija u Bin Sirak għall-Bibbja bil-Malti ppubblikata mill-Għaqda Biblika Maltija. Kiteb diversi artikli fuq temi bibliċi f'rivisti Maltin u internazzjonali. Bħala rikonoxximent tal-ħidma akkademika tiegħu, l-Ordni Dumnikan tah it-titlu ta' *Magister in Sacra Theologia* fl-2019.

***Fr Dr Sinclair Bugeja*** huwa saċerdot tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Huwa kiseb il-Baċellerat fit-Teoloġija u l-Liċenzjat fil-Pastorali mill-Università ta' Malta. Huwa kompla l-istudji fl-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma fejn kiseb il-Liċenzjat u mbagħad id-Dottorat fl-Iskrittura Mqaddsa fl-2025. Huwa ċ-Chairman tal-Fondazzjoni Biblika Maltija u jservi bħala saċerdot fil-Paroċċa ta' Santa Marija f'Birkirkara.

***L-ET Mons. Ġorġ Frendo OP*** twieled Ħal Qormi fl-1946 u ngħaqad mad-Dumnikani fl-1962. Huwa għamel l-istudji tiegħu ta' formazzjoni fil-Kulleġġ San Tumas t'Akwinu fir-Rabat u ordna saċerdot fl-1969. Fl-1970 kompla l-istudji tiegħu fid-Dritt Kanoniku fil-*Pontificia Università San Tommaso d'Aquino* (Angelicum) fejn kiseb id-Dottorat fl-1973 b'teżi bl-isem 'Indissolubility and Divorce in the Thirteenth Century Theologians'. Huwa qeda diversi uffiċċji kemm fl-Ordni Dumnikan u anki fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Fl-1997 huwa beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala missjunarju fl-Albanija. Fl-2006 ġie kkonsagrat Isqof Awżiljarju tal-Arċidjoċesi Tirana-Durres filwaqt li fl-2016 inħatar Arċisqof tal-istess Arċidjoċesi. Fl-2021 irritorna Malta u qed jgħix fil-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat.

***Fr Raymond Gatt OP*** twieled fil-Belt Valletta fl-1966. Daħal fl-Ordni tal-Predikaturi fl-1983 u ġie ordnat presbiteru fl-1993. Huwa studja l-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Psikoloġija (1986-89) u t-Teoloġija (1989-92) fl-Università ta' Malta u wara kompla l-istudju tiegħu fl-*Institute Catholique de Toulouse* fi Franza fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija fl-1994. Huwa serva f'diversi uffiċċji tal-Ordni Dumnikan kemm f'Malta u anki għal xi żmien fl-Albanija. Huwa ilu editur tar-rivista Dumnikana *Knisja 2000* sa mill-1994. Bħalissa huwa qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-knisja ta' Sidtna Marija tal-Għar u ta' San Duminku fir-Rabat u huwa membru tal-Kunsill Presbiterali tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

***Fr Prof. Martin Micallef*** kien ordnat presbiteru fl-1993 u huwa Professur u Lettur fid-Dipartiment tal-Iskrittura fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Huwa speċjalizza fix-Xjenzi Bibliċi permezz ta' Masters mill-Università ta' Oxford u Dottorat mill-Università ta' Malta. Huwa l-editur tal-*Melita Theologica* pubblikata mill-istess Fakultà tat-Teoloġija u hu awtur ta' diversi kotba u artikli. Huwa wkoll membru tal-Bord Akkademiku tal-Malta Bible Foundation.

***Mons. Prof. Hector Scerri*** minn Santa Venera, twieled Ħ'Attard fl-1965. Kien ordnat presbiteru fl-1993. Kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija mill-*Pontificia Università Gregoriana* fl-1998. Hu għallem it-Teoloġija Dommatika fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta sa mill-1998, fejn kien Kap tad-Dipartiment (2001-16) u Viċi-Dekan (2015-19). Huwa jgħallem ukoll fis-Seminarju ta' Għawdex sa mill-2008. Hu President tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana tal-Arċidjoċesi ta' Malta, u President tal-Kummissjoni Duttrinali tal-Konferenza Episkopali Maltija. Huwa Direttur tal-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi u Assistent Ekkleżjastiku ta' *Aid to the Church in Need* (Malta). Kien maħtur mill-Papa Franġisku Konsultur tad-Dikasteru għall-Ghaqda fost l-Insara fl-2014. Is-Santa Sede ħatritu fl-2024, membru tal-Kummissjoni Internazzjonali Konġunta għad-Djalogu Teoloġiku bejn il-Knisja Kattolika u l-Knisja Ortodossa. Huwa l-President-Fundatur tas-Soċjetà Patristika Maltija mill-2015.

***Fr Dr Justin Schembri OP*** daħal fl-Ordni tal-Predikaturi fl-1997. Wara n-novizzjat (2000) u l-professjoni sempliċi (2001), huwa studja l-Filosofija u l-Psikoloġija fl-Università ta' Malta. Fl-2004 huwa beda l-istudju tat-Teoloġija fil-Facultà di Teologia dell'Emilia Romagna (FTER) f'Bologna. Fl-1 ta' Lulju 2007 huwa ġie ordnat presbiteru. Fl-2008 kompla l-istudji tiegħu fil-Pontificio

Istituto Biblico (PIB) f'Ruma fejn kiseb il-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa (2012). Imbagħad huwa għadda biex ikompli l-istudji għad-Dottorat fit-Teoloġija Biblika fejn fl-2018 huwa kiseb id-Dottorat mill-Pontificia Università San Tommaso d'Aquino (Angelicum), fejn issa qiegħed jgħallem full-time it-Teoloġija Biblika.

***Mons. Joseph Sultana*** twieled fil-21 ta' Mejju 1976 fir-Rabat Għawdex. Ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Ġunju 2001. Wara li ħa l-Baċċellerat fit-Teoloġija mis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex, huwa kompla l-istudji teoloġiċi fl-Istitut Pontifiċju Bibliku ġewwa Ruma fejn kiseb il-Liċenzjat fix-Xjenza Biblika. Wara għamel it-tħejjija għad-Dottorat fit-Teoloġija Biblika fl-Università Pontifiċja Gregoriana. Huwa wettaq ħidma pastorali fil-Parroċċa tan-Natività f'Ruma, kien Arċipriet fl-Gharb u tal-Katidral fil-Belt Victoria f'Għawdex. Huwa lettur fis-Seminarju ta' Għawdex kif ukoll jagħti korsijiet f'kollaborazzjoni mal-IPM tad-Djoċesi t'Għawdex u mal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta. Bħalissa huwa qed jaqdi l-uffiċċju ta' Segretarju Pastorali tad-Djoċesi ta' Għawdex.

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

1 L-Evanġelizzazzjoni (eżawrit)
2 Marija
3 Iż-Żwieġ u l-Familja (eżawrit)
4 Bioġenetika
5 L-Ewkaristija (eżawrit)
6 Iż-Żgħażagħ
7 It-Teoloġija tal-Liberazzjoni
8 Il-Lajċi
9 Reliġjon u Kultura
10 Ir-Reliġjużi
11 Is-Setet
12 Il-Papa jkellem lil Malta (eżawrit)
13 Il-Magħmudija
14 Il-Paċi
15 Il-Konfirmazzjoni
16 L-Adozzjoni
17 Il-Liturġija
18 Lejn Soċjetà Umana
19 Lejn Soċjetà Mġedda
20 Is-Sens Reliġjuż
21 Valuri Umani
22 Spiritwalità Nisranija
23 Soċjetà u Kristjaneżmu
24 L-Ordni Sagri
25 Iż-Żwieġ
26 Il-Qrar
27 Twemmin – Xandir – Xhieda
28 Fidi u Politika
29 Il-Familja
30 Knisja u Kultura
31 Id-Dilka tal-Morda
32 Is-Sesswalità Umana
33 Is-Sataniżmu (eżawrit)
34 Il-Bibbja
35 Il-Mewt
36 Il-Mara
37 Il-Festi
38 It-Tfulija
39 Il-Movimenti Ġodda fil-Knisja
40 Min hu Ġesù Kristu?
41 Il-Valur tax-Xogħol
42 Iż-Żgħożija
43 Ir-Reliġjonijiet
44 L-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja tan-Nisrani
45 It-Talb: Ilbieraħ u Llum
46 Il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija
47 L-Anzjani fis-Soċjetà
48 Min hu Alla l-Missier?
49 L-Ispiritwalità Dumnikana
50 Kelmet Alla f'Ħajjet il-Bniedem
51 Il-Ħarsien tal-Ambjent
52 Il-Knisja: Oriġini u Żvilupp
53 Il-Bniedem u l-Isport
54 L-Eskatoloġija: Il-Ħajja Futura
55 L-Anġli: Simboli jew Realtà
56 L-Abort: il-Qtil tal-Innoċenti
57 It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
58 L-Ekumeniżmu
59 L-Ewtanasja
60 Il-Parroċċa: Il-Komunità li Temmen
61 San Tumas ta' Akwinu: Ilbieraħ u Llum
62 Il-Globalizzazzjoni: Vantaġġi u Żvantaġġi
63 Sejħa – Dixxerniment – Missjoni
64 New Age u Movimenti oħra
65 Il-Konċilju Vat. II: Fejn Wasalna?
66 Il-Kloning: il-Qerda tal-Bniedem
67 L-Annimali fuq l-Aġenda Nisranija
68 Saħħa – Mard – Fejqan
69 Id-Droga: il-Pjaga ta' Żmienna

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

70 L-Islam: Fidi u Għajxien
71 L-Omosesswalità mil-Lenti Kristjana
72 Santu Wistin: Ħajtu u Ħidmietu
73 Alkoħoliżmu u Logħob tal-Azzard
74 Knisja u Edukazzjoni
75 It-Tifsira taż-Żmien
76 San Pawl: l-Appostlu tal-Ġnus
77 Dnubiet Soċjali
78 Il-Prietka tal-Muntanja (Mt 5-7)
79 L-Istudju tat-Teoloġija
80 Il-Kruha tar-Razziżmu
81 Nistaqsi, Nemmen, Ngħix
82 Ġwanni Pawlu II, il-Kbir
83 It-Teżor tal-Ħbiberija
84 Reliġjon u Letteratura
85 Is-Sagramenti f'Ħajjitna
86 Theddid u Sfidi Dinjija
87 "Hu… li Ħalaq is-Sema u l-Art"
88 Insaħħu l-Familji Tagħna
89 Bioetika: l-Aħħar Żviluppi
90 Ir-Relazzjoni Fidi u Raġuni
91 Is-Saċerdozju Taħt il-Lenti
92 It-Tmexxija Demokratika Llum
93 Okkult u Sataniżmu: Fejn jiltaqgħu?
94 Marija ta' Nazaret: Ikona għal Ħajjitna
95 L-Ordni Dumnikan: Ilbieraħ u Llum
96 Il-Fenomenu tal-Migrazzjoni
97 San Ġorġ Preca: l-Ewwel Qaddis Malti
98 Il-Feminiżmu u l-Mara fis-Soċjetà
99 Il-Mużika Sagra fil-Mixja Nisranija
100 Lejn Evanġelizzazzjoni Ġdida
101 Il-Memorja tal-Olokawst (1939-45)
102 Ġurnaliżmu: Verità tal-Aħbar?
103 Id-Don u l-Pedagoġija tal-Fidi
104 Post il-Persuni b'Diżabilità fis-Soċjetà
105 Il-bżonn tal-mistrieħ u l-ħin liberu
106 Il-Quddiesa: storja, tifsira, għajxien
107 L-Evanġelju ta' Papa Franġisku
108 Noti fuq il-Poeżija Reliġjuża Maltija
109 Nemmen fil-Ħajja Eterna
110 Indiċi (Mejju 1988 – Diċ. 2014)
111 L-Isqof: Sejħa u Missjoni
112 Oscar Romero
113 Bibbja u Ċinema
114 Il-Ħidma tal-Iskular Bibliku fil-Knisja
115 Il-Ħniena t'Alla fil-Ħajja Nisranija
116 Id-Dumnikani: għas-servizz tal-bniedem
117 Vjolenza u Terroriżmu: Fejn sejrin?
118 L-Għerf tal-Papiet fl-Enċikliki
119 Madre Tereża
120 Il-Kultura Neo-Liberali
121 Il-Parabboli: Mir-Rakkont għall-Azzjoni
122 Il-Problema tal-Faqar
123 Luteru u r-Riforma
124 L-Isfida tal-Multikulturaliżmu
125 Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja
126 L-Etika fil-Politika
127 Wirt Pawlu VI
128 Ħsibijiet fuq id-*Divina Commedia*
129 Ħarsa lejn id-Dutturi tal-Knisja
130 Fuq l-Era Diġitali

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

131 L-Għajta ta' Ommna l-Art
132 Il-Knisja u s-Sette Giugno
133 Mistiċi Nisa
134 John Henry Newman
135 Favur il-Ħajja fil-Ġuf
136 Is-Sena Liturġika tal-Knisja
137 Nipproteġu lit-tfal tagħna
138 Perspettivi fuq Mosè
139 Ġustizzja – Impenn – Solidarjetà
140 Dun Karm: Għadu Rilevanti?
141 Lejn Knisja Sinodali
142 Dietrich Bonhoeffer: Profeta u Martri
143 Il-Virtù tal-Ospitalità
144 Komunikazzjoni u Evanġelizzazzjoni
145 Teoloġi Kattoliċi ta' Żmienna
146 Temi f'Tumas t'Akwinu
147 Għarfien il-Ħajja Umana
148 Il-Politika u l-Ġid Komuni
149 Il-Mixja tal-Konċilji Ekumeniċi
150 L-Għan tat-Tama
151 Mistiċi Rġiel Insara
152 Riflessi fuq Kristu
153 Oliver Friggieri: Ħassieb u Kittieb
154 Il-Paċi: Ħolma jew Realtà?
155 Niskopru s-Salmi
156 "Irgħa n-nagħaġ tiegħi" Studji f'ġieħ Mons. Ġorġ Frendo OP

# Inkomplu nibnu Knisja elfejn

Il-Provinċja Dumnikana Maltija fl-1988 bdiet inizjattiva ta' tagħlim nisrani għas-soċjetà Maltija permezz tal-volumi **Knisja 2000**. Il-Provinċja ta' dak iż-żmien, taħt it-tmexxija ta' Patri Pawl Cremona OP, Eks Arċisqof ta' Malta, kienet tenniet li dan għandu jkun strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jistgħu jgħixu l-Kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem sfidi li jitfaċċaw.

**Knisja 2000** żammet dan l-appuntament u llum qed nipproponu lilek biex inti tabbona f'din l-enċiklopedija ta' tagħlim nisrani magħmula minn volumi li kull darba jittrattaw suġġett ta' morali, teoloġija, fidi u issues soċjali li jfeġġu fis-soċjetà Maltija.

aqta' hawn ✂

## Applikazzjoni Abbonamenti

KOMUNIKAZZJONI DUMNIKANA

☐ Nixtieq nabbona fi Knisja 2000 **għal sena** bil-prezz ta' €21

☐ Nixtieq nabbona **għal tliet snin** bil-prezz ta' €40

☐ Nixtieq li tibgħatli dawn il-**back numbers** bil-prezz ta' €5 għal kull volum

**Isem**

**Indirizz**

**Kodiċi Postali**

**Telefon** **E-mail**

**Back numbers li tixtieq:**

**Ibgħat ċekk lil: FR RAYMOND GATT OP**
**Kunvent Patrijiet Dumnikani, Misraħ San Duminku, Rabat RBT 2521**